# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 17/2006 BS**

**AS**

**-vs-**

**FS**

**Il-Qorti;**

## A. PRELIMINARI:

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] illi ppremettiet:**

i. ILLI l-kontendenti żżewgu fit-tlieta (3) ta' Ġunju elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984), liema żwieġ ġab bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti;

[1] Rik. Ġur. a fol. 1 sa 2.

ii. ILLI l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u [i]mmobbli li ġew akkwistati kemm bejniethom kif ukoll matul iż-żwieġ, investimenti ta' flus fil-Banek u fil-Borża ta' Malta, interessi f'kumpaniji privati u pubbliċi, flus kontanti, qligħ tan-negozju, ġestjoni tan-negozju, u konsistenzi u sustanzi oħra, u l-passiv li jirriżultaw f'aktar dettal fil-kors tal-kawża;

iii. ILLI l-imġieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti [sic] kienet f'dawn l-aħħar snin tali li tipperikola l-interessi tal-esponenti kif ukoll tal-familja;

iv. ILLI l-esponenti trid li tiġi terminata, likwidata, u diviża din il- komunjoni u li hi tieħu nofs il-beni li jirriżultaw u nofs il-passiv li ġie kkuntrattat bil-kunsens jew konoxxenza tagħha wkoll.

**Talbet għalhekk lill din il-Qorti:**

1. **TIDDIKJARA** xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

2. **TILLIKWIDA** l-istess komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f'dawk il-beni ta' kull xorta u natura, konsistenzi, u sustanzi li jirriżultaw fil-kors tal-kawża, u f'dak il-passiv li jirriżulta li ġie kkuntrattat bil-kunsens jew konoxxenza wkoll tal-attriċi;

3. **TAQSAM** il-komunjoni tal-akkwisti u tassenja nofs il-beni u l-passiv hekk riżultanti lill-esponenti.

**BL-ISPEJJEŻ** inklużi tal-mandat ta' sekwestru numru 150/2006 kontra l-intimat, u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] illi eċċepixxa:**

1. ILLI ma huwiex mogħti d-dritt lil xi waħda mill-konjuġi illi titlob it-terminazzjoni tal-kumonjuni tal-akkwisti [sic] mingħajr ma jitlob is-separazzjoni personali;

2. ILLI fil-fatt kawża għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti [sic] ma hijiex prevista fil-liġi Maltija u komunjoni tal-akkwisti [sic] meta ma hemmx separazzjoni personali hija prevista biss mill-liġi [sic] bill-kunsens taż-żewġ partijiet, b'att pubbliku u bil-kunsens, ossia awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti;

3. ILLI fil-fatt l-artiklu 1316 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16), jagħmilha ċara illi kull żwieġ f'Malta iġib [sic] ipso jure bejn il-miżżewġin il-komunjoni tal-akkwisti [sic] u fl-artiklu 1318, jagħmilha ċara illi il-partijiet [sic] ma jistgħux jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi sa fejn dawn ji[k]konċernaw il-komunjoni tal-akkwisti [sic];

4. ILLI fil-fatt dan huwa punt ta' ordni pubbliku illi ma jistax jiġi derogat u l-ebda waħda mill-partijiet m'għandha d-dritt titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti [sic] unilateralment mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, dment illi ż-żwieġ bejn il-konjuġi għadu fis-seħħ u m'hemmx separazzjoni personali bejn il-miżżewġin;

5. ILLI l-unika deroga f'dan ir-rigward hija dik prevista mill-artiklu 1325 (1) tal-Kap 16 fejn il-Qorti kontenzjuża tista' fuq talba ta' parti fiż-żwieġ tordna illi l-parti l-oħra tkun esklużа mill-<u>amministrazzjoni</u>

---
[2] Risposta ġuramentata a fol. 5 sa 6.

tal-komunjoni meta jirrikorru kundizzjonijiet speċjali kif hemmhekk elenkat iżda bl-ebda mod ma tipprevedi t-terminazzjoni jew il-likwidazzjoni tal-komunjoni;

6. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost qabel ma proċediet b'kawża simili l-attriċi kellha l-ewwel tmur quddiem din il-qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha volontarja u takkwista d-debita awtorizzazzjoni min hemm;

7. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċepjenti jinnega dak elenkat fit-tielet paragrafu tar-rikors ġuramentat u ċioè illi l-imġieba tiegħu, b'xi mod jipperikola l-amministrazzjoni l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti [sic]. Anzi għal[l]-kuntrarju f'dawn l-aħħar snin kif jirriżulta mil[l]-provi, l-esponenti għamel profitti ta' natura sostanzjali;

8. ILLI l-esponenti fil-fatt jopponi għax-xoljiment u separazzjoni u komunjoni tal-akkwisti [sic], mhux biss għaliex din ma hijiex permessa mill-liġi [sic], iżda għaliex m'hemm l-ebda raġuni illi tiġġustifika dan;

9. ILLI id-domandi [sic] attriċi huma [i]nfondati fid-dritt u fil-fatt;

10. ILLI din ir-risposta qed tiġi ikkonfermata [sic] bil-ġurament minn FS li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in eċċezzjoni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti;**

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2007 il-Qorti kkonċediet xahar żmien lill-konvenut sabiex jissustanzja l-eċċezzjoni preliminari tiegħu;[3]

**Rat** in-nota tal-konvenut tas-16 ta' Frar, 2007 referibbilment għall-eċċezzjoni preliminari tiegħu;[4]

**Rat** in-nota responsiva tal-attriċi tat-12 ta' Marzu, 2007 li saret b'risposta għal dik tal-konvenut tas-16 ta' Frar, 2007;[5]

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2007 l-attriċi kkonfermat in-nota responsiva tagħha tat-12 ta' Marzu, 2007 bil-ġurament tagħha;[6]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-22 ta' Marzu, 2007 il-partijiet qablu li l-kawża tiġi differita għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari—paragrafi 1 sa 6 fir-risposta ġuramentata—tal-konvenut;[7]

**Rat** l-atti sussidjarji li segwew dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut;[8]

**Rat** id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta mogħti nhar il-5 ta' April, 2007 li bih ġiet miċħuda talba tal-konvenut għall-konessjoni tal-kawża odjerna ma oħra ta' separazzjoni personali[9] bejn l-istess partijiet;[10]

**Rat** is-sentenza parzjali li nghatat mil-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-12 ta' April, 2007 dwar l-eċċezzjoni preliminari—paragrafi 1 sa 6 fir-risposta ġuramentata—tal-

---

[3] Verbal a fol. 7.
[4] Nota a fol. 12 u 13.
[5] Nota responsiva a fol. 16 u 17.
[6] Verbal a fol. 18 u 19.
[7] Verbal a fol. 18 u 19.
[8] Rikors tal-konvenut a fol. 20, risposta tal-attriċi a fol. 22, nota ta' replika tal-konvenut a fol. 23 u 24 u oħra a fol. 25.
[9] Kawża numru 6/2007.
[10] Digriet a fol. 26 u 27.

konvenut. B'din is-sentenza parzjali l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari—paragrafi 1 sa 6 fir-risposta ġuramentata—tal-konvenut li l-kawża odjerna m'għandhiex bażi legali u dan ai termini tal-Artikolu 1332 tal-Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta li jippermetti kawża għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qsim tal-beni tal-istess komunjoni mingħajr in-necessità ta' talba kontestwali għas-separazzjoni personali u mingħajr il-ħtieġa li tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għal dan il-għan;[11]

**Rat** in-nota tal-attriċi permezz ta' liema esibit rendikont tad-dħul mill-bejgħ ta' ħut lill-pixkerija għas-sena 2006;[12]

**Rat** in-nota tal-attriċi tal-21 ta' Ġunju, 2007 permezz ta' liema esibit kopja legali ta' kuntratt ta' kompravendità tat-22 ta' Jannar, 1988 in atti Nutar Joseph Spiteri;[13]

**Rat** in-nota tal-attriċi tat-22 ta' Ġunju, 2007 b'liema ppreżentat kopja tat-traskrizzjonijiet tal-kontroeżamijiet li saru lil zijuha Anthony Saliba wara l-affidavit li rrilaxxa—kopja ta' liema tinsab ukoll f'dawn l-atti—fil-kawża li fetaħ kontra l-konvenut bin-numru 100/2006;[14]

---

[11] Sentenza parzjali numru 17/2006 AE tat-12 ta' April, 2007, fl-istess ismijiet tal-istanza preżenti, a fol. 29 sa 32.

[12] Nota a fol. 396 u rendikont a fol. 397. Ir-rendikont juri li mill-ħut maqbud bil-lanċa «Peppina» biss għall-perjodu Jannar sa Diċembru 2006, il-konvenut daħħal qligħ ta' €38,750.90.

[13] Nota a fol. 402 u kuntratt ta' kompravendità a fol. 403 sa 428. Bil-kuntratt tat-22 ta' Jannar, 1988 in atti Nutar Joseph Spiteri, il-konvenut u ħuh George akkwistaw f'ishma ndaqs u indiviżi bejniethom in-nofs indiviż ta' żewġ kmamar enumerati 9 u 11 fi Triq il-Lvant, Valletta, Malta u ¼ indiviż mill-ħanut bla numru bl-isem *Neptune's Restaurant*, fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex.

[14] Nota a fol. 448 u traskrizzjonijiet meħuda mill-kawża numru 100/2006 a fol. 449 sa 464.

**Rat** ir-rikors tal-attriċi tal-24 ta' Jannar, 2008 b'talba għall-allegazzjoni tal-atti tal-ittra numru 86/2006 fl-istess ismijiet ta' din l-istanza;[15]

**Rat** id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta kontenuta fil-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2008 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba kontenuta fir-rikors tal-attriċi tal-24 ta' Jannar, 2008;[16]

**Rat** ir-rikors tal-attriċi tal-14 ta' Frar, 2008 fejn, *inter alia*, talbet ordni tal-Qorti sabiex flejjes li nġibdu mill-konvenut fil-mori ta' din l-istanza—kemm minn kont bankarju kif ukoll minn investimenti varji—jiġu depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti;[17]

**Rat** il-*financial statements* tal-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2006 u dik li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2007;[18]

**Rat** id-digriet tal-1 ta' Settembru, 2008 li bih, wara diversi talbiet tal-attriċi sabiex il-konvenut ireġġa' lura flejjes li żbanka minn kontijiet bankarji u investimenti varji, il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat lill-konvenut jippreżenta nota ġuramentata fejn jiddikjara fid-dettal xi flejjes żbanka, u xi flejjes għandu fil-pussess tiegħu jew miżmuma f'ismu minn terzi—inkluż kumpaniji—kif ukoll l-investimenti kollha li għandu reġistrati f'ismu jew f'isem terzi għan-nom tiegħu, huma fejn huma, u irrispettivament jekk jippretendix li dawn huma parafernali tiegħu jew tal-komunjoni tal-akkwisti. Bl-istess digriet l-attriċi ġiet ordnata tagħmel nota ġuramentata fejn tindika x'assi taf li

---

[15] Rikors a fol. 600 b'dokumenti a fol. 601 sa 605.
[16] Verbal a fol. 630 u 631.
[17] Rikors a fol. 632 u 633.
[18] Iż-żewġ settijiet ta' *financial statements* jinsabu magħluqa f'envelop kannella kull wieħed a fol. 706 u 707.

għandu fil-pussess tiegħu l-konvenut u li skonta jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;[19]

**Rat** in-nota ġuramentata tal-attriċi li segwiet id-digriet tal-1 ta' Settembru, 2008;[20]

**Rat** ir-risposta[21] u rikors[22] tal-konvenut li segwew id-digriet tal-1 ta' Settembru, 2008 u d-digriet ulterjuri tat-12 ta' Settembru, 2008[23] fejn il-Qorti kif diversament presjeduta għarfet li għalkemm il-konvenut m'għamilx dak rikjest minnu fid-digriet tal-1 ta' Settembru, 2008, huwa ppreżenta garanzija bankarja fil-valur ta' mitt elf lira maltija (Lm100,000);[24]

**Rat** li fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2009 il-partijiet iddikjaraw il-provi magħluqa u kontroeżamijiet eżawriti bil-Qorti kif diversament presjeduta ddifferiet il-kawża għas-sentenza parzjali fuq l-ewwel talba attriċi bil-fakoltà tal-partijiet li jagħmlu noti tal-osservazzjonijiet finali;[25]

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet finali tal-partijiet dwar l-ewwel talba attriċi;[26]

**Rat** is-sentenza parzjali dwar l-ewwel talba attriċi mogħtija mill-Qorti kif diversament presjeduta nhar is-16 ta' Settembru, 2009.[27] B'din is-sentenza, wara li kkunsidrat il-provi miġjuba quddiemha, il-Qorti kif diversament presjeduta għaddiet sabiex irriteniet li *dan huwa kaz klassiku*

---

[19] Digriet a fol. 722.
[20] Nota ġuramentata a fol. 724 u 725.
[21] Risposta a fol. 728 sa 729 b'dokumenti annessi a fol. 730 sa 736.
[22] Rikors a fol. 737 sa 741.
[23] Digriet a fol. 742 u 743.
[24] Ċedola numru 277/08.
[25] Verbal a fol. 807.
[26] Nota tal-attriċi a fol. 809 sa 818 u nota tal-kovnenut a fol. 819 sa 841.
[27] Sentenza parzjali numru 17/2006 AE mogħtija nhar is-16 ta' Settembru, 2009 a fol. 843 sa 857.

*ta' dilapidazzjoni tal-beni minn wieħed mill-konjugi*,[28] u b'hekk ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut—ossia l-eċċezzjonijiet numru 7 u 8—u laqgħet l-ewwel talba attriċi b'dan li ddikjarat terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti bit-terminazzjoni sseħħ meta d-deċiżjoni parzjali ssir *res judicata*. Il-kawża ġiet imbagħad differita għal kontinwazzjoni fuq it-tieni u t-tielet talbiet attriċi;

**Rat** li mis-sentenza parzjali tas-16 ta' Settembru, 2009 sar appell mill-konvenut;[29]

**Rat** id-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar it-2 ta' Marzu, 2010[30] li biha, il-Qorti tal-Appell, wara li rat l-atti u semgħet it-trattazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet,[31] ċaħdet l-appell tal-konvenut appellant b'dan li kkonfermat is-sentenza appellata mogħtija fis-16 ta' Settembru, 2009 u ordnat li l-atti tal-kawża jiġu rimessi lil din il-Qorti għall-kontinwazzjoni;

**Rat** li b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2010 din il-Qorti kif diversament presjeduta ffissat terminu sabiex il-partijiet iressqu noti ġuramentati b'elenku tal-attiv u l-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti;[32]

**Rat** li b'nota tas-17 ta' Ġunju, 2010 l-attriċi ppreżentat elenku li skonta juri l-attiv u l-passiv tal-komunjoni tal-

---

[28] Ref. l-aħħar paragrafu a paġna 12 tas-sentenza liema paġna tinsab a fol. 854 tal-proċess.
[29] Rikors b'talba għall-awtorizzazzjoni sabiex isir appell a fol. 859. Risposta tal-attriċi għall-istess a fol. 861 u 862. Digriet tal-1 ta' Ottubru, 2009 jawtorizza lill-konvenut jintavola appell mis-sentenza parzjali a fol. 864. Rikors tal-appell tal-konvenut appellant a fol. 866 sa 884. Risposta tal-appell tall-attriċi appellata a fol. 886 sa 892.
[30] Kopja tad-deċiżjoni tinsab a fol. 901 sa 912—inkluż in retro pagina—bl-aħħar paġna a fol. 913.
[31] Trattazzjoni tal-11 ta' Jannar, 2010.
[32] Digriet kontenut fil-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2010 a fol. 943 u 944.

akkwisti.[33] **Rat** li b'nota addizzjonali tal-21 ta' Ġunju, 2010 l-attriċi emendat l-elenku preċedenti tagħha billi inkludiet assi addizzjonali;[34]

**Rat** li fis-16 ta' Novembru, 2010 il-konvenut ippreżenta nota tiegħu b'elenku li skontu juri l-attiv u l-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti;[35]

**Rat** in-nota tal-attriċi b'kopji legali ta' kuntratti varji dwar proprjetà immobbli u drittijiet oħra akkwistati matul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut;[36]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2011 il-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi magħluq bil-kawża ġiet differita għal sentenza parzjali dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti;[37]

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet finali tal-partijiet dwar il-materja tal-komunjoni tal-akkwisti;[38]

**Rat** is-sentenza parzjali dwar it-tieni talba attriċi mogħtija mill-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-13 ta' Lulju, 2012.[39] B'din is-sentenza, il-Qorti kif diversament presjeduta ddeterminat il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti filwaqt li ordnat il-prosegwiment tal-kawża sabiex l-istess tiġi likwidata;

---

[33] Nota a fol. 947 b'elenku a fol. 948 sa 954 u dokumenti a fol. 955 sa 961.
[34] Nota addizzjonali a fol. 962 u 963.
[35] Nota b'elenku a fol. 967 sa 977 u dokumenti a fol. 978 sa 1032.
[36] Nota a fol. 1044 sa 1046 b'dokumenti—kuntratti— a fol 1047 sa 1132.
[37] Verbal a fol. 1168.
[38] Nota tal-konvenut a fol. 1176 sa 1181. Nota tal-attriċi a fol. 1182 sa 1188.
[39] Deċizjoni numru 17/2006 JD kopja ta' liema tinsab a fol. 1194 sa 1223 tal-process.

**Rat** li mis-sentenza parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012 sar appell mill-konvenut;[40]

**Rat** id-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar il-31 ta' Mejju, 2013[41] li biha, il-Qorti tal-Appell, wara li rat l-atti u semgħet it-trattazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet,[42] ċaħdet l-appell tal-konvenut appellant b'dan li kkonfermat is-sentenza appellata mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2012 u l-atti proċesswali ġew rinvijati lill din il-Qorti kif diversament presjeduta[43] sabiex issir il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.[44]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2013 ġie maħtur bħala perit tekinku il-Perit Shawn Micallef sabiex jagħti valur lill-assi kollha riżultanti bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti fid-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012 kif konfermata fl-appell u jħejji pjan ta' diviżjoni.

**Rat** li l-ħatra tal-Perit Shawn Micallef ġiet revokata fuq talba tal-konvenut b'digriet tat-13 ta' Frar, 2014 u minflok ġie maħtur is-Sur Vincent Ciliberti bl-istess inkarigu li kien mogħti lill-Perit Micallef;[45]

**Rat** il-pjanti relattivi għar-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant* esibiti mill-konvenut permezz ta' nota tas-7 ta' April, 2014;[46]

---

[40] Rikors b'talba għall-awtorizzazzjoni sabiex isir appell a fol. 1225. Risposta tal-attriċi għall-istess a fol. 1227. Digriet tat-2 ta' Awwissu, 2012 jawtorizza lill-konvenut jintavola appell mis-sentenza parzjali a fol. 1228 u 1229. Rikors tal-appell tal-konvenut appellant a fol. 1231 sa 1243. Risposta tal-appell tal-attriċi appellata a fol. 1246 sa 1250.

[41] Kopja tad-deċiżjoni tinsab a fol. 1275 sa 1281—inkluż in retro pagina.

[42] Trattazzjoni tat-8 ta' April, 2013.

[43] Digriet tal-Qorti tal-Appell a fol. 1283 u ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta a fol. 1285.

[44] Verbal a fol. 1287.

[45] Digriet kontenut fil-verbal a fol. 1322 u 1323.

[46] Nota a fol 1334 u pjanti—flimkien ma' dokumenti relattivi—a fol. 1336 sa 1339.

**Rat** it-talba tal-perit tekniku s-Sur Vincent Ciliberti sabiex il-Qorti taħtar awditur sabiex jassistih fil-materja relattiva għall-investimenti varji elenkati fid-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012;[47]

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mogħti nhar it-30 ta' Mejju, 2014 fejn il-perit tekniku ntalab jelenka liem'huma l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li skontu jeħtieġ l-assistenza ta' awditur sabiex jigu likwidati;[48]

**Rat** id-digriet tal-1 ta' Settembru, 2014 fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta rriservat li tipprovdi dwar it-talba tal-perit tekniku sabiex jiġi maħtur awditur filwaqt li ordnat lill-partijiet jagħmlu noti ġuramentati li bihom jindikaw valuri varji minnhom attribwiti lill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti b'dan li rriservat li fin-nuqqas tattribwixxi valuri hija *arbitrio boni viri* filwaqt li tiddikjara li l-konvenut m'għandux provi dwar l-krediti parafernali allegati minnu;[49]

**Rat** in-nota intavolata mill-attriċi wara d-digriet tal-1 ta' Settembru, 2014;[50]

**Rat** id-digriet tal-10 ta' Ottubru, 2014 fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta, wara li ħadet konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-partijiet kemm f'rikorsi u risposti varji kif ukoll fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2014, iddikjarat il-provi tal-konvenut dwar allegati krediti parafernali bħala magħluqa filwaqt li laqgħet it-talba tal-

[47] Rikors tal-perit tekniku a fol. 1367 sa 1368.
[48] Digriet a fol. 1383 u 1384.
[49] Digriet mhux impaġinat.
[50] Nota a fol. 1390 sa 1393.

perit tekniku u appuntat lill-awditur Vincent Bonello sabiex jassistih kif meħtieġ;[51]

**Rat** li fl-udjenza tal-20 ta' Frar, 2015 il-partijiet kontendenti qablu li jiltaqgħu mal-perit tekniku u l-awditur flimkien mar-rappreżentanti legali tagħhom sabiex possibbilment jiġi stabbilit pjan ta' qasma;[52]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-20 ta' Frar, 2015 il-provi tal-partijiet ġew dikjarati magħluqa għajr għall-preżentazzjoni ta' dokumenti mill-konvenut;[53]

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Frar, 2015 il-partijiet kontendenti qablu li fir-relazzjoni tiegħu l-perit tekniku għandu jagħti valutazzjoni ta' kemm swiet sabiex inbniet id-dar matrimonjali li tinsab fi Triq Mattia Preti, ir-Rabat, Għawdex kif ukoll l-ispejjeż sabiex ġiet mogħnija bl-għamara u neċessitajiet basiċi;[54]

**Rat** id-digriet tas-16 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti kif diversament presjeduta ddikjarat li għal darb'oħra il-konvenut naqas milli jippreżenta dokumenti kif kien ġie awtorizzat jagħmel fl-udjenza tal-20 ta' Frar, 2015. B'dan li iddikjarat li ma baqax provi x'jitressqu u għaddiet l-atti proċesswali lill-perit tekniku sabiex flimkien mal-awditur jirrelataw ai termini tal-ħatra tagħhom. Il-perit tekniku u l-awditur ġew istruwiti jżommu mal-limitazzjonijiet imposti fid-decizjoni tat-13 ta' Lulju, 2012 rigward il-konsistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u jieħdu bħala data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti d-data tat-2 ta'

---

[51] Digriet a fol. 1396.
[52] Verbal a fol. 1898 sa 1900.
[53] Verbal a fol. 1898 sa 1900.
[54] Verbal a fol. 1518.

Marzu, 2010 meta d-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-komunjoni saret *res judicata*;[55]

**Rat** l-atti kollha esibiti mill-perit tekniku fejn l-istess juri r-riċerka li għamel sabiex ivverifika diversi punti dwar l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti prevalenti bejn il-partijiet;[56]

**Rat** ir-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti u l-awditur Vincent Bonello kif preżentata nhar is-6 ta' Lulju, 2018;[57]

**Rat** li b'rikors u nota tat-3 ta' Lulju, 2018 il-konvenut talab l-awtorizzazzjoni sabiex iressaq domandi in ekussjoni lill-periti tekniċi filwaqt li rriżerva d-dritt li jitlob il-ħatra ta' periti perizjuri;[58]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2018 l-attrici wkoll talbet l-awtorizazzjoni sabiex tressaq domandi in eskussjoni;[59]

**Rat** in-nota bid-domandi in eskussjoni mressqa mill-konvenut.[60] **Rat** ukoll it-tweġibiet tal-periti tekniċi għall-istess;[61]

**Rat** ir-risposti tal-periti tekniċi in eskussjoni *viva voca*;[62]

---

[55] Digriet a fol. 1524 sa 1525.
[56] *Inter alia*, a fol. 1626 sa 1638. Ukoll a fol. 1653 u 1654.
[57] Relazzjoni a fol. 1678 sa 1734 b'dokumenti varji a fol. 1736 sa 1947 u dokumenti relattivi għall-proċeduri segwiti mill-perit tekniku u l-awditur a fol. 1948 sa 2015.
[58] Rikors u nota a fol. 2017.
[59] Verbal a fol. 2020.
[60] Nota a fol. 2036 sa 2041.
[61] Tweġibiet bil-miktub a fol. 2044 sa 2076.
[62] Traskrizzjoni a fol. 2108 sa 2116.

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru, 2018 il-partijiet ġew awtorizzati jressqu noti b'valutazzjonijiet *ex parte* flimkien ma' provi dokumentarji dwar dejn;[63]

**Rat** il-varji rikorsi u risposti li segwew dwar il-ħatra ta' periti perizjuri;[64]

**Rat** in-nota tal-attriċi fejn irrimettiet ruħha għar-relazzjoni tal-periti tekniċi Vincent Bonello u Vincent Ciliberti għajr għan-nuqqas, *inter alia*, fir-relazzjoni f'li tikkunsidra l-ishma fil-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* u t-telf ta' mgħax li sofriet il-komunjoni tal-akkwisti meta l-konvenut minn jeddu żbanka diversi investimenti;[65]

**Rat** in-nota bil-valutazzjonijiet tiegħu ppreżentata mill-konvenut nhar it-28 ta' Mejju, 2019;[66]

**Rat** li b'digriet tat-2 ta' Lulju, 2019 din il-Qorti ordnat il-ħatra tal-Awditur Mario Galea, il-Perit Alexei Pace u l-Avukat Carmelo Galea bħala periti perizjuri.[67] L-Avukat Carmelo Galea ġie sostitwit għall-Avukat Joseph Schembri permezz ta' digriet mogħti fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2019;[68]

**Rat** li proprjetà minn dik elenkata bħala parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti fid-deċiżjoni parzjali mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-13 ta' Lulju, 2012 ossia, dik bin-numru 10 fi Triq il-Lvant, il-Belt Valletta, li ġiet ukoll valutata mill-periti tekniċi Vincent Bonello u Vincent Ciliberti fl-intestatura numru 7A tar-

[63] Verbal a fol. 2122.
[64] Varji atti a fol. 2123 sa 2134.
[65] Nota tal-attriċi a fol. 2135 sa 2143 b'dokumenti annessi a fol. 2144 sa 2246.
[66] Nota a fol. 2259 sa 2260.
[67] Digriet a fol. 2270. L-istess digriet ukoll a fol. 6 ta' volum enumerat 1 mibdi ġdid quddiem din il-Qorti.
[68] Verbal a fol. 39 ta' proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.

relazzjoni tagħhom ġiet mibjugħa mill-partijiet konguntivament nhar it-30 ta' Jannar, 2020 in forza ta' kuntratt in atti Nutar Krystle Frendo Galea;[69]

**Rat** ir-rikors tal-attriċi tal-14 ta' Mejju, 2020 li bih talbet lil din il-Qorti sabiex, *inter alia*, taħtar espert sabiex jivvaluta d-deheb miżmum taht l-awtorità tal-Qorti in segwitu għall-proceduri fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 86/2006/PC u, konsegwentement; iħejji pjan ta' diviżjoni dwar l-istess.[70] **Rat** ir-risposta tal-konvenut għall-istess;[71]

**Rat** li t-talbiet kontenuti fir-rikors tal-attriċi tal-14 ta' Mejju, 2020 ġew miċħdua b'digriet tat-2 ta' Ġunju, 2020;[72]

**Rat** li b'digriet tat-8 ta' Lulju, 2020 ġie maħtur l-espert Lee Satariano sabiex jivvaluta d-deheb miżmum taħt l-awtorità tal-Qorti.[73] **Rat** li aktar tard ġie revokat l-inkarigu ta' Lee Satariano u minfloku ġie maħtur l-espert Mark Vassallo;[74]

**Rat** li b'rikors tat-18 ta' Novembru, 2020 l-attriċi ddikjarat li mhijiex ser tinsisti fuq valutazzjoni tal-ishma fil-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited;*[75]

**Rat** ir-relazzjoni tal-espert Mark Vassallo datata t-12 ta' Marzu, 2021;[76]

**Rat** li b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2022 il-Qorti akkordat żmien addizzjonali għall-aħħar darba sabiex il-konvenut jagħmel depożitu favur il-ħlas relattiv għall-inkarigu tal-

[69] Kuntratt a fol. 79 sa 83 u għal darb oħra a fol. 89 sa 93 f'proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[70] Rikors a fol. 139 sa 140 ta' proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[71] Risposta a fol. 144 sa 145 ta' proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[72] Digriet a fol. 146 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[73] Verbal a fol. 165 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[74] Digriet a fol. 213 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[75] Rikors a fol. 197 u 198 f'process ġdid mibdi quddiem din il-Qorti. Ref. ukoll ir-rikors tal-attriċi a fol. 200 sa 201 fl-istess proċess.
[76] Relazzjoni a fol. 251 sa 278 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.

periti perizjuri b'dan li fin-nuqqas tiegħu jiġi terminat l-inkarigu tal-istess periti perizjuri bil-kawża tiġi differita għas-sentenza;[77]

**Rat** li minkejja it-trapass ta' dan iż-żmien ulterjuri l-konvenut baqa' m'għamilx id-depożitu rikjest b'dan illi b'digriet tal-14 ta' Ġunju, 2022 il-Qorti tterminat l-inkarigu tal-periti perizjuri;[78]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2022 il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni finali;[79]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza bil-fakultà tan-noti tal-osservazzjonijiet finali;[80]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Semgħet it-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;**[81]

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;**

## B. PROVI:

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**AS**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[82] Tiddikjara li hija u żewġha żżewwġu fit-3 ta' Ġunju, 1984. Iżżid li żewġha

[77] Verbal a fol. 343 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[78] Digriet a fol. 363 sa 364 f'process ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[79] Verbal tal-udjenza mhux paġinat.
[80] Verbal mhux paġinat.
[81] Trattazzjonijiet tas-16 ta' Diċembru, 2022.
[82] Affidavit a fol. 55 sa 63.

huwa sajjied u jiġġestixxi wkoll ristorant f'Marsalforn bl-isem *Neptune's Bar and Restaurant* flimkien ma ħuh George li huwa ġuvni.

Tgħid li hija u binha l-kbir kienu jaħdmu fl-istess ristorant sa lejn l-aħħar ta' Ottubru, 2006 meta kienet kostretta titlaq lil żewġha. Iżżid li r-ristorant kienu jmexxuh hija u binha b'żewġha ma kienx jersaq 'l hemm mentri ħuh kienu jagħmel biss ix-xiri neċessarju.

Tgħid li hija kien ilha mill-2004 mhix kuntenta bil-mod kif żewġha kien qed jamministra l-assi tal-familja inkluż d-dħul mis-sajd u r-ristorant.

Tgħid li żewġha ma kienx jamministra responsabbilment b'dan li poġġa l-interessi tagħhom ilkoll fil-perikolu.

Tgħid li żewġha kien iżomm l-introjtu kollu u ma kienx juriha x'kien hemm dħul mis-sajd u mir-ristorant għalkemm hija kellha idea tad-dħul.

Tgħid li hija u binha kienu hemm biss għax-xogħol fir-ristorant u binha wkoll fuq il-baħar b'żewġha kien jittrattah ta' skjav iħaddmu għal sigħat twal mingħajr ħlas adegwat. Iżżid li tant dan huwa minnu li f'Settembru, 2006 binha kien kostrett jitlaq mid-dar u r-ristorant, jerħi kollox warajh u jmur jaħdem mal-barranin.

Tiddikjara li għalkemm żewgha qatt m'uriha xejn dwar dħul tiegħu taf li mis-sajd, partikolarment tat-tonn u l-lampuki, żewġha għandu dħul tajjeb ta' xi ħmistax-il elf lira maltija (Lm15,000) fis-sena.

Iżżid li d-dħul mir-ristorant huwa wkoll tajjeb bil-profit dejjem jilħaq bejn tletin lira maltija (Lm30) u erbgħin elf lira maltija (Lm40,000) fis-sena.

Tgħid li minkejja dan il-qligħ tajjeb żewġha dejjem eskludieha u qatt ma wrieha xejn dwar id-dħul tal-familja. Iżżid li żewġha kien ukoll jiddikjara anqas milli jagħmel mingħajr ma juri b'xejn lilha, bil-formuli ta' dikjarazzjoni tad-dħul idaħħalhom mingħajr il-firma tagħha. Iżżid li saret taf bit-taħwid fil-formuli ta' dikjarazzjoni meta ġiet biex istitwit din il-kawża u marret għand *accountant*. Tgħid ukoll li fuq xi dikjarazzjonijiet tad-dħul tidher il-firma tagħha b'din iżda hija falsifikata fid-dikjarazzjoni tal-1999.

Tgħid li tul il-kawża saret taf ukoll li żewġha għamel il-firma tagħha fuq xi dokumenti bankarji dwar xi garanziji.

Tiddikjara li żewġha kien prova anke jieħu prokura tagħha iżda hija rrifjutat li tirrilaxxalu prokura.

Tgħid li ilha li tilfet il-fiduċja f'żewġha u dan peress li mhijiex kuntenta bil-mod kif imexxi ħwejjiġhom u tibża' li jdaħħalha f'xi taħwida.

Iżżid li apparti li d-dħul kien iżommu kollu huwa—żewġha, hi ma tafx x'kien jagħmel bih għax qatt ma wriha u qatt ma provda rendikont. Iżżid li tissuspetta li parti kbira mid-dħul poġġieh f'xi bank jew kumpannija barra minn Malta. Iżżid li taf li kellu valur kbir f'bank l-Ingilterra iżda m'għandhiex dettalji dwar dan.

Tiddikjara li l-aħħar kwistjoni kbira li nqalgħet bejnha u żewġha kienet f'Lulju, 2006 meta b'użu ta' prokura ta' zijuha żewġha mar Malta ma ħuh u b'kuntratt trasferew il-ġid ta' zijuha għal fuq is-soċjetà *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* li żewġha u ħuh waqfu bejniethom ftit xhur qabel. Tgħid li b'dan il-mod mingħand zijuha żewġha trasferixxa lill-kumpanija tiegħu u ta' ħuh tliet (3) appartamenti, garaxx, u sehem minn biċċa art

fabbrikabbli. Iżżid li zijuha sar jaf b'dan meta rċieva rċevuta mid-Dipartiment tat-Taxxa dwar ħlas ta' taxxa fuq qligħ kapitali.

Tgħid li din il-biċċa xogħol tal-proprjetà ta' zijuha żewġha għamilha wara li zijuha mar jgħix magħhom wara li tagħtu puplesija. Iżżid li dak iż-żmien żewġha kellu ġlieda kbira magħha u zijuha, keċċihom mid-dar, bit-tfal b'kollox, u għamel it-trasferimenti tal-proprjetà ta' zijuha. Tgħid li lill-zijuha mhux talli ħadlu l-proprjetà iżda l-flus dikjarati fuq il-kuntratt ta' trasferiment anqas tahomlu.

Tiddikjara li wara dan, zijuha għamel rapport għand il-pulizija u kawża sabiex jitwaqqa' il-kuntratt ta' trasferiment—kawża numru 100/2006—u hija mexxiet b'din il-kawża.

Iżżid li bejnha u żewġha llum hemm ukoll kawża ta' separazzjoni personali bin-numru 6/2007.

Tgħid li apparti binha l-kbir li kien jaħdem fir-ristorant tal-familja hija għanda żewgt (2) itfal oħra ma' żewġha l-konvenut.

Tiddikjara li mir-riċerki li għamlet irriżulta li bejnha u żewġha hemm, apparti oħrajn mhux magħrufin lilha, is-segwenti assi immobbli:

1. Id-dar matrimonjali bl-isem «Redentur», fi Triq Mattia Preti, ir-Rabat, Għawdex;

2. In-nofs indiviż tal-fond numru 4 fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex li llum jifforma parti mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant*;

3. Il-qabar numru 767 fiċ-ċimiterju «Ta' Santa Marija» limiti tar-Rabat, Għawdex;

4. In-nofs indiviż tal-garaxx numru 2 u 3 fil-livell *semi basement* tal-binja «Ta' Marcell Court» fi Triq Manwel Magro, Marsalforn, Għawdex;

5. In-nofs indiviż tal-għar fil-blat fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex li llum ukoll jifforma parti mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant*;

6. Il-kwart indiviż tal-fond numru 9 u 10 fi Triq il-Lvant, Valletta, Malta;

7. Ottava parti indiviża mill-ħanut *Neptune's Restaurant* fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex;

8. In-nofs indiviż tal-assi ereditarji kollha ta' Rosa u Antonio aħwa Schembri, Francesco u Grazia Schembri, George Spiteri, u Loreta Spiteri;

9. In-nofs indiviż tad-dirett dominju annwu u temporanju għal ċirka 150 sena li bdew mit-23 ta' Awwissu, 1956 u d-dritt tal-proprjetà libera u franka wara l-iskadenza tal-imsemmi żmien tal-fond numru 3 u 4, Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex b'dan illum ġie żviluppat f'appartamenti u huma għandhom appartament minnhom;

10. Żewġ (2) appartamenti minn blokka ta' tlieta bl-arja sovrastanti magħrufa bħala «Saliba Flats» u tinsab fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, u;

11. Il-blokka ta' appartamenti konsistenti f'garaxx u żewġ (2) appartamenti fi Triq Ulisse, Marsalforn, Għawdex.

Bħala assi mobbli, telenka:

1. Il-vettura *Toyota Corolla* numru LCI716;

2. Il-vettura—trakk—ISUZU numru JBB563;

3. Żewġ (2) laneċ tas-sajd imsemmija «Peppina» u «Nettuno» bin-numri MFA384 u MFA356;

4. Frejgatina;

5. Attrezzi tal-baħar u tas-sajd;

6. Għamara fid-dar «Redentur» u fl-appartament numru 2 fi Triq Ulisse, Marsalforn, u;

7. Oggetti tad-deheb depożitati l-Qorti u oħrajn miżmuma mill-konvenut fl-appartament fi Triq Ulisse fejn ħalliethom meta kienet kostretta titlaq.

Rigward investimenti u depożiti bankarji tgħid li dawk li taf bihom hija huma:

1. *Fixed term deposit account* mal-Bank of Valletta bin-numru jispiċċa 363;

2. *Current account* mal-Bank of Valletta bin-numru jispicca 037, u;

3. *Savings account* mal-Bank of Valletta bin-numru jispiċċa 971.

Tiddikjara li hemm ukoll l-kumpaniji *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*—C38323—li ġiet imwaqqfa fid-29 ta' Marzu, 2006, *Neptune's Catering Limited*—C39870—li ġiet imwaqqfa fit-3 ta' Novembru, 2006, u *Cerna Company Limited*—C39870—li ġiet imwaqqfa fit-3 ta' Novembru, 2006.

Iżżid li dawn il-kumpaniji m'għandhom ebda passiv mentri bħala attiv *Neptune's Catering Limited* u *Cerna*

*Company Limited* m'għandhom xejn iżda *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* għandha:

1. L-appartamenti numru 2 u 4 fil-blokka bla numru magħrufa bl-isem «St. Paul's Court» fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, Għawdex;

2. Il-garaxx fil-livell *semi basement* u appartament sovrappost l-istess garaxx fil-blokka bla numru u bla isem fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, Għawdex;

3. Il-kwart indiviż ta' porzjon art tal-kejl ta' ċirka erbat elef tliet mija u ħamsa u sittin metru kwadru (4,365 m.k.) magħrufa bħala «Il-Qortin ta' Mewġ il-Baħar» fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex

   —liema proprjetà l-kumpanija akkwistata mingħand Anthony Saliba, iz-ziju tal-attriċi, b'dan it-trasferiment qed jiġi kkontestat fil-kawża numru 100/2006.

Tipproponi pjan ta' qasma.[83]

Tesibixxi kopji veri tad-dikjarazzjonijiet tad-dħul magħmula minn żewġha għas-snin 1991,[84] 1992,[85] 1993,[86]

[83] Pjan ta' qasma tal-attrici a fol. 62 tal-affidavit tagħha.
[84] Dikjarazzjoni a fol. 64 sa 72—inkluż in retro pagina.
[85] Dikjarazzjoni a fol. 73 sa 81—inkluż in retro pagina.
[86] Dikjarazzjoni a fol. 82 sa 92 – inkluż in retro pagina.

1994,[87] 1995,[88] 1996,[89] 1997,[90] 1998,[91] 1999,[92] 2000,[93] 2001,[94] 2002,[95] 2003,[96] 2004,[97] 2005,[98] 2006.[99]

Tesibixxi wkoll ir-riċerki [i] fuq żewġha,[100] [ii] fuqha, fuq żewġha, u fuq *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*,[101] [iii] fuq *Cerna Company Limited* u *Neptune's Catering Limited*.[102]

Tesibixxi wkoll kopja tad-dokumenti kostituttivi tal-istess tlett kumpaniji.[103]

**In kontroeżami,**[104] xehdet li tul dawn il-proċeduri sabet dokument maħruġ mill-bank barrani *Lloyds Bank* minn fejn jidher li hi u żewġha għandhom investiment ta' 56,481.55.

Tippreżenta dan id-dokument.[105]

Tgħid li affarijiet ta' flus kien jieħu ħsiebhom żewġha b'dan ma kienx jagħtiha dettalji. Tgħid li ma tafx x'sar mill-flus li jidhru fid-dokument ta' *Lloyds Bank*.

---

[87] Dikjarazzjoni a fol. 93 sa 103—inkluż in retro pagina.
[88] Dikjarazzjoni a fol. 104 sa 114—inkluż in retro pagina.
[89] Dikjarazzjoni a fol. 115 sa 129.
[90] Dikjarazzjoni a fol. 130 sa 143—inkluż in retro pagina.
[91] Dikjarazzjoni a fol 144 sa 157—inkluż in retro pagina.
[92] Dikjarazzjoni a fol. 158 sa 162— inkluż in retro pagina.
[93] Dikjarazzjoni a fol. 163 sa 168— inkluż in retro pagina.
[94] Dikjarazzjoni a fol. 169 sa 175—inkluż in retro pagina.
[95] Dikjarazzjoni a fol. 176 sa 182—inkluż in retro pagina.
[96] Dikjarazzjoni a fol. 183 sa 189—inkluż in retro pagina.
[97] Dikjarazzjoni a fol. 190 sa 206—inkluż in retro pagina.
[98] Dikjarazzjoni a fol. 207 sa 215.
[99] Dikjarazzjoni a fol. 216 sa 223.
[100] Ricerki a fol. 224b sa 290.
[101] Ricerki a fol. 291 sa 333.
[102] Ricerka a fol. 334 sa 338.
[103] Dokumenti kostituttivi ta' [i] *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*—C38323—a fol/ 339 sa 357, [ii] *Cerna Company Limited* – C39870—a fol 358 sa 369, u; [iii] *Neptune's Catering Limited* – C39870—a fol 370 sa 385.
[104] Traskrizzjoni a fol. 492 sa 494.
[105] Dokument minn *Lloyds Bank* rigward kont bankarju bin-numru jispiċċa 705 f'isem il-partijiet kontendenti li juri bilanċ ta' 56,481.55— a fol. 518.

Tgħid li hija damet taħdem fir-risotrant ma' żewġha sa Ottubru, 2006 meta rħitu. Iżżid li kienet tieħu ħsieb ukoll ta' zijuha Anthony Saliba u tlaħħaq anke mal-familja.

Tgħid li l-problemi kbar bejnha u żewġha bdew wara li miet missierha u żewġha pretenda prokura mingħandha għax qal li ma kienx qed jaqbel mal-valuri dikjarati fuq id-denunzja ta' missierha. Tgħid li hija pretendiet li kif hi ma ndahlitx meta wiret hu tant ieħor ma kellux jindaħal hu meta wirtet hi.

Tixhed li hija tassew silfet għaxart elef lira maltija (Lm10,000) lil ħuha l-qassis liema għaxart elef lira maltija (Lm10,000) saru fiż-żwieġ tagħha ma' żewġha. Iżżid li dan sar mingħajr ma qalet lil żewġha. Iżżid li dan però kien għax żewġha kien fuq il-baħar, b'kollox sar kif suppost u ħuha ħallas kollox lura inkluż l-interessi.

Tgħid li l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet li kien ikollha ma' żewġha kienu relatati ma' binha Rodrick. Tgħid li żewġha kien jittrattah ħażin. Iżżid li lill-haddiem barrani kien jistmah aktar minn binhom.

Tgħid li rigward flus dejjem ħalliet f'idejn żewġha.

Tgħid li żewġha qatt ma taha sodisfazzjon dwar transazzjonijiet f'banek u negozju. Tgħid li hija qatt ma ndaħlet dwar flus u li żewġha qatt ma ħallieha nieqsa mill-flus. Iżżid li fejn kellha bzonn il-flus hija anqas kellha għalfejn tmur għand żewġha għaliex il-kexxun kien ikun miftuħ u hija setgħet tieħu. Iżżid li żewġha ma kienx joqgħod isaqsiha jekk tkun ħadet somma flus mill-kexxun. Tgħid li kien jafdaha u hi kienet tafda lilu.

Tgħid li kien hemm drabi fejn żewġha kien jgħidilha li ser jinvesta u hija kienet tgħidlu jagħmel hu. Iżżid li tant kienet tafdah li kienet tħalli kollox f'idejh.

Tgħid li fl-2005 żewġha u binha Rodrick ġew fl-idejn bit-tnejn weġgħu. Iżżid li rapporti l-għassa ma sarux. Tgħid li Rodrick telaq mid-dar u mar lura wara xi erbat (4) ijiem.

Tgħid li fl-2006 żewġha propona li jaqleb xi ishma fil-kumpanija *Neptune's* fuq uliedhom minuri. Tgħid li hija ma tatx l-approvazzjoni tagħha sabiex isiru l-proċeduri opportuni fil-Qorti.

**In rieżami,**[106] tgħid li hija bdiet issir taf b'dak li kien qed jagħmel żewġha wara li nqala' l-inkwiet u bdiet tfittex. Tgħid li l-ewwel li nnutat kien li fuq id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa kien qed jiddikjara qligħ inqas milli kien jagħmel. Tgħid li saret taf ukoll li fuqhom kien hemm firem falsifikati tagħha.

Tgħid li meta żewġha kien jitħajjar jixtri proprjetà kien jgħidilha u fuq il-kuntratti kien jeħodha miegħu. Tgħid li meta tħajjar għal negozju u hi ma qablitx in-negozju ma sarx. Tagħti eżempju ta' fejn żewġha tħajjar jagħmel negozju ma' terz Malta u hi ma qablitx għax m'għoġobhiex it-terz. Iżżid li żewġha ma għamilx in-negozju b'wara saret taf li minn riċerka li għamel kien ikkonferma dak li qaltlu hi.

Tgħid li issa m'għadhiex involuta fir-ristorant għalkemm għadu miftuħ. Tgħid li hi u żewġha separati; hi tgħix fid-dar matrimonjali u hu f'appartament li għandhom Marsalforn.

[106] Traskrizzjoni a fol. 494 sa 496.

Tgħid li meta żewġha ried jagħmel kumpanija dwar in-negozju tar-ristorant talab lilha u lil binhom Rodrick imorru miegħu għand l-avukat. Tgħid li dan kien fl-2006. Tgħid li ma' tafx ezatt x'kienu id-dokumenti li ffirmaw imma fdat f'żewġha.

Tgħid li wara dakinhar żewġha kien talabha tiffirma xi ħaġa oħra waqt li kienet ir-ristorant u hi rrifjutat. Iżżid li talbitu jgħidilha eżatt x'iffirmat qabel għand l-avukat u dan inkorla u heddida tant li mbagħad marret mal-pulizija tiġbor ħwejjiġha minn darha.

Tgħid li meta żewġha keċċihom kollha mid-dar zijuha mar għand huha mentri hi marret b'uliedha *Lourdes Home*. Iżżid li kien dakinhar li sar il-kuntratt Malta li bih ġiet trasferita l-proprjetà ta' zijuha Anthony Saliba lill-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant*. Tgħid li żewġha kellu l-prokura ta' zijuha. Iżżid li dan it-trasferiment sar b'mod falz. Tgħid li hi ma kinitx taf li kellha erbgħin fil-mija (40%) minn din il-kumpanija b'żewġha dejjem qalilha li sehemhom fil-kumpanija kien ndaqs.

**In kontroeżami**[107] xehdet li t-taxxa tad-denunzja fuq il-wirt ta' missierha ammontanti għal elf tliet mitt ewro (€1,300) ħallsithom bi flus tagħha u ta' żewġha li talbet u ottjenit mingħand żewġha. Iżżid li għall-ewwel denunzja saret korrezzjoni fejn l-ammont diskrepattiv ħallsitu hija minn flus li għamlet mill-kirjiet ta' appartamenti ta' zijuha Anthony Saliba li tiġġestixxi hija u bil-permess tal-istess Saliba. Tirreferi għal diversi dokumenti esibiti mill-konvenut dwar l-istess denunzji.[108]

[107] Traskrizzjoni a fol. 537 sa 539.
[108] Dokumenti ta' denunzja ta' wirt a fol. 540 sa 550.

Tikkonferma li l-proprjetà ta' zijuha hija llum ilkoll reġistrata f'isem il-kumpanija *Neptune's* iżda taf li zijuha għamel kawża kontra l-kuntratt ta' trasferiment minn fuq ismu għal fuq l-istess kumpanija.

Tgħid li għalkemm sar xi self ta' flus lil ħuha qassis mill-flejjes tal-komunjoni ta' bejnha u bejn żewġha, dawn ilkoll tħallsu lura b'ċekkijiet mgħoddija lilha minn ħuha li hija għaddiet lil żewġha li sarrafhom.

Tixhed dwar pensjonijiet ta' zijiet u ta' omm il-konvenut li kien jiġbor il-konvenut waqt li huma kienu jduru b'dawn il-persuni. Tixhed ukoll dwar deheb li ġabret mid-dar matrimonjali bl-għajnuna ta' Marixxal tal-Qorti u fuq ordni tal-Qorti. Tixhed ukoll fuq deheb li ma sabitx fid-dar u fuq deheb depożitat fil-Qorti.

Tgħid li żewġha kien ukoll jiġġestixxi xi proprjetà ta' zijuha b'dan iżda li fuq l-istess inqala' l-inkwiet u spiċċaw bil-Qorti.

**Xehdet ulterjorment**[109] illi meta żżewġet lill-konvenut fit-3 ta' Ġunju, 1984 huma daħlu jgħixu fid-dar matrimonjali li kienet mibnija u kellha kċina, kamra tas-sodda waħda u salott. Iżżid li l-ispejjeż tal-bini tad-dar saru minn żewġha qabel iżżewġu. Tgħid li din id-dar inbniet fuq plott tal-Gvern li mbagħad ħadu hija u żewġha bil-kuntratt sar wara ż-żwieġ.

Tikkonferma li żewġha kien jiġbor il-pensjoni ta' Anthony u Roża ahwa Schembri li huma zijiet tiegħu li kienu marru jgħixu magħhom għall-habta tal-1995. Tgħid li hija kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' dawn iz-zijiet minn flusha u flus

[109] Traskrizzjoni a fol. 1133 sa 1135.

żewġha b'żewġha mbagħad taħseb li kien jiddepożita l-pensjoni tagħhom.

Tgħid li l-utilitajiet dejjem ħa ħsieb ħallas għalihom żewġha.

Tgħid li tiftakar li xi erba' (4) xhur wara li żżewġu hija u żewġha telgħu l-Ingilterra fejn żewġha ġabar xi flus minn bank u ddepożithom f'bank ieħor. Iżżid li ma tafx kemm kien l-ammont u ta' min kienu l-flus.

Tgħid li z-zijiet ta' żewġha kienu tal-flus bil-ġid tagħhom għadda għand żewġha u huh George.

Tgħid li hi u żewġha kienu jsiefru kull sentejn iżda darba biss taf li ġibdu flus minn bank barra.

Tgħid li l-familja ta' żewġha kellhom bar li llum huwa r-ristorant *Neptune's*, Marsalforn. Tgħid li t-tkabbir tal-bar f'ristorant sar fiż-żwieġ tagħha ma' żewġha.

Tgħid li żewġha kien ukoll jiġbor diversi kirjiet bil-flus kien iġibhom id-dar. Tgħid li flus kien jagħtiha u affarijiet relatati ma' flus dejjem ħa ħsiebhom huwa.

Tgħid li l-proprjetà fix-Xwejni, Marsalfron, hija tal-familja tagħha. Iżżid li missierha li huwa mejjet u ħuh wieħed Anthony Saliba li għadu ħaj wirtuha mingħand il-ġenituri tagħhom u qatt ma qasmu.

Tgħid li taf li kien sar ftehim fejn ta' missierha baqa' tiegħu mentri ta' zijuha Anthony kellu jieħu ħsieb żewġha. Tgħid li l-art ġiet żviluppata f'appartamenti b'kulhadd kien jaf fejn huwa tiegħu. Iżżid li ma tafx saritx kitba dwar dan. Tgħid li huma investew fil-proġett tax-Xwejni. Tgħid li żewġha u zijuha kienu jiftiehmu tant li żewġha kien prokuratur tiegħu.

Tgħid li zijiet żewġha Roża u Anthony kellhom proprjetà Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex. Iżżid li din twaqqgħet minn żewġha u ħuh lejn l-1992 u nbniet appartamenti. Iżżid li appartament minnhom kien żammu żewġha. Ieħor ħadu ħuh George u ieħor inbiegħ.

Tgħid li kemm damu miżżewġin hi u żewġha li xtaqu dejjem xtrawh.

Tgħid li l-laneċ tas-sajd inxtraw mill-flus tal-komunjoni.

Terġa' tgħid li żewġha qatt ma naqasha bil-flus. Tgħid li d-dar ma kienx iħalli somom kbar iżda dejjem ħalla bizzejjed.

Tgħid li hi lil żewġha qatt ma talbitu sabiex tara dokumenti dwar flus u investimenti.

Tgħid li Marsalforn kellhom post villeġġatura tagħhom li fl-2003 waqqgħu u żviluppawh appartamenti. Tgħid li żewġha u ħuh illum jgħixu f'dawn l-appartmenti mentri hi toqgħod fid-dar ir-Rabat, Għawdex. Tgħid li fejn joqgħod George huwa tiegħu u li l-blokka kienet tal-familja ta' żewġha. Iżżid li minn din il-proprjetà ma tippretendi xejn għalkemm il-flus għaliha ġabuhom mir-ristorant.

Tgħid li meta hija telqet mid-dar kienu qiegħdin joqgħodu Marsalforn. Iżżid li l-flus li kien hemm hemmhekk ħadhom kollha żewġha iżda ma tafx kemm kien hemm.

Tgħid li mid-dar sparixxa wkoll xi deheb. Iżżid li l-Marixxal tal-Qorti kien qabad xi deheb iżda ma kienx qabad kollox. Tgħid li kien hemm deheb tagħha li ma nqabadtx. Issemmi Lira tad-deheb li kien tagħha ħuha u tgħid li sparixxit.

Issemmi li fl-aħħar sena li għamlet ma' żewġha binha Rodrick flimkien mal-mara tiegħu—dakinhar it-tfajla tiegħu—kienu jmexxu r-ristorant. Iżżid li hi u hu żewġha

George kienu jkunu hemm ukoll. Tgħid li f'dan iż-żmien żewġha u binha Rodrick kienu llatigaw fuq konsenja inbid li xtara binha għar-ristorant.

**In kontroeżami** xehdet[110] li mill-appartamenti tax-Xwejni fuq tnejn minnhom li kienu ta' zijuha Anthony u ġew trasferiti lill-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* hemm kawża l-Qorti.

**Xehdet ulterjorment**[111] li żewġha xehed il-verità meta qal li ftit wara li miet missieru telgħu l-Ingilterra hi, hu, ommu, u ħuh, żbankaw il-kont ta' missieru u fetħu kont ġdid f'isimha u isem żewġha. Tgħid li ma tafx kemm kien hemm flus. Iżżid li taf li żbankaw mil-*Lloyds Bank* u ħaduhom bank ieħor l-Ingilterra stess.

Tgħid li wara dan ma tafx x'ġara mill-flus għax kien jieħu ħsieb kollox żewġha. Tgħid li għand *Lloyds Bank* marru xi sena wara li miet missier il-konvenut.

Taqbel li l-kont kien ta' missier il-konvenut għaliex kieku ma kienx hekk ma kienx hemm bżonn il-firma ta' ommu bħala ko-eredi miegħu u ma' ħuh.

Taqbel li meta żżewġu hija u l-konvenut ħadd minnhom ma kien sinjur u l-bank kważi ma kien hemm xejn. Taqbel ukoll li żewġha sabiex bena d-dar qabel iż-żwieġ kien ħa self mil-bank *Lohombus*.

Tgħid li meta żżewġu u sakemm damu ħajjin il-ġenituri u z-zijiet ta' żewġha huma ma kellhomx ġid.

Tinsisti li fuq flus kien jieħu ħsieb kollox żewġha u hija la kienet taf u anqas riedet taf. Iżżid li hija kienet tgħidlu

[110] Traskrizzjoni a fol. 1135.
[111] Traskrizzjoni a fol. 1859 sa 1897.

sabiex jieħu ħsieb hu. Iżid li hu anqas qatt ma ħallieha nieqsa minn xejn.

Tgħid li kollox kien f'idejn żewġha b'dan li hija anqas taf kienx jinvesti f'ismu, f'isimhom, f'isem iz-zijiet tiegħu jew f'isem huh.

Mistqosija jekk żewġha kienx iżomm kollox taħt ismu anke jekk ma kienx kollox tiegħu tgħid li ma tafx. Tgħid li hu jaf x'kien jagħmel u x'kienet l-intenzjoni tiegħu. Tgħid iżda li taqbel li peress kulhadd kien jafda lil kulhadd jista' jkun li kien hemm flus f'isem il-konvenut li fil-fatt ma kinux tiegħu jew tal-komunjoni iżda kienu ta' ħuh, ommu, jew iz-zijiet tiegħu. Iżżid li l-ammonti diffiċli tgħid x'kienu.

Dwar ir-ristorant tgħid li dan fetaħ fl-1986 meta kien ilhom sentejn miżżewġin. Tgħid li qabel dan kien hemm biss *bar* li ma jservix ikel. Tgħid li mill-1986 bdew bil-mod jixtru maġenbhom u dejjem ikabbru. Iżżid li meta bdiet hi fir-ristorant kien hemm il-ġenituri u hu żewġha involuti wkoll. Iżżid li partijiet mir-ristorant intirtu mingħand familjari ta' żewġha mentri oħrajn akkwistawhom b'kuntratti. Tikkonferma li tul dan iz-żmien dejjem baqa' involut hu l-konvenut George li wkoll kien jidher fil-kuntratti ta' akkwist. Tgħid li fil-fatt il-permessi tar-ristorant dejjem sejhu lil George.

Taqbel li bħala kontribut manwali ta' xoghol fir-ristorant kien nofsu mogħti minnha u nofsu minn George għaliex żewġha kien ikun fuq il-baħar. Iżżid li lil omm il-konvenut tiftakarha wkoll fir-ristorant. Tgħid li fil-fatt ommu u hi għamlu żmien twil isajjru flimkien. Tgħid li dak iż-żmien missier il-konvenut kien diġà miet.

Tgħid li x'kien eżatt il-qligħ mir-ristorant ma tafx tgħid. Iżżid li hija kienet tagħmel il-kont, tressqu mal-*cash register* u jieħu ħsieb li jitħallsu George. Tgħid li kien biss fl-aħħar tas-sajf li kienu jaqsmu li jkun baqa' bejniethom. Tgħid li dwar kif kien jinqasam ir-rikavat kienu jieħdu ħsieb żewġha u ħuh u hi qatt ma ndaħlet. Mistoqsija taqbilx ma' żewġha meta xehed li ommu kienet taqsam u lilhom kienet ittihom aktar għax kellhom it-tfal mentri ħuh ma kellux tgħid li dak kienu jaraw huma. Iżżid iżda li lilha omm il-konvenut ġieli tatha xi ħaġa f'idejha u qaltilha tagħmel biha li trid.

Taqbel li omm żewġha ġieli tathom flus għat-tfal iżda kien jara żewġha xi jsir minn dawn il-flus. Taqbel li żewġha kien jirċievi flus mingħand ommu, ħuh, u z-zijiet. Taqbel ukoll li kienu jsiefru u li żewġha kien regolarment jagħmel renovazzjonijiet fir-ristorant. Tgħid li hija kienet thoss li jirrenova wisq spiss iżda kienet tħallih jagħmel hu. Tgħid li fil-bidu ġieli qaltlu xi ħaġa dwar dan iżda meta beda jerfa' jdejh fuqha waqfet.

Mistoqsija dwar flejjes li rċeviet il-kumpanija *Cerna* u investimenti f'kumpaniji oħra tgħid li hemm kien iħawwad żewġha. Tgħid li l-kumpanija tal-2006 kienet l-unika waħda li kienet involuta fiha u żżid li kienet mġiegħla titla' r-Rabat sabiex saret flimkien ma' żewġha, binhom Rodrick u ħuh George. Iżżid li anqas taf x'inhu sehemha fiha. Tgħid li hija kienet taf li jekk ma tmurx fejn jgħidilha żewġha, xħin tkun id-dar tbati l-konsegwenzi. Tgħid li hija ma tafx li fil-kumpanija għandha sehem daqsu.

Rigward ix-Xwejni tgħid li hemm kien ta' missierha u zijuha Anthony Saliba. Iżżid li zijuha ħalla f'idejn żewġha. Iżżid li hija taf li żewġha kien qed jibni hemm iżda ma tafx x'kien il-ftehim li kellu ma' zijuha. Tikkonferma li żewġha

investa flus f'dan il-proġett. Tgħid li rendikont ta' dak li hi u żewġha bħala miżżewġin poġġew fil-proġett tax-Xwejni m'hemmx. Iżżid li anqas hemm dwar dak li kkontribwixxa missierha jew zijuha. Tgħid li fuq dan il-proġett kien hemm ħafna diżgwid bejn żewġha, zijuha, u missierha u hija kienet dejjem tiżżeffen fin-nofs.

Taqbel li żewġha ħareġ il-flus sabiex inbena ta' Xwejni. Iżżid li ma tafx kemm ħareg flus. Tgħid li dawn il-flus żewġha kien iġibhom għax ibigħ appartament sabiex jirranġa ieħor.

Mistqosija jekk meta żewġha biegħ proprjetà partikolari ir-rikavat mill-istess bejgħ marx f'ta' Xwejni tgħid li ma tistax tgħid hekk. Iżżid li hija ma tafx minn fejn kienu ġejjin il-flus u liema flus kien qed ipoġġi fejn. Tgħid li huwa żewġha li jista' jirrispondi dwar dan.

Rigward il-laneċ «Nettuno» u «Peppina» u l-frejgatina tgħid li dawn żewġha xtrahom fiż-żwieġ. Iżżid li mnejn ġab il-flus sabiex xtrahom hi ma tafx iżda taħseb li milli kienu jaqilgħu.

Tgħid li hija għadha *share holder* fil-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* iżda ma tipparteċipax fid-direzzjoni tagħha u anqas tattendi laqgħat. Tgħid li hija ma bigħetx l-ishma tagħha f'din il-kumpanija għax ma kienx jaqblilha tagħmel hekk.

Tgħid li l-valuri tal-assi dikjarati fin-nota tagħha a fol. 1390 sa 1393 ġabithom bl-għajnuna ta' terzi.

Tikkonferma li l-għamara li għad hemm illum fid-dar ta' residenza hija l-istess li dejjem kien hemm.

Lura għar-ristorant, tgħid li ma taqbilx li meta kabbru l-istess fiż-żwieġ il-flus għat-tkabbir kollha ħarġu mingħand missier il-konvenut. Tgħid li żewġha ħareġ flus ukoll. Tabqel li l-flus għal dan it-tkabbir kienu ta' żewġha biss mhux tagħhom bħala kopja.

Mistoqsija dwar flejjes u investimenti msemmija f'sentenza tal-Qorti preċedenti u minn fejn ġew l-istess tgħid li tissopponi li parti minnhom huma mix-xogħol tagħha.

Iżżid li għalkemm hija kienet responsabbli mill-introjtu tar-ristorant, żewġha kien iġib flus mis-sajd u bejgħ ta' proprjetà u jgħaqqad kollox flimkien.

Taqbel li hi u żewġha kienu jamministraw introjtu tan-negozju, tas-sajd, taz-zijiet, ta' ħuh, u ta' ommu, u taz-zijiet tiegħu.

Mistoqsija jekk il-maġġoranza tal-ġid li kellhom hi u żewġha kienx ġej minn ġid ta' familtu aktar milli minn xogħol tagħha u tiegħu tgħid li hija ma tafx x'ammonti kien hemm. Iżżid iżda li taf li għajnuna kellhom. Iżżid li mhux kif jgħid żewġha li ħuh George kien jafdah b'għajnejh magħluqa. Tgħid li George kien jibża' minnu tant li mar kera ristorant imkien ieħor sabiex jaħdem lil hemm minn żewġha.

**Rodrick Schembri**, iben il-partijiet kontendenti, xehed permezz ta' affidavit.[112] Jiddikjara li huwa kien kostrett jitlaq l-impjieg ma' missieru kif ukoll mid-dar fejn trabba f'Settembru, 2006. Jgħid li dan peress li ma felaħx jissaporti aktar lil missieru. Iżid li missieru kien jittrattah ħażin

[112] Affidavit a fol. 390 sa 392.

minkejja li kien jgħinu fuq il-baħar u kien imexxi r-ristorant hu. Iżid li missieru kien vjolenti lejh u lejn ommu.

Jididkjara li għalkemm fuq il-kotba huwa kien jidher bħala impjegat ta' missieru, missieru qatt ma ħallsu paga u kien iħallsu xi ħaġa kif jidhirlu meta jidhirlu.

Iżid li fl-2006 meta telaq kien ingħata biss elf u mitt lira maltija (Lm1,100) minkejja xogħol li għamel fir-ristorant, fuq il-baħar, u ta' manutenzjoni fuq id-dgħajjes.

Jagħti rendikont tax-xogħol li kien jgħaddi minn taħt idejh fir-ristorant.

Jgħid li fl-ewwel nofs tal-2015 missieru u zijuh ġabru ħmistax-il elf lira maltija (Lm15,000) bejniethom bħala profitt. Iżid li l-kotba tan-negozju kien iżommhom missieru.

Jiddikjara li jikkalkola li mir-ristorant missieru u zijuh kellhom qligħ nett ta' bejn tletin lira maltija (Lm30) u erbgħin elf lira maltija (Lm40,000) fis-sena.

Jiddikjara li mis-sajd missieru kien jagħmel madwar għaxar lira maltija (Lm10) u ħmistax-il elf lira maltija (Lm15,000) fis-sena.

Iżid li l-laneċ tas-sajd bl-ismijiet «Peppina» u «Nettuno» huma t-tnejn proprjetà ta' missieru waħdu mentri r-ristorant qiegħed bi sħab bejn missieru u hu missieru. Jgħid li d-dħul mir-ristorant kien jinqasam bejn missieru u hu missieru mentri dak tas-sajd kien jieħdu kollu missieru.

Jiddikjara li missieru kien niżlu bħala impjegat tiegħu sabiex jiddikjara paga tiegħu kontra d-dħul fuq id-dikjarazzjoni tad-dħul u dan sabiex inaqqas mit-taxxa. Iżid li fil-verità missieru ma kienx iħallsu paga. Iżid li apparti

dan fuq id-dikjarazzjonijiet tad-dħul missieru kien jeżaġera l-ispejjeż.

Jgħid li d-dħul kien jiġbru kollu missieru iżda hu ma jafx x'kien jagħmel bih għax la lilu u anqas lil ommu qatt ma tahom sodisfazzjon.

Jagħlaq billi jgħid li huwa telaq mid-dar fejn trabba għaliex ma felaħx aktar b'dan li meta telqet ukoll ommu għax kienet hekk kostretta tagħmel minħabba swat li kienet tissubixxi huwa mar jgħix ma ommu u ħutu.

**In kontroeżami**, xehed[113] li huwa kien jaħdem fir-ristorant *Neptune's* mindu kien żgħir. Iżid li kien isajjar u jieħu ħsieb il-karti bħal dawk tal-paga tal-ħaddiema u fatturi tal-merkanzija. Jgħid li kien jieħu struzzjonijiet mingħand missieru. Iżid li jekk ma kienx jagħmel kif jgħidlu missieru kien jissubixxi swat.

Jgħid li r-rikavat mir-ristorant kien iżommu hu u kien jgħaddih lil missieru meta l-ammont jitla' għal elf lira maltin (Lm1,000). Iżid li missieru kien jafdah bil-flus tan-negozju. Jgħid li missieru ġieli anke ħadu l-bank miegħu.

Jgħid li skonġ il-kotba d-dħul kellu jinqasam terz kull wieħed bejnu, missieru u zijuh iżda fil-verità huwa ma kienx jieħu li ħaqqu. Jgħid li fis-sena 2006 kull ma kien ħa kienu xi elf u mitt lira maltin (Lm1,100).

Jgħid li missieru ftit kien ikun fir-ristorant b'dan li kien iħalli f'idejh. Iżid li anke bħala merkanzija kien jiddeċiedi huwa x'jixtru u ma jixtrux. Iżid li l-aħħar li ordna merkanzija kien meta xtara konsenja ta' xi elfejn lira maltija

[113] Traskrizzjoni a fol. 497 sa 499.

(Lm2,000) inbid. Iżid li dakinhar missieru rrabja u huwa ddeċieda li minn hemm 'il quddiem ma jerġax jordna hu.

Jgħid li missieru kien involut ukoll f'xi kostruzzjoni fi proprjetà taz-ziju ta' ommu Anthony Saliba. Iżid li ma jafx eżatt x'kien għaddej għax dakinhar hu kien għadu zgħir. Iżid iżda li meta z-ziju ta' ommu mar jgħix magħhom inqala' ħafna inkwiet u missieru keċċihom mid-dar.

Jgħid li huwa kien ma missieru dakinhar li sar il-kuntratt li bih il-proprjetà ta' Anthony Saliba nqalbet għal fuq il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*. Iżid li dak il-kuntratt iffirmawh huwa u zijuh Goerge, ħu missieru. Iżid li Anthony Saliba dakinhar ma kienx preżenti. Jgħid li dan kollu sar minn wara dahar Anthony Saliba.

Jgħid li dan il-kuntratt seħħ ftit wara li missieru keċċihom mid-dar. Iżid li għal bidu mar ma' ommu *Lourdes Home* iżda wara ftit jiem mar lura ma' missieru bl-għada dan ħadu Malta sabiex sar il-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjetà ta' Anthony Saliba.

Jgħid li kien biss waqt il-kuntratt li kien jaf x'qed isir b'missieru ma kien qallu xejn minn qabel. Iżid li huwa kien jaf li qed jagħmel ħażin iżda ma kellux triq oħra u ffirma. Jgħid li huwa dejjem iffirma li qallu missieru.

Jixhed li bħala paga kien jiddeċiedi missieru x'jagħtih u qatt ma kellmu dwar jekk kienx ħlas opportun. Iżid iżda li missieru qatt ma hallieh nieqes mill-flus. Jgħid li jaf ukoll li missieru kien ipoġġi xi flus f'kont bankarju intestat lilu iżda dettalji dwar dan m'għandux.

Jgħid li għas-sigħat li kien jaħdem ma' missieru la kien imħallas tajjeb u anqas kellu ħin għalxejn għajr għax-xogħol.

**Il-Qorti rat ukoll il-vera kopja tal-affidavit rilaxxat minn Anthony Saliba, ziju tal-attriċi, fil-kawża intavolata minnu kontra l-konvenut bin-numru 100/2006 kif ukoll it-traskrizzjonijiet tal-kontroeżamijiet magħmula lilu wara l-istess affidavit.**

**Anthony Saliba**, fl-affidavit imsemmi,[114] jiddikjara li fl-2006—sena li fiha ħalef l-affidavit—huwa kellu disgħa u sebgħin (79) sena. Iżid li f'Jannar 2006 huwa daħal l-isptar wara attakk ta' puplesija b'riżultat ta' liema nofs ġismu spiċċa paralizzat iżda l-menti tiegħu baqgħu intatti. Iżid li sa qabel marad huwa kien jgħix waħdu iżda wara li marad mar jgħix man-neputija tiegħu u familtha—l-attriċi, il-konvenut, u wliedhom.

Jiddikjara li ftit wara li mar jgħix mal-partijiet, il-konvenut beda jagħmillu pressjoni kbira sabiex jibdel it-testment. Jgħid li huwa bidel it-testment iżda kif ried hu mhux kif talbu jagħmel il-konvenut. Iżid li hawnhekk il-konvenut sar kiefer miegħu u baqa' jippressah sakemm fl-aħħar ta' Ġunju, 2006 keċċieh mid-dar flimkien mal-attriċi u wliedhom. Jgħid li l-attriċi kienet baqgħet twajba miegħu u tgħinu.

Jiddikjara li l-mibgħeda tal-konvenut kienet anke diretta lejn martu l-attriċi b'dan kien jgħajjarha u jheddidha speċjalment meta hija kienet turi ħniena miegħu.

114 Affidavit—vera kopja ta' liema tinsab a fol. 393 sa 395.

Jgħid li l-konvenut anke qala' t-telefons tad-dar sabiex huwa ma jkunx jista' jċempel għall-għajnuna.

Jgħid li meta l-konvenut keċċa lil kulhadd—lilu, lill-attriċi martu, u lil uliedhom—mid-dar, huwa mar għand ħu l-attriċi mentri l-attriċi u wliedha marru *Lourdes Home*. Iżid li sabiex ġabar il-mediċini tiegħu mid-dar tal-partijiet kellu jitlob l-intervent tal-pulizija.

Jiddikjara li l-konvenut kien iżommlu l-pensjoni tiegħu.

Iżid li l-konvenut ħadlu wkoll il-proprjetà li kellu billi għamel kuntratt ta' trasferiment bi prokura li huwa kien irrilaxxalu ftit wara li tagħtu l-puplesija. Jgħid li dan sar wara li l-konvenut kien keċċa lil kulħadd inkluż martu u wliedu mid-dar f'Ġunju, 2006. Jgħid li huwa bagħat għall-avukat tiegħu u talbu jħassarlu l-prokura li tħassret b'ittra uffiċjali tat-3 ta' Lulju, 2006.

Jiddikjara li bil-kuntratt ta' trasferiment li għamel il-konvenut dan ħadlu l-proprjetà tiegħu kollha billi trasferixxa l-istess proprjetà favur kumpanija tal-konvenut u ħuh George. Iżid li dan għamlu minn wara dahru u b'ingann. Iżid li huwa sar biss jaf bit-trasferiment meta rċieva ittra tat-taxxa fuq id-dħul kapitali. Iżid li l-konvenut mhux talli ħadlu ħwejġu iżda anqas biss ħallsu l-korrispettivi għall-istess.

Iżid li huwa mexxa b'kawża kontra t-trasferiment ta' ħwejġu.

**In kontroeżamijiet magħmula lilu fil-kawża li intavola kontra l-konvenut bin-numru 100/2006**, xehed[115] li kemm dam jgħix id-dar tal-partijiet hawn kontendenti qatt ma

[115] Kopji tat-traskrizzjonijiet ġew esibiti u inklużi f'dawn l-atti a fol. 449 sa 464. L-ewwel kontroeżami jinsab a fol. 449 sa 457.

raqad. Iżid li dak iż-żmien il-konvenut kellu prokura tiegħu.

Jgħid iżda li t-trasferimenti li għamel il-konvenut u li huwa qiegħed jikkontesta l-konvenut għamilhom minn wara dahru.

Jgħid li fil-passat il-konvenut kellu jiżviluppalu art tiegħu. Iżid li l-konvenut kien imbagħad awtorizzat minnu sabiex ibigħ bini partikolari mill-iżvilupp u, bħala ħlas talli bena, kellu jieħu sehem mir-rikavat b'sehem ieħor jagħtih lilu—lix-xhud. Jgħid li l-konvenut tah ħlas f'xi żewġ okkażjonijiet b'dan li mbagħad kompla sabiex biegħlu ħwejġu minn wara dahru. Iżid li huwa sar jaf li l-konvenut biegġlu ħwejġu meta rċieva ittra tat-taxxa fuq id-dħul.

Mistoqsi kienx huwa li qal lill-konvenut jieħu ħsieb hu basta jgawdu martu u wliedu jgħid li ma jiftakarx dan id-diskors.

Jgħid li għall-iżvilupp tal-art li kellu ħa ħsieb il-konvenut, u lill-kuntratturi ħallashom il-konvenut.

Mistoqsi jekk il-konvenut qallux li l-proprjetà kienet ser tmur f'kumpanija li fiha kien hemm involuti martu u uliedu—mart u wlied il-konvenut—jgħid li le. Iżid li dak sar minn wara dahru.

**In kontroeżami ulterjuri**,[116] xehed li jagħraf li rrilaxxa prokura lill-konvenut nhar il-15 ta' Frar, 1988. Iżid li din irrilaxxaha sabiex il-konvenut jieħu ħsieb jiżviluppa l-art tiegħu—tax-xhud—f'Marsalforn. Jgħid li ftiehmu li dak li jdaħħal il-konvenut mill-bejgh ta' proprjetà fl-iżvilupp

[116] Traskrizzjoni a fol. 457 sa 462.

jinqasam nofs bin-nofs. Jgħid li l-bini kien jieħu ħsiebu l-konvenut.

Jgħid li ma jafx lil min biegħ il-konvenut. Iżid li jaf biss li lilu tah ħlas f'xi żewġ okażjonijiet snin qabel inqalet il-kwistjoni tal-bejgħ minn wara dahru. Jerġa' jgħid li l-konvenut kellu jibni, jbigħ, u r-rikavat mill-bejgħ jinqasam bejniethom.

**In rieżami**, xehed[117] li huwa lill-konvenut kien ħassarlu l-prokura. Iżid li l-konvenut kien isakkru fid-dar, lilu u lill-mara tiegħu—tal-konvenut. Jgħid li kien anke qala' t-telefon biex ma jkunux jistgħu jcemplu.

Jgħid li meta l-konvenut trafserixxa l-proprjetà tiegħu lill-kumpanija lilu ma kienx talbu permess u anqas infurmah. Iżid li anqas tah ir-rikavat tal-istess trasferiment.

**Anthony Tanti**, uffiċjal fit-Taqsima tas-Sajd u Akwakultura, xehed[118] li xogħlu huwa li jżomm rendikont tal-bejgħ mis-sajjieda lil pixkerija. Iżid li d-dipartiment iżomm rendikont għal kull sajjied iżda dawn jinżammu fuq isem id-dgħajsa.

Jgħid li l-lanċa «Nettuno» hija reġistrata fuq isem il-konvenut b'dan li għas-sena 2004 m'għandux *records* iżda għas-sena 2005 għandu li sar bejgħ ta' erba' mija u wieħed u erbgħin lira maltija (Lm441) mentri għall-2006 għandu *record* ta' tliet mija u tnejn u sittin lira maltija (Lm362). Iżid li għall-2007 m'għandux *records*.

Dwar il-lanċa «Peppina», muri r-rendikont a fol. 397 jikkonferma li dan juri li minn din il-lanċa kien hemm bejgħ fil-valur ta' sittax-il elf sitta mija u ħamsa u tletin ewro u

[117] Traskrizzjoni a fol 462 sa 464.
[118] Traskrizzjoni a fol 429 u 430.

sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm16,635.76) għall-perijodu bejn Jannar u Diċembru, 2006 bir-rendikont inħareġ u huwa wkoll iffirmat minnu.

Jgħid li jekk is-sajjied ikun uzufruwixxa mis-sistema ta' sussidju favur id-*diesel* għal-laneċ dan ikun tnaqqas mid-dikjarazzjoni ta' qligħ tiegħu.

Aktar tard, u bil-posta, bagħat dokument maħluf[119] li juri l-bejgħ ta' ħut lill-pixkerija mil-lanca «Peppina». Jiddikjara li din il-lanċa hija reġistrata fuq isem il-konvenut u li fl-2004 u l-2005 ma biegħet xejn, fl-2006 biegħet bi sbatax-il elf u seba' mija u erba' u ħamsin lira maltija (Lm17,754) gross—sittax-il elf sitta mija u ħamsa u tletin lira maltija (Lm16,635) net—u sat-18 ta' Gunju, 2007 kellha bejgħ għall-2007 fil-valur ta' tmint elef tliet mija u disgħa u erbgħin lira maltija (Lm8,349) gross – sebat elef tmien mija u tlieta u għoxrin lira maltija (Lm7,823) net.

**Carmelo Bugeja**, president tal-Koperattiva tas-Sajd, xehed[120] li l-konvenut m'huwiex membru tal-Koperattiva u għalhekk m'għandux informazzjoni dwaru.

**L-Avukat Malcolm Cassar**, in rappreżentanza ta' *Global Financial Management Limited*, xehed[121] b'referenza għad-dokument ipprezentat minnu a fol. 398 tal-proċess.

Jgħid li f'dan il-każ mar għandhom il-konvenut u talab sabiex l-investiment jinbiegħ. Iżid li l-investiment li kien fl-*Aberdeen Technology Fund* inbiegh fit-13 ta' April, 2007 għas-somma ta' elf erba' mija u ħdax-il Dollaru Amerikan u erba' u sittin ċenteżmu ($1,411.64).

---

[119] Dokument maħluf a fol. 471.
[120] Traskrizzjoni a fol. 431.
[121] Traskrizzjoni a fol. 432.

Iżid li mir-*records* tagħhom ma jirriżultax li l-partijiet għad fadlilhom investimenti miftuħin. Iżid li huwa fittex kemm fuq il-partijiet kif ukoll fuq il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*.

**In kontroeżami**, xehed[122] li l-benefiċċjarju fuq il-bejgħ kien Josmael Schembri li jidher li huwa minuri.[123]

Iżid li jiftakar li kien kellmu l-konvenut u qallu li jrid jillikwida l-investiment. Jgħid li ma jaħsibx li kien qallu għalfejn ried jagħmel hekk. Iżid li r-rikavat ma ġiex rilaxxat peress li ma kienx hemm il-firma ta' martu—l-attriċi. Jgħid li għalhekk, għalkemm il-bejgħ sar, ir-rikavat għadu f'idejhom.

**In rieżami**,[124] xehed li wara riċerka ulterjuri li għamel sab tliet (3) kontijiet ta' investimenti miżmuma f'isem kull wieħed minn ulied il-partijiet kontendenti ossia, f'isem Josmael, Rodrick, u Gabriella[125] iżda *«care of AS and FS»*. Iżid li kull wieħed minn dawn l-investimenti kien ma' *Aberdeen Technology Fund*.

Jgħid li mill-2004 sal-2007 ma kien hemm ebda moviment f'dawn l-investimenti. Iżid li l-unika bidla kienet fl-2003 meta l-investimenti ngħalqu u reġgħu nfetħu bl-unika bidla kienet fid-denominazzjoni minn Liri Maltin għal Dollari Amerikani.

---

[122] Traskrizzjoni a fol. 432 u 433.

[123] Mill-affidavit tal-attriċi a fol. 55 sa 63 jirriżulta li Josmael Schembri huwa iben il-partijiet. Ref. dikjarazzjoni speċifikatament kontenuta fit-tieni paragrafu tal-paġna tal-affidavit a fol. 58.

[124] Traskrizzjoni a fol. 485 u 486.

[125] Ix-xhud isemmi Graziella li din il-Qorti, tenut kont tal-ismijiet tal-ulied dikjarati fl-affidavit tal-attriċi a fol. 55 sa 63 tifhem li għandu jaqra Gabriella. Ref. ukoll; l-affidavit tal-konvenut a fol. 552 sa 557 fejn konsistentement jirreferi għal bintu «Gabriella».

Jixhed li fit-13 ta' April tal-2007 it-tliet (3) investimenti nbigħu bir-rikavat mill-bejgħ għadu miżmum minn *Global Fund SICAV* peress li sabiex jinġibed irid ikun hemm il-firem taż-żewġ (2) partijiet kontendenti mentri s'issa hemm biss tal-konvenut.

Jippreżenta dokumenti relattivi għat-tliet investiment kif ukoll dokument li juri l-*performance* ta' kull investiment qabel dawn inbiegħu. Iġid li l-*fluctuations* fl-investimenti kienu minimi.[126]

**John Vella**, in rappreżentanza tal-bank *Bank of Valletta*, xehed[127] li l-konvenut magħhom għandu kontijiet f'ismu waħdu, konġuntivament ma' martu, u konġuntivament ma' ħuh George.

Jippreżenta rendikonti tal-istess kontijiet.[128]

Jgħid li dwar *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* sab biss kont intestat lill-konvenut, ħuh George u ibnu

[126] Dokumenti a fol. 500 sa 509 juri l-bejgħ ta' kull investiment u l-isabbilità tal-*performance* tagħhom.
[127] Traskrizzjoni a fol. 435.
[128] Rendikonti ssiġillati f'envelop kannella a fol. 399. Ir-rendikonti ppreżentati juru [i] kont *term deposit* bin-numru jispiċċa 558 intestat lill-konvenut waħdu li bejn Lulju, 2005 u Lulju, 2006 jidher li tħallas; [ii] kont *term deposit* bin-numru jispiċċa 282 intestat lill-konvenut waħdu li bejn Marzu, 2005 u Marzu, 2006 jidher li tħallas; [iii] kont *current* bin-numru jispiċċa 035 intestat lill-konvenut waħdu li jidher li ngħalaq fl-2006; [iv] kont *savings* bin-numru jispiċċa 971 intestat lill-konvenut waħdu, [v] kont *savings* bin-numru jispiċċa 824 intestat lill-konvenut waħdu li jidher li ngħalaq fl-2006; [vi] kont *savings* bin-numru jispiċċa 090 intestat lill-konvenut waħdu li jidher li ngħalaq fl-2006; [vii] kont intestat lill-partijiet kontendenti u terzi bin-numru jispiċċa 428; [viii] kont ta' ċekk bin-numru jispiċċa 729 intestat lill-konvenut, ħuh George, u ibnu Rodrick b'referenza għal *Neptune's Restaurant* li jidher li bejn 2005 u l-2006 baqa' jirreġistra dħul sakemm ingħalaq fit-23 ta' Ottubru, 2006, u; [ix] ħames kontijiet fuq isem iż-żewġ partijiet konġuntivament li jispiċċaw bin-numri 512, 528, 286, 037, u 019 b'wieħed minnhom, dak ta' ċekk bin-numru jispiċċa 512 ingħalaq fl-2006.

Rodrick b'dan li żbank minnu jista' jsir minn kull wieħed minnhom.

**In kontinwazzjoni**, xehed[129] li wara riċerka li għamel mill-2001 'il quddiem, qiegħed jippreżenta rendikont ta' kont bankarju intestat lil Rodrick Schembri.[130] Iżid li apparti dan il-kont, Rodrick Schembri deher fuq żewġ (2) kontijiet oħra miżmuma konġuntivament ma' żewġ (2) persuni oħrajn b'persuna minnhom hija estranja għal dawn il-proċeduri.

Iżid li ma jistax jagħti informazzjoni dwar dawn il-kontijiet ulterjuri stante li jinvolvu terzi persuni.

**Joseph Cordina**, awditur, xehed[131] li lill-partijiet kontendenti jafhom peress li jagħmel xogħol lill-konvenut billi jippreparalu d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa u l-VAT. Iżid li qatt ma għamel xogħol ta' awditjar għall-partijiet.

Iżid li l-konvenut huwa sajjied u jiġġestixxi ristorant bħala *self-employed*.

Jgħid li sabiex iħejji d-dikjarazzjonijiet meħtieġa huwa jmur ir-ristorant tal-konvenut, jieħu *z-reading* u jiġbor il-fatturi tal-ispejjeż mingħand il-konvenut, inkluż dawk relattivi għall-qligħ u spejjeż konnessi mas-sajd.

Jgħid li ma jaf xejn dwar dikjarazzjonijiet tal-partijiet relattivament għal *childrens' allowance.*

Iżid li huwa qatt ma kellu raġuni jissuspetta xejn milli kien jgħidlu l-konvenut b'dan li joqgħod fuq l-informazzjoni li jgħaddilu l-istess konvenut.

---

129 Traskrizzjoni a fol. 621.
130 Rendikont a fol. 622 sa 629.
131 Traskrizzjoni a fol. 436 u 437.

Iżid li jaf li ġew iffurmati xi kumpaniji iżda ma kienx involut f'dan. Iżid li jaf li lejn l-2006 Rodrick—iben il-partijiet—daħal bi sħab fir-ristorant flimkien ma' missieru u zijuh George. Jgħid li l-qligħ mir-ristorant jinqasam bejn it-tliet (3) membri li qegħdin bi sħab ossia, il-konvenut, ibnu Rodrick u ħuh George.

**John Camilleri**, in rappreżentanza tal-bank *Lombard Bank p.l.c.,* xehed[132] li l-konvenut għandu kont magħhom kif għandhom ukoll il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* u dik *Neptune's Catering Limited*.

Jippreżenta rendikonti tal-kontijiet.[133]

**Xehed ulterjorment**[134] li l-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* għandha kont bankarju ieħor magħhom u jippreżenta rendikont relattiv għalih.[135]

**Alfred Sammut**, in rappreżentanza tal-Borża ta' Malta, xehed[136] li l-partijiet kontendenti konjuġi Schembri kif ukoll il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*—C38323 għandhom investimenti magħhom.

Jippreżenta dokumenti relattivi għall-istess investimenti.[137]

Jgħid li l-attriċi ma jirriżultax li qatt kellha investimenti f'isimha.

---

[132] Traskrizzjoni a fol. 439.

[133] Rendikonti magħluqa f'envelopekannella a fol. 400 li juru: [i] kont ta' ċekk bin-numru jispiċċa 915 intestat lil *Neptune's Catering Limited*; [ii] kont ta' ċekk bin-numru jispiċċa 125 intestat lil *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*, u; [iii] kontijiet bin-numri jispiċċaw 123 intestati lill-konvenut.

[134] Traskrizzjoni a fol. 487.

[135] Rendikont f'envelop kannella a fol. 571

[136] Traskrizzjoni a fol. 440.

[137] Dokumenti f'envelop kannella a fol. 401 juru: [i] investimenti miżmuma f'isem il-konvenut; [ii] investimenti f'isem il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*, u; [iii] konferma li l-attriċi ma tħaddan ebda investiment reġistrat mal-Borża ta' Malta.

Aktar tard, u bil-posta, bagħat informazzjoni dwar *Cerna Company Limited* – C39870 – u *Neptune's Catering Limited* – C39870, minn fejn jirriżulta li dawn iż-żewġ kumpaniji m'għandhom ebda investimenti rreġistrati f'isimhom.[138]

**Marco Cassar**, spettur fit-Taqsima tas-Sajd u Akwakultura, xehed[139] li bejn is-snin 2000 u 2007 il-konvenut użufruwixxa minn sussidju fuq *fuel* għal-lanċa «Peppina» iżda ebda sussidju ma ntalab rigward il-lanċa «Nettuno» f'dak il-perjodu.

Jesibixxi dokument li juri dan.[140]

Jispjega li s-sajjied ma jingħatax flus iżda kreditu li jiskambja bi *fuel*. Iżid li l-bilanċ jintilef jekk ma jintużax.

**Aktar tard, permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata** tal-11 ta' Ottubru, 2007, jippreżenta rendikont tal-allokazzjoni ta' karburant bla dazju li rċieva l-konvenut relattivament għal-lanca «Peppina» fil-perijodu 1997 sa 2007.[141]

**Enrico Depasquale**, in rappreżentanza ta' *Middle Sea*, xehed[142] li l-konvenut u l-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* għandhom investimenti magħhom. Iżid li ma nstabu ebda investimenti reġistrati f'isem l-attriċi. Iżid li l-investimenti saru fl-1999.

Jippreżenta dokumenti relattivi għall-istess investimenti.[143]

---

[138] Dokument a fol. 465. Għal darb'oħra bagħat kuoll l-istess dokumenti diġà in atti fl-envelop a fol. 401.
[139] Traskrizzjoni a fol. 488 u 489.
[140] Dokument a fol. 510.
[141] Dikjarazzjoni ġuramentata a fol. 528 u rendikont a fol. 529 u 530.
[142] Traskrizzjoni a fol. 491.
[143] Dokumenti a fol. 512 sa 517 juru investimenti bin-numri: [i] 53112 fuq isem il-konvenut bl-assigurat Rodrick Schembri; [ii] 53113 fuq isem il-konvenut bl-assigurata Gabriella Schembri, u; [iii] 53114 fuq isem il-konvenut bl-assigurat Josmael Schembri; kif ukoll [i] AP014419; [ii] AP021627, u; [iii] AP021628 fuq *Neptune's* bl-assigurat il-konvenut.

**Eric Schembri**, in rappreżentanza ta' *Crystal Finance Limited*, xehed[144] li l-uniku investiment li rriżulta reġistrat magħhom b'referenza għall-partijiet kontendenti u kumpaniji assoċjati magħhom huwa investiment f'isem il-partijiet kontendenti konġuntivament.

Jgħid li dan l-investiment sar fl-2001 fl-ammont ta' sitt elef erbat mitt SterAS Ingliża (£6,400) u ngħalaq fl-2005 fuq talba tal-konjugi Schembri. Iżid li s-somma relattiva tħallset fl-istess sena 2005.

Jippreżenta kopja taċ-ċekk li nħareġ f'isem iż-żewġ partijiet kontendenti flimkien ma' inkartament relattiv.[145]

**FS sive Frankie Schembri**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[146] Jiddikjara li martu telqet mid-dar b'uliedu f'Ottubru, 2006 u dan minħabba li kellu xi jgħid ma' familjari tagħha fuq proprjetà. Iżid li kien hemm kwistjoni wkoll dwar self li sar lil hu martu l-qassis.

Jgħid li martu zammet ma' familtha u ġġieldu fuq hekk. Iżid li qabel dan hu u martu qatt ma kellhom problemi bejniethom u jiċħad l-allegazzjonijiet ta' swat li saru fil-konfront tiegħu.

Jgħid li z-ziju tal-mara tiegħu, Anthony Saliba, għamel il-kawża rigward it-trasferiment tal-proprjetà li sar minn ismu għal isem il-kumpanija *Neptunes Bar and Restaurant Company Limited* wara li telaq minn daru u mar jgħix ma ħu martu.

Iżid li dwar iz-ziju ta' martu kien hemm ftehim bejn martu u ħutha li kulħadd kellu jieħu ħsiebu iżda ħadd ma

---

[144] Traskrizzjoni a fol. 535.
[145] Dokumenti f'envelop kannella a fol. 536.
[146] Affidavit a fol. 552 sa 557.

rrispetta l-ftehim għajr huma. Jgħid li martu kienet tilmenta miegħu dwar dan u meta eventwalment kelmet lil ħutha dawn offrew li jħallsuha sabiex tibqa' tiegħu ħsieb liz-ziju hi. Jgħid li huwa ħass li dan mhux sew u hemmhekk argumentaw u hi telqet mid-dar minn jeddha mhux imkeċċija.

Jgħid li martu kienet taf bil-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjetà minn isem zijuha għal fuq il-kumpanija inkluż meta ġiet lura wara li telqet mid-dar l-ewwel darba. Iżid li kienu spjegawlha u meta fehmet qatt ma semmiet il-kuntratt għajr wara li kellmuha ħutha u kkonvinċewha mod ieħor. Iżid li hawn imbagħad bdiet tinsisti li jitwaqqa' l-kuntratt. Jgħid li zijuha kien jaf li ser isir il-kuntratt kif sar.

Jgħid li huwa sajjied u jiġġestixxi wkoll ir-ristorant tal-familja f'Marsalforn.

Iżid li huwa dejjem amministra n-negozju b'mod għaqli u fil-fatt mexxieh 'il quddiem. Izid li lill-familja qatt ma ħallieha nieqsa minn xejn b'martu u ibnu Rodrick ukoll kellhom access bla xkiel għall-kexxun tal-flus. Iżid li martu kellu flus biżżejjed għal kulma kellha bżonn tant li qatt ma ġiet bżonn titolbu xi flus. Iżid li anqas ħuh George qatt ma waqqafhom milli jieħdu flus għax huwa ġuvni u jqishom bħala l-familja tiegħu.

Jgħid li martu qatt ma riedet tkun taf dwar dħul u kotba tan-negozju, anzi, jekk kien isemmilha kienet tgħidlu li ma tridx taf u j'Alla tmut qablu sabiex ma tkunx involuta. Iżid li kienet tħalli f'idejh għax kienet tafdah.

Jgħid li l-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* ġiet ffurmata f'Marzu, 2006 fuq suġġeriment tiegħu bl-ishma tqassmu erbgħin fil-mija (40%) fuqu, erbgħin fil-

mija (40%) fuq martu, għaxar fil-mija (10%) fuq ibnu Rodrick, u għaxar fil-mija (10%) fuq ħuh George. Iżid li huwa xtaq li wliedu l-oħra Josmael u Gabriella wkoll ikollhom għaxar fil-mija (10%) kull wieħed li jitnaqqsu mill-erbgħin fil-mija (40%) tiegħu u ta' martu iżda peress li kienu minuri sabiex isir dan rid ikun hemm awtorizzazzjoni tal-Qorti li martu ma ffirmatx sabiex tingħata. Jannetti kopja ta' varji atti proċesswali li juru li huwa prova jagħmel dan għal uliedu minuri Josmael u Gabriella.[147]

Iżid li ma jistax jifhem kif fl-affidavit tagħha martu tgħid li l-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* hija tiegħu u ta' ħuh meta huwa ċar li dan mhux il-każ.

Jiddikjara li ibnu Roderick kien reġistrat bħala impjegat tar-ristorant b'dan li wara daħlu bi sħab miegħu fin-negozji tas-sajd kif ukoll miegħu ma' ħuh f'dak tar-ristorant għax hu kien dejjem ikun miegħu u riedu jibbenefika min-negozju daqsu. Iżid li tant hu hekk li huwa Rodrick li kien jieħu ħsieb kollox fir-ristorant b'dan li seta' anke jiffirma ċ-ċekkijiet għad-debiti tar-ristorant.

Iżid li dak dovut lil ibnu Rodrick dejjem tpoġġa f'kont bankarju intestat lill-istess ibnu. Jispjega kif kien jiġi kalkolat il-qligħ ta' ibnu.

[147] Atti proċesswali referibbli għar-rikors magħmul fir-Reġistru tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-6 ta' Ġunju, 2006 mill-konjuġi Schembri, partijiet kontendenti f'din l-istanza, b'talba għall-awtorizzazzjoni sabiex uliedhom minuri Josmael u Gabriella jingħataw b'donazzjoni ishma ndaqs fil-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* li jitnaqqsu mill-ishma miżmuma minnhom – dokumenti a fol. 558 sa 562. Korrispondenza dwar talba taż-żewġ partijiet kontendenti għas-sospensjoni tal-istess proċeduri mibdija fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja bir-rikors tas-6 ta' Ġunju, 2006 stante l-ftuħ tal-proċeduri ta' separazzjoni personali bejniethom – dokumenti a fol. 563 sa 566.

Rigward dikjarazzjonijiet ta' dħul jgħid li għand l-*accountant* kien imur ibnu Rodrick għax kien hu li jieħu ħsieb il-ġestjoni tar-ristorant. Iżid li Rodrick kien jeħodlu l-karti lesti mill-*accountant* u huwa kien jiffirma kif jgħidlu. Iżid li tassew jista' jagħti l-każ li martu ma ffirmatx kull dikjarazzjoni iżda dan mhux kontra l-liġi li trid li biżżejjed li jiffirma konjuġi wieħed. Jinsisti li martu qatt ma riedet taf jew tkun involuta dwar qligħ.

Jgħid li l-qligħ huwa investih kollu fl-interessi tal-familja u t-tfal.

Jiddikjara li maz-ziju ta' martu Anthony Saliba huwa kellu ftehim li huwa jiżviluppa art tal-istess Anthony Saliba u jsib il-bejgħ tal-proprjetajiet hekk żviluppati b'kollox jinqasam nofs bin-nofs bejnu u bejn l-istess Anthony Saliba. Iżid li dan irrizulta mix-xhieda in kontroeżami li tal-istess Anthony Saliba fil-kawża numru 100/2006.[148] Iżid li minkejja dan, il-kontijiet finali baqgħu qatt ma saru b'dan li huwa spiċċa li ħareġ il-maġġoranza tal-ispejjeż sabiex ġiet żviluppata l-art taz-ziju ta' martu. Iżid li huwa ma kienx ifittex magħhom b'rispett ta' martu.

Dwar il-kuntratt tat-3 ta' Lulju, 2006 jgħid li huwa mexa skont il-prokura li kellu għal Anthony Saliba. Iżid li huwa kellu ftehim mal-istess Anthon Saliba sabiex tiġi trasferita l-proprjetà tiegħu lill-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*. Iżid li din kienet fil-fatt waħda mir-raġunijiet għalfejn twaqqfet din il-kumpanija fl-istess sena. Iżid li l-prezz ta' trasferiment dovut lil Anthony Saliba ma tħallasx iżda dan biss għaliex kellhom qabel isir

148 Traskrizzjonijiet ta' din ix-xhieda ġew eżaminati minn din il-Qorti u sintesizzati f'din is-sentenza. Ix-xhud jerġa' jesibixxi kopji tagħhom a fol. 567 sa 582 wara li dawn kienu diġà esibiti a fol. 449 sa 464.

il-konteġġji bejniethom dwar ħlasijiet dovuti lilu rigward l-iżvilupp tal-art tal-istess Anthony Saliba.

Jagħti rendikont ta' assi eżistenti u jgħid liem'minnhom, skontu, jiffurmaw parti mil-komunjoni tal-akkwisti.

Iżid li l-kumpaniji *Cerna Company Limited* u *Neptune's Catering Limited* huma l-istess kumpaniji b'dan li minn «Cerna» inbidel l-isem għal «*Neptune's Catering*».

**In kontinwazzjoni**, xehed[149] li fit-3 ta' Novembru, 2000 huwa investa tlitt elef lira maltija (Lm3,000) f'isem ibnu Rodrick, elfejn lira maltija (Lm2,000) f'isem ibnu Josmael, u elf lira maltija (Lm1,000) f'isem bintu Gabriella mas-soċjetà *Globe*. Jgħid li l-investimenti dejjem saru minnu b'wara jinforma lil martu li kienet tgħidlu jieħu ħsieb huwa. Iżid li l-investimenti dejjem saru f'ismu u isem martu għal uliedhom sakemm martu ma kinitx tgħidlu jmur waħdu u jieħu ħsieb hu.

Jgħid li l-investimenti ma' *Globe* għalaqhom fit-13 ta' April, 2007 biss għaliex ra li ma kinux sejrin tajjeb u fuq parir li ngħata ddeċieda jagħlaqhom sabiex ipoġġi l-kapital f'investiment ieħor li kien qed irendi ferm aħjar. Iżid li l-investimenti ngħaqlu iżda l-kapital għadu f'idejn il-*Globe*. Jgħid li għalkemm huwa l-investimenti kien għamilhom *anyone to sign* u sabiex ingħalqu ffirma wahdu s-soċjetà *Globe* riedet il-firma ta' martu sabiex jinġibed il-kapital. Jippreżenta varji dokumenti relattivi għal varji investimenti.[150]

**In kontroeżami**,[151] xehed li l-investiment li ried li jpoġġi l-kapital fih wara li għalaq dak oriġinali kien mal-*Crystal*

[149] Traskrizzjoni a fol. 583 sa 584.
[150] Dokumenti a fol. 587 sa 592.
[151] Traskrizzjoni a fol. 584 sa 586.

*Finance Limited*. Jgħid li lil martu m'għarrafhiex b'dan għaliex kien jiddeċiedi hu. Iżid li kull meta prova jinvolvi lilha dejjem qaltlu jieħu ħsieb hu.

Jikkonferma li martu għandha erbgħin fil-mija (40%) tal-ishma fil-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* għal liema jibgħatilha dokumenti relattivi bil-miktub peress li hija azzjonista.

Jikkonferma li wara li sar it-trasferiment tal-proprjetà taz-ziju ta' martu għall-kumpanija martu riedet toħroġ mill-kumpanija iżda ma tatux raġuni għal dan. Iżid li għal dan l-għan marru għand *accountant* iżda hawn martu rrifjutat li tiffirma li kien hemm bżonn. Iżid li tali dokumenti għadhom sal-lum mhux iffirmati.

Iżid li martu konsistentement kienet tgħidlu jwaqqa' l-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjetà bejn zijuha u l-kumpanija u tgħidlu li dik il-proprjetà zijuha kien ser itiha lilha b'donazzjoni.

Iżid li l-kumpanija twaqqfet ftit żmien qabel sar il-kuntratt, fl-2006. Jgħid li qabel dan ir-ristornat kien jitmexxa minn kumpanija oħra li kellu huwa qabel iż-żwieġ. Jgħid li din kienet ġiet likwidata sabiex in-negozju ġie fuqu u fuq ħuh. Jgħid li wara mbagħad daħal ibnu Rodrick, l-ewwel bħala impjegat u wara bi sħab. Iżid li lil Rodrick qatt ma tah flus f'idejh minn negozju imma dejjem poġġihomlu f'kont bankarju intestat fuq ismu—Rodrick. Iżid li ibnu seta' però jieħu li jrid għax il-flus tan-negozju dejjem kienu f'idejh flimkien ma' ommu, bil-kexxun miftuħ.

Jobbliga ruħu li jipprezenta rendikonti ta' flejjes li ddepożita f'isem ibnu.

Jikkonferma li ibnu telaq minn negozju minn jeddu wara li argumentaw dwar kwistjoni li qamet bejn huh Josmael u oħt l-għarusa tiegħu—ta' Rodrick. Jgħid li hawn sab lil Rodrick rieqed fir-ristorant, argumentaw, Rodrick hedded li jitlaq u huwa rrisponda li jekk jidhirlu li għandu jitlaq, jista jitlaq.

Jgħid li hu u ibnu Rodrick kienu jargumentaw iżda qatt ma sawtu għajr għal darba meta ġew fl-idejn.

**In kontroeżami ulterjuri**,[152] xehed li martu telqet l-ewwel darba mid-dar fit-28 ta' Ġunju, 2006. Iżid li dan seħħ minħabba li zijuha kien jippretendi wisq mingħandhom il-partijiet u wliedhom b'dan li huwa keċċih minn darhom u martu l-attriċi qaltlu li jekk jitlaq zijuha titlaq hi wkoll. Iżid li ħut martu ma kinux jassistu f'dak li kien bżonn zijuhom u l-piż waqa' kollu fuq martu u familtu. Iżid li martu marret *Lourdes Home* mentri zijuha mar ma' ħu martu, Joseph.

Jgħid li matul iż-żwieġ tiegħu dejjem mexxa ħwejjeġ familtu b'mod għaqli u dan sa mill-1984. Iżid li martu dejjem ħalliet f'idu u qaltlu sabiex lilha ma jgħidilha xejn.

Jikkonferma li fl-2007 ġabar investiment li kien għamel ma' *La Vallette Sterling Income Fund Management* mingħajr ma qal lil martu. Iżid li dan għamlu għaliex dan kien parafernali tiegħu magħmul minn flus li wiret huwa mingħand nannuh u zijiet tiegħu.

Izid li għalaq ukoll investimenti oħra għaliex kien bzonn il-flus sabiex imexxi r-ristorant li huwa mmexxi minn kumpanija li fiha familtu għandha l-maġġoranza tal-ishma.

[152] Traskrizzjoni a fol. 692 sa 696.

Jgħid li l-investimenti l-oħra li ssemmew tul il-proċeduri wkoll saru bi flus parafernali tiegħu.

Iżid li missieru kellu erbat (4) aħwa b'missieru biss kien miżżewweġ u kellu l-ulied—lilu u lil ħuh George. Jgħid li għalhekk huwa u ħuh George wirtu lill-ġenituri tagħhom iżda wkoll liz-zijiet tagħhom. Iżid li ħuh George huwa ġuvni u dejjem qies lil martu u uliedu bħala familtu.

Jgħid li l-inkwiet fil-familja tiegħu nqala' wara li miet missier martu u ħuha għamel id-denunzja tiegħu mingħajr ma qalilhom.

Jgħid li r-ristorant ġie għandu fl-1986. Izid li għandu zewg lanec li ilhom għandom sa mill-1993.

Jgħid li l-art li żviluppa f'Marsalforn kienet ta' missier martu u zijuha. Iżid li huwa investa fiha sa mill-1988 b'xogħol u flus. Jgħid li konteġġji ta' flejjes li nefaq f'dan il-proġett ma żammx. Jgħid li l-iżvilupp f'dan is-sit tlesta fl-1992. Iżid li wħud mill-appartamenti li nbnew nbiegħu u oħrajn jikruhom.

Jgħid li l-kumpanija *Cerna Company Limited* ġiet istitwita minħabba mandat ta' sekwestru li għamlet martu kontrih, kontra ħuh George, u kontra ibnu Rodrick b'dan li huwa ma setax jaħdem kieku ma fformax kumpanija ġdida. Iżid li din il-kumpanija m'ghadix teżisti.

Jikkonferma li għalaq xi investimenti bir-rikavat mar għand *Cerna Company Limited* kif jirriżulta miċ-ċekkijiet esibiti a fol. 612, 616, u 619 tal-proċess—esibiti mix-xhud Peter Perrotti. Jgħid li dan sar sabiex martu ma taqbadlux dawn il-flejjes b'mandat ieħor. Jgħid li ma jafx x'għamel bir-rikavat. Iżid li jrid jiċċekja fejn mar ir-rikavat.

Jgħid li minn Marzu tal-2007—meta rċieva r-rikavat tal-investimenti magħluqa—'il quddiem huwa rranġa r-ristorant u għamel diversi affarijiet oħra. Iżid li f'isem il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company limited* fl-2008 inxtraw garaxx u arja ta' flat.

Jikkonferma wkoll li ġibed ċirka erbatax-il ħames mitt lira maltija (Lm14,500) minn kont bankarju intestat f'ismu, isem ħuh George u isem ibnu Rodrick. Jgħid li b'dawn ħallas diversi spejjeż tan-negozju. Iżid li l-kont huwa jagħlqu kull sena. Jgħid li anqas huwa ċert għalqux huwa dan il-kont u jekk Rodrick ma rċeviex sehmu minnu dan għaliex ħalla xi dejn warajh.

Jgħid li flus l-Ingilterra u l-Isvizzera kellu u kien jieħu ħsieb dawn l-investimenti huwa.

Mistoqsi dwar id-dokument ta' *Lloyds Bank* a fol. 518 tal-proċess jgħid li dawk ilhom li nġabru u nġabru xi sentejn wara li tpoġġew—allura lejn l-1998. Jgħid li ma jiftakarx x'għamel bir-rikavat.

Jgħid li l-kuntratt tat-3 ta' Lulju, 2006 li bih ġiet trasferita proprjetà minn Anthony Saliba—ziju tal-attriċi—lill-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* sar meta kemm huwa kif ukoll martu l-attriċi, ibnu Rodrick u ħuh George kienu diretturi tal-istess kumpanija. Jgħid li fuqu bħala diretturi dehru Rodrick u George mentri huwa deher bħala prokuratur ta' Anthony Saliba. Jgħid li l-flus li ġabar fuq dan il-kuntratt ma ġewx mgħoddija lil Anthony Saliba.

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami,**[153] xehed li huwa preżenta rikors għat-tneħħija ta' mandat ta' sekwestru

[153] Traskrizzjoni a fol. 702 sa 705.

ppreżentat minn martu. Jgħid li dan għamlu għaliex il-flus maqbuda bis-sekwestru għalkemm jinsabu f'kont bankarju intestat lilu u lil martu huma parafernali u tan-negozju tar-ristorant li jmexxi ma' ħuh.

Iżid li flejjes f'banek li huma tal-komunjoni m'hemmx għaliex dak kollu li kien tal-komunjoni ġie investit fil-bini f'Marsalforn.

Jgħid li r-ristorant kien jirrendi qligħ iżda ma jistax jagħti ċifra ta' x'kien il-qligħ. Iżid li dan jixhduh id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu.

Jgħid li r-ristorant huwa mmexxi minn *Neptune's Catering Company Limited* li ġiet iffurmata wara li martu u ibnu Rodrick ma baqgħux involuti fin-negozju. Iżid li din qabel kien jisimha *Cerna Company Limited* imbagħad biddlulha isimha.

Jgħid li llum martu m'għadhiex direttur fuq il-kumpanija. Iżid li dan għamlu fuq parir ta' *accountants* u avukati li qalulu li ma kienx hemm bżonn il-firma tagħha sabiex titneħħa. Jgħid li hija dejjem qalet li ma riditx tibqa' direttur u dan minħabba il-kuntratt li bih ġiet trasferita proprjetà ta' Anthony Saliba lill-kumpanija.

Jgħid li fil-komunjoni tal-akkwisti llum hemm żewġ appartamenti fix-Xwejni li qegħdin f'ismu u isem martu u tliet (3) appartamenti oħra, garaxx u biċċa raba' li qegħdin f'isem *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited.*

Jgħid li s-sittin elf lira maltija (Lm60,000) li jissemmgħu fuq il-kuntratt ta' trasferiment ta' proprjetà bejn Anthony Saliba u l-kumpanija ma ġewx mgħoddija lil Anthony Saliba. Rigward bejgħ ta' proprejtajiet lil terzi jgħid li huwa għandu provi li ta r-rikavat lil Anthony Saliba.

Jgħid li meta żviluppaw l-art ta' Anthony Saliba u ħuh, missier martu l-attriċi, nofs l-apparamenti u garaxxijiet ittieħdu minn missier martu mentri n-nofs l-ieħor ittieħdu minnu u minn zijuha Anthony Saliba.

Itenni li huwa ma zammx rendikont tal-valuri li ttieħdu mill-komunjoni u ġew investiti fl-iżvilupp ta' Marsalforn. Jgħid li għandu bżonn jitqabbad perit sabiex jagħmel valutazzjoni. Iżid li huwa għandu wkoll jitħallas tax-xogħol manwali li għamel f'dan l-iżvilupp.

Muri lilu kuntratt tal-20 ta' Diċembru, 2007 jgħid li b'dan il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* akkwistat proprjetà. Iżid li l-prezz li jidher fuqu huwa bħalma deher fuq il-konvenju li preċedih liema konvenju kien sar wara li martu telqet mid-dar.[154]

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami**,[155] jgħid li għalkemm mitlub jippreżenta rendikont tal-qligħ tiegħu u tal-kumpaniji tiegħu għas-snin 2006 u 2007 huwa mhux ser jippreżentahom stante li l-kawża hija dwar amministrazzjoni ħażina u x'sar bħala amministrazzjoni sa meta ġiet preżentata l-kawża. Jgħid li semmai ikun dispost jippreżenta tal-2006 sa qabel ġiet intavolata l-kawża.

Muri dokumenti – formuli ta' aggustament dwar taxxa[156] – prezentati mill-avukat difensur tal-attrici jgħid li dwar dawk li jkopru l-2007 mhux ser jixhed għall-istess raguni li diga ta mentri għal dawk li jkopru l-2006 m'għandux

[154] Il-kuntratt, li jinsab a fol. 707 sa 713 huwa wieħed ta' kompravendità u bih il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* xtrat il-garaxx internament immarkat numru 2 fil-livell *semi-basement* kif ukoll l-arja sovrastanti għalih ta' għoli ta' għaxar (10) filati vojt li fiha huwa intenzjonat li jinbena appartament li ser ikun immarkat numru 2, ilkoll formanti parti mill-korp ta' bini magħruf bħala 'Blokk A', *Falcon Court*, Triq ir-Rabat, Marsalforn.
[155] Traskrizzjoni a fol. 754 sa 758.
[156] Formuli ta' aggustament dwar taxxa a fol. 776 sa 778.

tagħrif iżda m'għandux oġġezzjoni li jippreżenta informazzjoni.

Jgħid li mindu telqu mir-ristorant martu u ibnu, ir-ristorant beda jitmexxa minn impjegati tiegħu flimkien ma' ħuh. Iżid li ibnu Rodrick telaq minn jeddu lejn Settembru, 2006 u martu lejn Ottubru, 2006.

Jgħid li qabel telqu martu u ibnu r-ristorant kien bi sħab bejnu, ħuh, u ibnu b'dan li wara li telqu ġiet iffurmata l-kumpanija *Cerna Company Limited* sabiex tmexxi l-istess. Jgħid li l-kumpanija ġiet iffurmata minħabba l-mandati li għamlet martu li kienu jolqtu lilu, lil ħuh u lil ibnu.

Jinsisti li l-flus investiti, għalkemm investiti f'ismu u f'isem martu, ma kinux tiegħu u ta' martu iżda parti kienu parafernali u parti tiegħu u ta' ħuh.

Jinsisti wkoll li fuq il-proġett ta' Xwejni, Marsalforn, fejn ġiet żviluppata art ta' missier u z-ziju tal-attriċi għad hemm kontijiet pendenti.

Muri rċevuta li tgħid li rċieva elf erba' mitt lira maltija (Lm1,400) mingħand missier martu ma jiċħadx li rċieva l-valur hemm dikjarat iżda jgħid li dan ma jfissirx li dik kienet *in full and final settlement*.[157]

Bħala wirtijiet li wirtu huwa u ħuh isemmi ta' F. Schembri li miet fl-1964, G. Schembri li mietet fl-1976, G. Schembri li miet fl-1971, u L. Spiteri li mietet fl-1987. Iżid li dan mhux kulma wirtu huwa u ħuh. Mistqosi kemm wiret flus jgħid li l-avukat jaf għax huwa mir-Rabat u kull kif jista' jara d-

[157] Irċevuta a fol 779. L-irċevuta datata l-25 ta' April, 1992 taqra li l-konvenut qed jirċievi s-somma ta' elf erba' mitt lira maltija (Lm1,400) mingħand Vincent Saliba—missier l-attriċi—*għas-saldu tad-debitu dovut mill-imsemmi Vincent Saliba lill-imsemmi FS in konnessjoni ma' kostruzzjoni, xogħol, u materjal fix-Xwejni, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex*. L-irċevuta hija ffirmata mill-konvenut u l-konvenut jagħraf il-firma tiegħu fuqha—ref. l-aħħar paragrafu tat-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu fuq il-pagna tal-istess a fol. 755.

denunzji. Wara dan jagħraf li l-flus ma jiġux indikati fid-denunzji.

Mistoqsi dwar dħul reali tiegħu u dak dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tad-dħul jgħid li m'għandux x'jispjega għax kollox huwa mehmuż mad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa.

Jerġa' jirrifjuta jag#ti nformazzjoni dwar investimenti wara d-data tal-prezentazzjoni tal-kawża.

Jirrifjuta wkoll li jagħti nformazzjoni dwar il-kont tal-*Bank of Valletta* li huwa żbanka tul dawn il-proċeduri u li dwaru saru rikorsi varji mill-attriċi. Riferut għad-digriet tal-1 ta' Settembru, 2008 tal-Qorti kif diversament presjeduta jgħid li jerġa' jirrifjuta li jagħti informazzjoni dwar x'għamel bil-flus li żbanka.

Jikkonferma li martu għadha azzjonista tal-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*. Jirrifjuta li jagħti informazzjoni dwar proprjetà li xtart din il-kumpanija wara l-intavolar tal-kawża.

Jikkonferma li kemm ilu miżżewweġ xtara żewġ (2) laneċ f'ismu; «Nettuno» ta' tnejn u għoxrin (22) pied u «Peppina» ta' wieħed u erbgħin (41) pied. Jgħid li dawn xtrahom bi flus li ġew mill-wirt tal-familja tiegħu.

Jgħid li vetturi f'ismu kull m'hemm dik li qiegħda fil-pussess ta' martu. Iżid li l-Isuzu l-blu li kien reġistrat fuq ismu mhux ser jgħid għand minn qiegħed issa.

Jgħid li l-blokka ta' appartamenti «*Neptune's Flats*» fejn jgħixu huwa u ħuh bnieha hu fl-2003 iżda ma jafx minn fejn ġab il-flus sabiex bniha.

Jgħid li l-blokka ta' appartamenti numru 3, Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex inbniet fis-snin 90 u bnieha hu

wkoll. Iżid li hawn ukoll ma jafx minn fejn ġab il-flus biex bena din il-blokka.

Jgħid li l-garaxx tal-Qolla s-Safra, Marsalforn, ma jafx minn fejn ġab il-flus biex bnieh.

Jgħid li jridu jsiru konteġġji ma ħuh li però mhux dispost li jagħmel għaliex jaf li lil ħuh għad jirtuh uliedu.

Dwar l-ishma fil-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* jgħid li huwa ried li wliedu lkoll ikollhom għaxar fil-mija (10%), ħuh ikollu għaxar fil-mija (10%) u l-kumplament tal-ishma jinqasmu bejnu u martu. Jgħid li dan ma seħħx għax irrifjutat martu. Jerġa' jippreżenta kopja tal-atti ġudizzjarji tal-proceduri mibdija iżda li ma ġewx terminati quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.[158]

Mistoqsi kif il-kumpanija ħallset għall-proprjetà li akkwistat mingħand Anthony Saliba jgħid li ma jiftakarx iżda ma jaħsibx li ħadet self. Jgħid li dak iż-żmien il-kumpanija kien għadha ġdida u ma kellhiex kapital u allura xi ħadd bilfors ħareġ il-flus. Iżid li ma jiftakarx minn kien dan ix-xi ħadd.

Rigward l-investiment mal-*Lloyds Bank* jgħid li dak kien tiegħu u ta' martu iżda ilu li ngħalaq u ċertament li ngħalaq qabel is-sena 2000. Jgħid li r-rikavat minnu aktarx reġa'ġie investit lokalment.

Jgħid li sa Marzu, 2006 martu dejjem qaltlu li ma riedet taf b'xejn dwar it-tmexxija tan-negozju.

**In rieżami**,[159] jgħid li l-irċevuta dwar elf erba' mitt lira maltrija (Lm1,400) li rċieva mingħand missier l-attriċi

[158] Atti ġudizzjarji—inkluż *Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija—a fol 760 sa 775.
[159] Traskrizzjoni a fol. 759.

aktarx saret quddiem in-Nutar Paul George Pisani. Iżid li wara d-data tagħha—li hija tal-25 ta' April, 1992—saru aktar xogħlijiet.

Jgħid li mill-flus taż-żwieġ huma kienu jgħixu lill-familja. Iżid li taw xi għoxrin elf lira maltija (Lm20,000) lill-ibnu Rodrick b'dan li llum m'hemmx flus fil-komunjoni. Jgħid li flus tal-komunjoni anqas qatt ma kien hemm peress li l-flus tiegħu flimkien ma' martu kollha marru versu l-proġett tax-Xwejni.

Jgħid li huwa qatt ma ta każ jekk il-flus kinux tiegħu, ta' ħuh, jew taz-zijiet iżda dejjem ħa skont il-bżonn li kellu.

Jgħid li jekk isiru konteġġji inkluż ma ħuh George jirriżulta li ebda flus m'huma dovuti lil martu.

**In kontroeżami ulterjuri**,[160] jixhed li b'referenza għal dak li xehed qabel dwar in-nuqqas ta' oġġezzjoni tiegħu li jagħti informazzjoni dwar qligħ magħmul fl-2006, qed jippreżenta varji dokumenti.

Jippreżenta għalhekk id-dikjarazzjonijiet tad-dħul għas-sena 2006 kemm tiegħu personali kif ukoll ta' *Neptune's Bar and Restaurant* flimkien mad-dokumenti annessi magħhom.[161] Jgħid li sehmu mill-qligħ tar-ristorant għas-sena 2006 kien ta' elfejn disa' mija u erbgħin lira maltija (Lm2,940). Jippreżenta wkoll rendikont dwar il-qligħ tiegħu mis-sajd li fl-2006 kien ta' tnejn u għoxrin elf ħames mija u tnax lira maltija (Lm22,512) li jgħid li huwa l-valur li baqa' f'idejh.

Jippreżenta wkoll kopja tal-*audited accounts* tal-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*. Iżid li huwa

[160] Traskrizzjoni a fol. 782 sa 787.
[161] Dokumenti a fol. 788 sa 793.

sejjaħ laqgħa annwali ġenerali tal-kumpanija iżda martu u ibnu tramite r-rappreżentant legali tagħhom infurmawh li mhumiex disposti jattendu. Jgħid li infurmawh ukoll li jkun aħjar tissejjaħ laqgħa straordinarja dwar il-kuntratt ta' trasferiment ta' proprjetà mingħand Anthony Saliba lill-kumpanija. Jgħid li din il-laqgħa ssejħet iżda martu u ibnu ma tfaċċawx.

Jgħid li l-azzjonisti tal-kumpanija huwa ta' disgħa u sebgħin elf seba' mija u tmienja u ħamsin lira maltija (Lm79,758). Jgħid li dan il-valur kien inħareġ ħames mitt lira maltija (Lm500) minnu u r-rimanenti minn ħuh George bħala avvanz sabiex inxtrat il-proprjetà mingħand iz-ziju ta' martu. Jgħid li ħuh dejjem kien benefattur u fejn ma kienx hemm flus huwa straħ fuqu. Jikkonferma li ma kien ittieħed ebda self mill-bank sabiex inxtrat il-proprjetà taz-ziju ta' martu.

Jgħid li l-kuntratt li bih inxtrat il-proprjetà taz-ziju ta' martu huwa dak tat-3 ta' Lulju, 2006 in atti Nutar Joseph Tabone. Jikkonferma li l-proprjetà nxtrat għal ħamsa u sittin elf lira maltija (Lm65,000). Jgħid li dan il-valur ma tħallasx lil Anthony Saliba u baqa' għandu. Iżid li jaħseb li din is-somma investieha jew użaha. Jinsisti li mhux ser jgħid x'għamel bil-flus għax dak mhuwiex l-iskop tal-kawża.

Jgħid li f'Novembru, 2006 huwa kiteb lil Anthony Saliba sabiex jiltaqgħu u jsiru l-konteġġji sabiex jaraw x'jista' jkun baqa' dovut minn min lil min. Jgħid li dam tant ma kitiblu għax tul is-sajf ikun imħabbat fuq il-baħar u bir-ristorant. Jippreżenta kopja tal-ittra[162] u tweġiba li rċieva għall-istess.[163]

[162] Ittra gudizzjarja a fol 794.
[163] Ittra gudzzjarja responsiva a fol 795.

Iżid li l-konteġġji riedu jsiru ma' Anthony iżda wkoll mal-werrieta ta' ħu Anthony—martu u ħutha—peress li l-proġett tax-Xwejni kien fuq art ta' Anthony u ta' ħuh. Jinsisti li sal-lum il-konteġġji għadhom ma sarux.

Jinsisti li mhux ser jagħti tagħrif dwar flus li żbanka fil-mori tal-proċeduri.

Jgħid li fin-negozju tal-kumpanija huwa ħareġ biss ħames mitt lira maltija (Lm500) mentri ħuh ħareġ ferm aktar minnu għax ħuh jiflaħ u m'għandux problema joħroġ il-flus. Jgħid li mhux minnu li huwa ħareġ aktar milli qal—minn ħames mitt lira maltija (Lm500).

Jinsisti li l-flus kollha li kellu investiti flimkien ma' martu ġew il-biċċa l-kbira minn wirt li rċieva hu. Jgħid għalhekk li fil-parti kbira dawn kienu parafernali tiegħu u martu m'għandhiex sehem minnhom.

Mistoqsi għamilx investimenti ma' *Crystal Finance* fil-mori ta' dawn il-proċeduri jgħid li mhux ser jagħti tagħrif dwar dan. Iżid li dak li għandu jinteressa lill-Qorti f'din l-istanza huwa x'ġara qabel ma ġiet preżentata l-kawża fl-2006.

Jgħid li qabel l-2006 ebda kumpanija ma kellha x'taqsam mar-ristorant b'dan kien immexxi minnu, minn ħuh, u minn ibnu Rodrick. Jgħid li ħadd minnhom ma kellu paga fir-ristorant b'ibnu kien jieħu flus mill-kexxun.

Jgħid li l-kont li kien hemm f'ismu, isem ħuh, u isem ibnu Rodrick għalqu hu f'Diċembru, 2006 u mir-rikavat ħallas il-kontijiet b'lura li kien hemm fuq ir-ristorant.

Jgħid li sal-2006 il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* kellha dejn ta' tmenin elf lira maltija (Lm80,000). Jgħid li ma jafx x'fadal minn dan id-dejn.

Jgħid li mhux dispost jgħid jekk ħariġtx flus għall-akkwist li għamlet il-kumpanija bil-kuntratt tal-20 ta' Diċembru, 2007 a fol. 707. Iżid li kieku huwa ma żbankax l-ammonti li żbanka fil-mori ta' dawn il-proċeduri familtu kienet titlef il-flus b'riżultat tar-riċessjoni.

Jgħid li llum hu u martu għandhom biss żewġ (2) appartamenti in komunjoni liema appartamenti kienu bnew f'arja li akkwistaw mingħand missierha.

Jgħid li huwa żżewweġ fit-3 ta' Ġunju, 1984 bid-dar matrimonjali nbniet fuq art li huwa kien akkwista fl-1981. Jgħid li d-dar kienet lesta minn kollox, bl-għamara b'kollox, qabel iżżewweġ.

**Xehed ulterjorment**[164] li missieru miet fit-23 ta' Jannar, 1987. Jgħid li ħadd mill-antenati—zijiet—tiegħu ma' ħalla testment ħlief missieru. Iżid li z-zijiet għamlu bejgħ fittizju favurih u ħuh sabiex jiskansaw it-taxxa tas-suċċessjoni. Jgħid li l-valur dikjarat fuq il-kuntratt tal-bejgħ ma tħallasx.

Jgħid li l-plott fejn inbniet id-dar matrimonjali kien ħadu hu flimkien mal-għarusa ta' dak iż-żmien tiegħu, ċerta C. Sultana, fl-1981. Jgħid li kienu għamlu konvenju sabiex jixtru l-istess. Iżid li il-plott żviluppah f'dar. Iżid li lejn l-1982 spiċċa minn ma' Sultana u beda jiltaqa' mal-attriċi. Iżid li kompla jibni dik li saret id-dar matrimonjali. Jgħid li bena, kaħħal, għadda l-utilitajiet, u daħħal l-għamara. Jgħid li huwa u l-attriċi żżewġu fit-3 ta' Gunju, 1984 bil-kuntratt mal-Gvern fuq il-plott issa żviluppat f'dar sar wara dan iż-żwieġ. Jinsisti li d-dar hija tiegħu.

Jgħid li mbagħad beda negozju maz-ziju ta' martu Anthony Saliba. Jgħid li l-ftehim dwar ix-Xwejni kien li huwa jibni u

[164] Traskrizzjoni a fol 1138 sa 1140.

jieħu ħsieb kwistonijiet li kellu Anthony il-Qorti mbagħad, meta jiġu biex jaqsmu r-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetajiet jieħdu in konsiderazzjoni l-ispejjeż li jkun għamel. Jgħid li dan il-ftehim ma sarx bil-miktub. Iżid li huwa kellu prokura ta' Anthony u kien jidher f'ismu skont il-bżonn.

Jgħid li huwa ma' missier martu kien paċċa l-ħlasijiet li saru sal-1994, b'wara dan saru aktar spejjeż. Jgħid li konteġġji baqgħu qatt ma saru.

Rigward il-kuntratt bejn Anthony Saliba u *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* jgħid li Saliba kien qallu sabiex meta jrid jagħmel il-kuntratt. Jgħid li dan kien parti mill-ftehim verbali li kellhom ukoll. Iżid li huwa u Anthony kienu sħab nofs bin-nofs b'dan li meta bigħlu proprjetà mar tah sehmu wara li naqqas l-ispejjeż b'dan iżda li kien hemm aktar spejjeż u għalhekk kien hemm il-ftehim verbali rifless fil-kuntratt issa kkuntestat.

Jikkonferma li meta sar il-kuntratt bejn Anthony Saliba u *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* kien diġà ġara l-incident li wassal sabiex huwa u Anthony ma baqgħux jitkellmu.

Jgħid li l-laneċ inxtraw fiż-żwieġ u jippreżenta ċekkijiet fir-rigward.[165] Iżid li l-ħlasijiet fir-rigward tal-laneċ kollha saru mill-kont tal-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* li fiha għandu sehem ukoll ħuh.

Jippreżenta wkoll ċekk li ħareġ mill-kont tal-istess kumpanija lil terz—L. Bugeja—għal spejjeż rigward il-bini fix-Xwejni.[166]

[165] Kopji ta' ċekkijeit varji a fol. 1142 u 1143.
[166] Kopja taċ-ċekk a fol. 1142.

Jgħid li bħala flejjes huma kellhom kollox «*ħallata ballata*».

Jgħid li m'għandux dokumenti dwar il-flus tal-Ingilterra iżda dawn kienu parafernali tiegħu u minn ta' missieru. Jgħid li l-ewwel li tela' l-Ingilterra ma' martu kien xi sitt xhur wara li żżewġu u hawn għalaq kontijiet li kellu qabel iż-żwieġ u poġġihom f'kont ieħor ukoll l-Ingilterra f'ismu u f'isem martu. Iżid li l-istess sar meta miet missieru meta huwa u martu  marru l-Ingilterra u trasferew flus li kien hemm f'isem missieru fil-kont intestat f'isimhom. Jgħid li ħuh ħa porzjon żgħir minn dawn il-flus qabel huwa ddepożita l-kumplament.

Jgħid li qabel telqet martu mid-dar kien ra proprjetà li tħajjar jixtri għal ibnu Rodrick. Jgħid li eventwalment Rodrick qallu li ma jridx jaf b'din il-proprjetà b'dan li huwa xtraha xorta f'isem il-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*.

Jagħti rendikont ta' proprjetajiet varji li kellhom missieru u z-zijiet tiegħu.

**In kontroeżami**[167] xehed li ma jafx kemm kien hemm flus f'isem missieru. Iżid li l-investimenti kollha li kellu reġistrati Malta kienu kollha flus li huma parafernali tiegħu. Iżid li anke l-lanċa xtraha in parte bi flus parafernali tiegħu.

Jgħid li bħala qligħ mir-ristorant ma jafx ċiffra, la tal-passat u anqas tal-preżent.

**Xehed ulterjorment**[168] li n-negozju *Neptune's Bar and Restaurant* qiegħed bi sħab bejnu u bejn ħuh.

[167] Traskrizzjoni a fol. 1141.
[168] Traskrizzjoni a fol. 1677 sa 1712.

Jgħid li l-flus li ġew depożitati ma' *Crystal Finance* fil-5 ta' Lulju, 2012 saru wara li ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti fit-2 ta' Marzu, 2010 bis-sentenza tal-appell. Iżid li l-pagament relattiv ħareġ minn kont ta' George Schembri.

Jgħid li l-flejjes li qed jiġi riferut għalihom huma flejjes li huwa dejjem dawwar u investa.

Iżid li l-flus li jissemmew fis-sentenza tal-2012 mhux jirritornhom biex jinqasmu ma' martu għax diġà ntefqu. Mistoqsi fejn intefqu jgħid li biss, biss silef flus lill-kumpanija għaliex kellu jkompli n-negozju anke jekk martu telqitu. Jgħid li ma jiftakarx eżatt x'silef lill-kumpanija. Iżid li l-informazzjoni qiegħda fl-atti.

Jgħid li l-kumpanija xtrat proprjetà fix-Xwejni mingħand iz-ziju tal-attriċi Anthony Saliba u xtrat proprjetà wkoll mingħand Emidio Azzopardi.

Mistoqsi ulterjorment jgħid li l-flus li silef lill-kumpanija tiegħu eventwalment ġew lura għandu u huwa investihom ma' *Crystal Finance*. Iżid li dawn il-flus ġew minn ammonti li żbanka kif indikat fis-sentenza tal-2012. Iżid iżda li parti oħra ġiet minn flus parafernali u flus ta' ħuh George.

Mistoqsi mil-Qorti għalfejn George ma investix flusu f'ismu jgħid li ħuh dejjem ħalla f'idejh. Mistoqsi kienx għadda flus tal-komunjoni lil ħuh li mbagħad għaddihomlu lura u huwa investihom jinsisti li le. Mistoqsi jekk flusu u flus ħuh sarux mir-ristorant jgħid li fil-parti l-kbira le. Iżid li dawn ġejjin mill-wirt li wirtu. Iżid li denunzji ftit saru għax dak iż-żmien hekk kienu l-affarijiet.

Jgħid li m'għadx fadallu flus depożitati l-Ingilterra. Jaqbel li mir-ristorant u mis-sajd għamel il-flejjes li jirriżultaw

mid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa. Jgħid li issa ilu snin ma jaħdem fuq il-baħar.

Mistoqsi jekk il-flus kollha li kellu sarux minnu u martu jgħid li anke ommu u ħuh kienu jaħdmu fir-ristorant.

Jgħid li r-rikavat tar-ristorant kienet tiġbru l-attriċi għax huwa kien jagħmel ġimgħa fuq il-baħar. Jgħid li hija qatt ma għaddietlu flus. Mistoqsi allura minn fejn ġew l-eluf li hemm fil-banek jgħid li minn proprjetajiet li biegħu.

**In kontroeżami**,[169] dwar il-valur attribwit mill-attriċi lill-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* xehed li r-ristorant l-ewwel ma beda kien bħala *bar* u dan minn zijuh George fis-snin 60. Jgħid li dak iż-żmien il-*bar* qass biss kien tagħhom iżda kienu jikruh. Iżid li fl-1972 il-ġenituri tiegħu xtraw ħanut b'dan li kien hemm kamra bejn il-*bar* oriġinali u l-ħanut li xtraw. Jgħid li aktar tard xtraw garaxx u dawn il-binjiet ilkoll saru r-ristorant u dan fl-1984 u minnu. Jgħid li hawn kien meta ħadu n-negozju huwa u ħuh qabel ma żżewweġ huwa.

Iżid li zijuh li kellu l-*bar* oriġinali li mbagħad inxtara minnhom miet fl-1971 u wirtuh huma. Iżid li fis-6 ta' Ġunju, 1984 iffurmaw kumpanija fejn huwa u ħuh kellhom mitt (100) sehem kull wieħed u ommhom u missierhom kellhom mitejn (200) sehem kull wieħed. Jgħid li meta miet missieru fl-1987 irranġaw u żviluppaw ir-ristorant bil-parti l-kbira tal-flus għal din ir-renovazzjoni ġiet mingħand missieru.

Jgħid li l-kumpanija oriġinali wkoll kien jisimha *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited* b'dan li trid issir

[169] Traskrizzjoni a fol. 1712 sa 1789.

distinzjoni bejn din l-oriġinali u dik li ġiet iffurmata xi xahrejn qabel telqet martu.

Muri l-pjanta a fol. 1339 jgħid li din ma turix ir-ristorant kif inhu llum b'dan reġgħa kiber minn dakinhar 'il quddiem. Jgħid li dik turi r-ristorant fl-1997. Iżid li dak li mhux mmarkat bl-isfar fuq dik il-pjanta nxtara qabel iż-żwieġ minnu u minn ħuh. Jgħid li dak li fuq il-pjanta huwa mmarkat "1/4" inxtara fiż-żwieġ u huwa tal-komunjoni. Dwar is-sehem ta' 1/16 li wkoll jidher fuq il-pjanta jgħid li dan huwa wkoll tal-komunjoni u wasal għalih tenut kont ta' kif tnisslet il-proprjetà mill-writ għand il-ġenituri tiegħu u kif għaddiet għandu, martu, u ħuh mingħand ommu fl-1988. Jgħid li liz-zijiet wirtuhom hu u ħuh, lil missieru wkoll iżda b'użufrutt favur ommhom, u lil ommhom ukoll. Jgħid li martu daħlet biss fil-bejgħ mingħand ommu favur tiegħu, ta' martu, u ta' ħuh. Iżid li ommu «taparsi» begħitilhom.

Jgħid għalhekk li mir-ristorant sħiħ martu għandha biss tliet (3) ishma ta' 1/4 kull wieħed u sehem ta' 1/16 kif jidhru fuq il-pjanta a fol. 1339.

Dwar ir-ristorant iżid li meta żżewweġ kien għad hemm involuta ommu bir-ristorant kien għadu ġestit minn ommu, ħuh, u martu għax huwa ftit kien ikun hemm. Jgħid li wara dan il-perjodu baqgħu jaħdmu fir-ristorant iżda hu u martu kien jsiefru spiss u fit-tul bin-negozju kien l-aktar ġestit minn ommu. Jgħid li aktar tard qabad ukoll ibnu Rodrick.

Jgħid li tul dan iż-żmien kollu huma lkoll kienu jieklu mir-ristorant.

Dwar ir-rikavat mir-ristorant jgħid li ommu kienet tgħid x'kien baqa' u kienu jaqsmu. Jgħid li kemm damet ħajja

ommu qatt ma marru għand *accountant* iżda kienet taqsam ommu. Jgħid li martu qatt ma lmentat miegħu dwar din is-sistema. Iżid li ma kellhiex għalfejn tilmenta għax peress li kellhom l-ulied kienu jieħdu aktar minn ħuh.

Dwar il-laneċ jgħid li l-ewwel li xtara kienet dgħajsa fl-1990. Iżid li l-aħħar li ħareġ fuq il-baħar kien lejn l-2007 b'dan li fl-2008 mar xi tliet (3) darbiet.

Jgħid li mis-sentenza tal-2010 li kkonfermat ix-xoljiment tal-komunjoni nbiegħu xi proprjetajiet. Jispjega x'inbiegħ u x'baqa'. Iżid li proprjetà oħra nbiegħet anke qabel il-proċeduri, fis-snin 90. Iżid li r-rikavat dejjem tpoġġa l-bank.

Jerġa' jispjega l-viċenda tax-Xwejni u taz-ziju ta' martu l-attrici, Anthony Saliba. Jgħid li Anthony fdalu l-plot bil-ftehim li huwa jizviluppah a spejjez tiegħu u r-rikavat mill-bejgh ta' kull appartament jinqasam nofs bin-nofs. Jgħid li wara dan ftehmu li Anthony iżomm appartament mentri huwa jżomm tnejn bil-kumplament inbiegħu minnu u r-rikavat inqasam ma' Anthony. Iżid li għal dan in-negozju huwa ħareġ diversi flus parafernali minn bejgħ ta' proprjetà tiegħu kif ukoll issellef mingħand huh. Jgħid li wara dan sfaxxa kollox wara li tagħtu puplesija Anthony.

Jixhed dwar krediti addizzjonali li jgħid li għandu wara self li għamel lill-missier u ħu l-attriċi. Jgħid li missier l-attriċi kien tah arja ta' garaxx bi ħlas tas-self.

Dwar id-dar ta' residenza fi Triq Mattia Preti, ir-Rabat, Għawdex u l-kreditu parafernali tiegħu kif kunsidrat ukoll mill-Qorti fis-sentenza tal-2012, jgħid li din id-dar huwa kien lestieha minn kollox, inkluż bl-għamara, qabel iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi. Iżid li jekk kien jonqos xi ħaġa kienet il-kamra tas-sodda ż-żgħira. Jgħid li d-dar baqgħet

kif lestieha huwa qabel iż-żwieġ sakemm huwa ma baqax imur fiha. Jgħid li f'din id-dar martu xtrat xi ċekċik u sufan.

Dwar il-proprjetajiet tal-Belt Valletta jgħid li mar fuq il-post mal-perit tekinku Vincent Ciliberti li qallu li għandhom żewġ (2) kerrejjiet. Iżid li safejn jaf huwa hemm għandhom biss żewġ (2) kmamar numri 9 u 11 f'kerrejja. Iżid li fuqhom hemm xi diżgwid ma' terzi fejn aktarx qass għandhom xejn. Jgħid li ma jafx eżatt x'qed jiġri u kif ser jibqgħu għaliex mhux isegwi.

Jispjega kif ma jaqbilx mal-valuri attribwiti minn martu l-attriċi lill-fondi immobbli fin-nota tagħha tat-12 ta' Settembru, 2014 a fol. 1390 sa 1393 tal-proċess.

Jgħid li l-ewwel xogħlijiet li saru fir-ristorant saru minn missieru bil-biċċa l-kbira tal-flus ħariġhom hu. Iżid li dawn saru waqt iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi. Jgħid li ma jiftakarx kemm ħareġ flus missieru. Jgħid li wara dan sar xogħol fl-1990 meta nqala' ħajt, bix-xogħol għamlu huwa mentri għall-materjal ħallas ħuh. Iżid li wara dan, fl-1996, inqala' kuritur sabiex żdied mar-ristorant.

**In rieżami**,[170] xehed li d-dikjrazzjonjiet tat-taxxa kienu jsiru mill-*accountant* J. Cordina wara li l-istess ikun ingħata d-dokumenti meħtieġa. Jgħid li lill-*accountant* il-karti kienu jgħadduhomlu ħuh, martu, jew ibnu Rodrick. Iżid li huwa kemm kien jiffirma biss.

Jgħid li l-pjanta a fol. 1339 turi r-ristorant kif kien fl-2010 b'dan li llum huwa akbar. Jgħid li r-ristornat tkabbar mis-sentenza tal-appell tal-2010 'l hawn.

---

[170] Traskrizzjoni a fol. 1789 sa 1858.

Mistoqsi dwar s-self ta' erbat elef lira maltija (Lm4,000) li ħa qabel iż-żwieġ u jekk l-istess tħallasx qabel jew wara iż-żwieġ jgħid li parti minnu tħallas qabel u parti wara. Iżid li ma jafx kemm tħallas qabel u wara. Dwar l-għamara, anke tal-kmamar tat-tfal, jgħid li xtraha qabel iż-żwieġ. Iżid li riċevuti dwar dan m'għandux.

Mistoqsi kemm kien il-qligħ f'idejh mir-ristorant u s-sajd jgħid li ma jafx. Iżid li kollox kif dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tal-qligħ u fid-dokumenti tal-pixkerija.

Jgħid li l-iskop tal-kumpaniji li fetaħ kien sabiex jaħbi l-flus. Iżid li parti minn tali flus reġgħa ddepożithom meta ġew biex jixtru appartament u garaxx.

Mistoqsi mill-Qorti għalfejn ried jaħbi l-flus li rċeviet il-kumpanija *Cerna Company Limited* meta jgħid li dawn kienu tiegħu parafernali jgħid li fuq hekk kien ħa parir mingħand avukat ieħor.

Jinsisti li kollox kien parafernali tiegħu, ġej mingħand wirt ta' ommu u missieru u zijiet tiegħu, inkluż dak li kien miżmum ma' *Lloyds Bank*. Iżid li l-kont ta' *Lloyds Bank* kien fuq ismu u isem martu għax wara li miet missieru għalqu l-kont intestat lil missieru u poġġew il-valur f'kont f'isimhom. Mistoqsi kif ma wera xejn dwar dan jgħid li martu stess qalet li ġabru xi flus mill-*Lloyds Bank*. Iżid li ma jafx eżatt kemm kien hemm oriġinarjament fil-kont tal-*Lloyds Bank*.

Mistoqsi dwar ħlasijiet li għamel fuq tentattiv ta' xiri ta' proprjetà mingħand monsinjur jgħid li dan mhux ta' interess għal din il-kawża. Mistoqsi minn fejn kien ġab il-flus għal dan in-negozju jgħid li ġabhom mingħand min ried u li dan m'għandux jinteressa lill-avukat tal-attriċi. Iżid

li wara s-sentenza tat-terminazzjoni tal-komunjoni din l-informazzjoni m'għandha tinteressa lil ħadd. Jgħid li minn dik is-sentenza 'lhawn huwa seta' jagħmel li jrid.

**Peter Perrotti**, in rappreżentanza tas-socjetà *Valletta Fund Management Limited,* xehed[171] li f'isem il-partijiet kontendenti kif ukoll f'isem il-kumpaniji *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited, Cerna Company Limited,* u, *Neptune's Catering Limited* illum ma baqa ebda investiment magħhom.

Jgħid li qabel kien hemm investiment fil-*La Vallette Sterling Income Fund* li kien reġistrat f'isem il-partijiet kontendenti b'dan li sussegwentement—fit-30 ta' Ottubru, 2006—ġie trasferit f'isem il-konvenut u wara—fit-23 ta' Novembru, 2006—f'isem il-kumpanija *Cerna Company limited*. Iżid li m'għandux informazjzoni dwar min talab dan it-trasferiment. Jgħid li l-valur kien ta' erbgħa u erbgħin elf disa' mija u tmien liri sterAS ($44,908).

Jesibixxi dokumenti relattivi għal dan l-investiment u jikkonferma li dan ingħalaq fl-2007 meta nħareġ *bank draft* pagabbli lil *Cerna Company Limited*.[172]

Jgħid li kien hemm investiment ieħor fil-*La Vallette Multi Manager Property Fund* li wkoll beda f'isem il-partijiet kontendenti b'dan li fl-24 ta' Ottubru, 2006 sar trasferiment f'isem il-konvenut u fil-21 ta' Novembru, 2006 ġie trasferit f'isem *Cerna Company Limited*. Iżid li l-valur ta' dan l-investiment kien ta' sebgħa u disgħin elf mitejn u sittax-il ewro (€97,216). Iżid li dan l-investiment ingħalaq fl-2007 meta nħareġ *bank draft* pagabbli lil *Cerna Company Limited*

[171] Traskrizzjoni a fol. 606 sa 608.
[172] Dokumenti a fol. 609 sa 612.

għas-somma ta' disgħa u disgħin elf ħames mija u ħamsa u disgħin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€99,595.31ċ).

Jippreżenta dokumentazzjoni dwar dan ukoll.[173]

Jgħid li kien hemm investiment ieħor fil-*La Vallette Euro Income Fund* fil-valur ta' tnejn u għoxrin elf mitejn u erbgħa u sittin ewro (€22,264) li kien f'isem il-konvenut b'dan li fit-23 ta' Novembru, 2006 ġie trasferit lil *Cerna Company Limited* mentri fil-21 ta' Marzu, 2007 ġie likwidat u nħareġ pagament lil *Cerna Company Limited* fil-valur ta' tnejn u għoxrin elf mija u erbgħa u ħamsin ewro u ħamsin ċenteżmu (€22,154.50).

Jippreżenta dokumenti relattivi għal dan l-investiment.[174]

Jgħid li kien hemm investiment ieħor fil-*Vilhena Malta Government Bond Fund* li kien reġistrat f'isem il-konvenut b'dan ġie trasferit fil-*La Vallette Euro Fund* fil-15 ta' Novembru, 2004.

Jippreżenta dokument relattiv għal dan l-investiment.[175]

Iżid li l-konvenut kellu investiment ieħor fil-*Malta Government Bond Fund* fil-valur ta' ħamest elef tmien mija u erbgħa u erbgħin lira maltija (Lm5,844) li ġie trasferit f'isem terzi li ma ntalabx informazjzoni dwarhom—u allura la f'isem l-attriċi u anqas xi waħda mill-kumpaniji tal-partijiet.

**Ir-Reverendu Emmanuel sive Noel Saliba**, ġu l-attriċi, xehed[176] li lil oħtu l-attriċi u żewġha l-konvenut kien jarahom b'mod regolari iżda lil oħtu kien jaraha aktar spiss. Iżid li l-konvenut jafu jara fuq xiex jaqla' l-argumenti. Iżid

[173] Dokumenti a fol. 613 sa 616.
[174] Dokumenti a fol. 617 sa 619.
[175] Dokument a fol. 620.
[176] Traskrizzjoni a fol. 670 sa 675.

ukoll li l-konvenut kellu relazzjoni pessima ma' missierhom—missieru u missier l-attriċi.

Jgħid li zijuh Anthony Saliba kien ta' prokura lill-konvenut fis-snin 80 iżda kien irtiralu l-istess fid-9 ta' Jannar, 1989 meta ra li ma kienx qed jamministralu ħwejġu kif suppost.

Jippreżenta kopja ta' ittra ġudizzjarja tad-9 ta' Jannar, 1989 li biha Anthony Saliba jidher jirtira prokura li kien irrilaxxa lill-kovennut.[177]

Jgħid li huwa jgħix fid-dar tal-ġenituri tiegħu u qatt ma għex ma' oħtu l-attriċi u żewġha l-konvenut. Iżid li missieru kien għen lill-konvenut jibni d-dar matrimonjali fis-snin 80.

Iżid li jaf li l-konvenut għandu tliet (3) laneċ kif ukoll ir-ristorant li qabel kien għand missieru—missier il-konvenut.

Jgħid li ma jafx x'għandhom fil-komunjoni tal-akkwisti oħtu u żewġha u anqas minn jamministra xiex. Jgħid iżda li kien jifhem li rigward amministrazzjoni oħtu kienet tħalli f'idejn żewġha. Jgħid li dan jafu għaliex anke meta tkellmu dwar proprjetà tal-familja tiegħu oħtu dejjem qaltlu li hija ma tifhimx u li kienet ser tkellem lil żewġha.

Jgħid li oħtu qatt ma lmentat miegħu li kienet nieqsa mill-flus iżda huwa jaf li kellha problemi matrimonjali. Iżid li jaf li kellha problemi matrimonjali għaliex nhar ta' Ħadd huma jiltaqgħu għand ommu iżda oħtu kemm-il darba falliet. Iżid li l-ġirien ta' oħtu Marsalforn, Għawdex fejn huwa kien arċipriet ġieli qalulu li jisimghu lil oħtu u lil

[177] Ittra ġudizzjarja a fol. 654.

żewġha jargumentaw. Jgħid li eventwalment oħtu stess fetħet qalba miegħu li kellha problemi matrimonjali.

Jgħid li minkejja l-ittra ġudizzjarja tal-1989 il-konvenut baqa' għaddej imexxi ġid zijuh. Iżid li fil-fatt f'Lulju, 2006 zijuh irċieva riċevuta mingħand id-Dipartiment tat-Taxxa minn fejn irriżulta li l-konvenut baqa' jagħmel fattih.

Jippreżenta kopja tal-irċevuta li rċieva zijuh mingħand id-Dipartiment tat-Taxxa.[178]

Jgħid li fit-3 ta' Lulju, 2006 zijuh Anthony Saliba reġa' għamel l-istess proċedura tal-ittra ġudizzjajra b'din id-darba bagħat jgħarraf lill-avukati u nutara ta' Malta kollha li l-konvenut ma kienx awtorizzat jaġixxi f'ismu.

Jgħid li l-problemi matrimonjali ta' oħtu kienu jikkonsistu fi vjolenza mill-konvenut kontriha. Iżid li huwa qatt ma ra tali vjolenza b'għajnejh iżda ġieli ra tbenġil fuq idejn, saqajn, u wiċċ oħtu. Jgħid li fil-bidu oħtu kienet tgħid li t-tbenġil kien riżultat ta' ħabta ma' x'imkien iżda aktar tard ammettiet miegħu li kienu riżultat ta' swat.

Jgħid li oħtu kienet għaddietlu elf ħames mitt lira maltija (Lm1,500) għall-ħlas tas-sehem tagħha mid-denunzja tal-wirt ta' misseirhom. Jgħid li lejn l-aħħar tas-sena 2006 huwa rċieva ittra mingħand il-konvenut fejn dan talbu jirritorna elfejn ewro lira maltija (Lm2,000) li allegatament kien silifhielu. Iżid li huwa qatt ma ssellef tali somma mingħand il-konvenut. Iżid li huwa wieġeb lill-konvenut dwar dan. Jannetti kopja ta' ittra ġudizzjarja fejn, *inter alia*, il-konvenut ġie mgħarraf li x-xhud jiċħad li kien hemm self ta' elfejn lira maltija (Lm2,000) u jispjega minflok li kien hemm ħlas ta'

[178] Irċevuta a fol. 655.

elf ħames mitt lira maltija (Lm1,500) favur d-denunzja ta' missier ix-xhud u oħtu.[179]

Iżid li mingħand oħtu huwa kien issellef is-somma ta' għaxart elef lira maltija (Lm10,000) fl-2003. Jgħid li żewġ oħtu dakinhar kien fuq il-baħar b'oħtu għaddietlu l-flus b'ċekk. Iżid li ftehim bejnu u bejn oħtu dwar is-self ma sarx għaliex huma dejjem fdaw lil xulxin. Jgħid li huwa kkonferma ma' oħtu li hija kienet tkellmet ma' żewġha dwar dan peress li l-ammont kien sostanzjali. Jgħid li l-konvenut inniffsu aktar tard qallu li kien jaf dwar dan is-self. Iżid li s-self tħallas kollu lura b'sensiela ta' ċekkijiet maħruġa lill-konvenut stess. Iżid li l-aħħar ħlas sar bi flus kontanti fuq talba tal-konvenut u fih ġie inkluż ukoll l-imgħax sabiex is-self ġie mħallas kollu lura bl-imgħax.

Jannetti kopja ta' ċekk maħruġ lilu bil-firma ta' oħtu għall-valur ta' għaxart elef lira maltija (Lm10,000),[180] kopja ta' ċekkijiet varji maħruġa lill-konvenut minnu għall-valur globali ta' sebat elef lira maltija (Lm7,000),[181] u kopja ta' rċevuta maħruġa lilu mingħand oħtu l-attriċi għall-valur rimanenti ta' tlett elef lira maltija (Lm3,000) u l-valur ta' erba' mija u ħamsin lira maltija (Lm450) f'imgħax.[182]

Jgħid li minkejja li huwa ħallas kollox lura aktra tard il-konvenut beda jallega li l-għaxart elef lira maltija (Lm10,000) ma kinux ġew ritornati. Iżid li l-konvenut saħansitra kiteb lill-Isqof dwar dan.

---

[179] Ittra ġudizzjarja a fol. 656 u 657.
[180] Kopja taċ-ċekk a fol. 658.
[181] Kopji taċ-ċekkijiet a fol. 659 sa 662.
[182] Kopja tal-irċevuta a fol. 663.

Jannetti kopja ta' korrispondenza li għaddiet bejn l-avukat tal-konvenut u l-Isqof ta' Għawdex[183] kif ukoll bejnu u bejn l-Isqof.[184]

Itenni li l-hlas lura tal-għaxart elef lira maltija (Lm10,000) ġie saldat bl-imgħax u huwa kien anke tkellem mal-konvenut li qabel li l-kwistjoni tal-għaxart elef lira maltija (Lm10,000) kienet magħluqa.

Jgħid li l-kwistjoni tal-għaxart elef lira maltija (Lm10,000) reġgħet qamet biss wara li miet missieru u l-konvenut pretenda li jaghmlu korrezzjoni fid-denunzja ta' missieru billi qal li huwa—ix-xhud—m'għenux sabiex idawwar il-proprjetà ta' zijuh Anthony Saliba għal fuqu. Iżid li huwa kien informa lill-konvenut li dment li zijuh għandu r-raġuni huwa ma jindaħallux x'jagħmel bi ħwejġu.

Jaqbel li zijuh Anthony Saliba ta' b'donazzjoni kemm lilu kif ukoll lil ħutu xi proprjetajiet. Jaqbel ukoll li oħtu l-attriċi kienet dik li ħadet l-inqas f'din id-donazzjoni. Jiċħad iżda li dan kien għaliex zijuh Anthony Saliba kien kuntent b'dak li kien diġà għamel il-konvenut—it-trasferiment ta' proprjetà oħra ta' Anthony Saliba għal fuq il-kumpanija.

Jiċħad ukoll li zijuh Anthony Saliba kellu dejn sentimentali biss lejn oħtu l-attriċi. Jgħid li huma l-aħwa lkoll taw sehemhom b'zijuhom għamel żmien joqgħod mal-attriċi iżda għamel żmien ukoll joqgħod miegħu fid-dar tal-ġenituri tiegħu u anke ma' ħuh Joseph. Iżid li zijuhom lilhom dejjem qishom l-istess. Jgħid li l-unika raġuni li zijuh ta' anqas lill-attriċi milli ta' lill-kumplament tal-aħwa kien għaliex kien irrabjat għal dak li għamel il-konvenut u ma

[183] Ittra legali a fol. 665.
[184] Ittra tal-Isqof ta' Għawdex a fol. 664.

riedx li jagħti proprjetà lill-attriċi li mbagħad taqa' f'idejn il-konvenut.

Jgħid li zijuh kien konċernat mit-tberbiq ta' flus żejjed tal-konvenut. Isemmi li anke bil-proċeduri fuq proċeduri fil-Qorti magħmula mill-konvenut meta tkun diġà ġiet lilu mitħuda xi talba li jkun għamel dan qiegħed iberbaq żejjed u jaħli flus li semmai jistgħu jibqgħu għall-familja.

**Xehed ulterjorment**[185] billi ppreżenta kopja ta' rendikont ta' kont bankarju tiegħu[186] li juri li fid-9 ta' Settembru, 2005 huwa ġibed elf mitejn u għoxrin lira maltija (Lm1,220) sabiex flimkien ma' valuri li ġibed qabel huwa wasal għas-somma ta' tlitt elef erba' mija u ħmasin lira maltija (Lm3,450) li tidher fl-irċevuta rilaxxata lilu minn oħtu fil-25 ta' Settembru, 2005.[187]

**Xehed ulterjorment**,[188] li flus mil-kont bankarju li preżenta rendikont tiegħu kien jieħu għal kull ħtieġa mhux bss b'referenza għal dan il-każ. Jgħid li għalhekk xħin għaqqad il-valur ta' tlitt elef erba' mija u ħamsin lira maltija (Lm3,450) għaddieh lil oħtu. Jgħid li għaddiehom lil oħtu għax magħha l-ewwel ma ltaqa'. Iżid li x'għamlet oħtu bil-flus wara li tagħhomlha ma jistax jgħid.

Jgħid li meta ssellef l-għaxart elef lira maltija (Lm10,000) huwa insista ma' oħtu li tavza lil żewġha bl-għada kkonferma magħha li kellmitu. Iżid li huwa mbagħad kellem lill-konvenut dik il-ġimgha stess. Jgħid li l-konvenut qallu li ma kinitx problema.

---

[185] Traskrizzjoni a fol. 690.
[186] Rendikont a fol. 691.
[187] Irċevuta a fol. 663.
[188] Traskrizzjoni a fol. 698 sa 700.

Jaqbel li wara li tneħħiet il-prokura li zijuh Anthony Saliba kien ta' lill-konvenut, missieru—missier ix-xhud—u l-konvenut f'isem Anthony Saliba dehru fuq xi kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà. Jinsisti li dakinhar missieru ma kienx jaf li l-prokura li Anthony kien ta lill-konvenut kienet tneħħiet b'dan sar jafu biss wara. Iżid li huwa kien preżenti għall-kuntratt wieħed minn dawn u ra lil missieru u lill-konvenut jaqsmu r-rikavat bil-konvenut ġabar sehem Anthony Saliba.

Jgħid li saru jafu li l-konvenut baqa' jidher bħala prokuratur ta' Anthony Saliba anke wara li kienet tneħħitlu l-prokura meta zijuh irċieva l-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxi u meta indagaw sabu li sar trasferiment min-naħa tal-konvenut li deher għan-nom ta' Anthony Saliba favur kumpanija tal-konvenut.

Jgħid li fl-aħħar ta' Ġunju, 2006 inqala' battibek bejn Anthony Saliba u l-konvenut bil-konvenut keċċa lil Anthony mid-dar. Jgħid li dakinhar huma laqgħu lil Anthony Saliba fid-dar ta' ħuh Joseph.

**George Schembri**, ħu l-konvenut, xehed[189] li huwa twieled fl-1966 u jaħdem fir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant*, Marsalforn. Jgħid li dan l-uniku xogħol tiegħu.

Jgħid li fir-risotrant huwa qiegħed sħab ma' ħuh u qatt ma kien impjegat b'paga. Jgħid li qabilhom ir-ristorant kien f'idjen missierhom.

Jgħid li hu u ħuh dejjem kellhom but wieħed. Jgħid li l-qligħ tar-ristorant kien ikun f'idejn ħuh FS, martu AS, jew ibnu Rodrick. Iżid li f'idejh qatt ma kien. Jgħid li l-istess

[189] Traskrizzjoni a fol. 801 sa 805.

qligħ qatt ma tpoġġa f'xi bank minnu bl-affarijiet ta' banek kien jieħu ħsiebhom ħuh u familtu.

Jgħid li meta kollox kien sew, kemm hu kif ukoll ħuh b'familtu dejjem kielu mir-ristorant. Iżid li meta huwa jiġi bżonn xi ħaġa jitlob il-flus mingħand ħuh. Iżid li huwa jgħix waħdu u m'għandux ħutu oħrajn. Jgħid li ġidu jamministrahulu ħuh.

Jgħid li ma jafx xi dħul għandhom mir-ristorant. Iżid li qatt ma talab lil ħuh jgħidlu. Jgħid li huwa u ħuh dejjem imxew tajjeb flimkien.

Jgħid li huwa għandu kontijiet bankarji tiegħu u oħrajn ma' ħuh li huma tan-negozju. Jgħid li ħuh FS għandu xi flus tiegħu f'idejh iżda ma jafx x'inhu l-ammont. Jgħid li dawn il-flus ġejjin minn bejgħ ta' proprjetà u raba' iżda ma jafx kemm biegħu proprjetà.

Jgħid li huwa jaħdem biss fir-ristorant mentri ħuh imur ukoll fuq il-baħar. Jgħid li ma jafx x'jagħmel ħuh fuq il-baħar u anqas jaf jekk ħuh jinnegozjax il-bini. Iżid iżda li jaf li ħuh kien għamel żvilupp ix-Xwejni. Iżid li ma jafx għal min għamel dan l-iżvilupp.

Jgħid li ħuh ukoll ġieli talab flus lilu iżda għalxiex użahom ma jafx. Jgħid li jaf li ġieli tah flus sabiex jiżviluppa xi proprjetà.

Jgħid li huwa deher flimkien man-neputi tiegħu Rodrick fuq kuntratt li bih kumpanija tagħhom xtrat proprjetà. Jgħid li deher ukoll ħuh FS. Jgħid li għal dak il-kuntratt hu kien dawwar xi flus fuq ħuh. Jgħid li mhux ċert kemm kienu iżda jaħseb li xi għoxrin elf lira maltija (Lm20,000) jew aktar.

Jgħid li ħuh qatt ma' talbu jżomm flus reġistrati fuq ismu għan-nom tiegħu.

Jgħid li aktar reċenti lil ħuh silfu s-somma ta' tmenin elf lira maltija (Lm80,000).

Jgħid li mal-attriċi, mart ħuh, u n-neputi Rodrick huwa dejjem mar sew.

Jgħid li ħuh iżomm flejjes tagħhom it-tnejn u x'jagħmel bil-porzjon tiegħu personali ma jafx. Jgħid li huma biegħu proprjetà Għajnsielem li kienet tagħhom ma' terzi u proprjetajiet varji r-Rabat—raba' djar, u ħanut—li kienu tiegħu u ta' ħuh biss. Jgħid li ma jafx x'kien id-dħul minn dawn it-trasferimenti. Iżid li din kienet kollha proprjetà li wirtu huwa u ħuh.

Jgħid li ma jafx x'għamel ħuh b'kontijiet bankarji li seta' kellu ma' martu.

Jgħid li fl-2008 huma għamlu diversi spejjeż fir-ristorant. Iżid li tinda waħedha swiethom għaxart elef lira maltija (Lm10,000). Jgħid li ta' kull sena jagħmlu spejjeż fuq *fridges*, fornijiet u affarijiet simili. Jgħid li jiġu snin fejn anqas jibqagħlhom xejn. Jgħid li ma jafx x'kien id-dħul fl-2008 iżda flus ma qassmux għax ġew utilizzati għall-ispejjeż.

**In kontroeżami**[190] xehed li huwa kellu ħanut ir-Rabat, Għawdex, li minnu kien idaħħal xi elfejn ħames mitt lira maltija (Lm2,500) f'kera fis-sena. Jgħid li dan dam għandu xi ħmistax(15)-il sena u ilu li biegħu xi sena.

[190] Traskrizzjoni a fol. 805 u 806.

Jgħid li żmien ilu dan il-ħanut kien imexxih huwa l-ewwel bħala ħanut tal-ħwejjeġ u wara bis-*souvenirs* u kellu qligħ tajjeb minnu.

Jgħid li huwa u ħuh wirtu mingħand missierhom, ommhom u diversi zijiet hut missieru li lkoll qatt ma żżewġu.

Jgħid li l-flus li wirtu huwa u ħuh uzawhom sabiex irranġaw ir-ristorant u appartamenti li biegħu kif ukoll dawk li baqgħalhom f'idejhom inkluż Marsalforn.

Jgħid li safejn jaf hu, huwa u ħuh huma komdi u l-flus li jdaħħlu qiegħdin għalihom it-tnejn. Iżid li però hu jħalli f'idejn ħuh.

Jgħid li fil-kumpanija hu għandu sehem żgħir għaliex il-ħsieb dejjem kien li din tkun ta' wlied il-konvenut.

Jgħid li ħuh qatt ma kellmu dwar problemi matrimonjali u qatt ma qallu kontra martu.

**Xehed ulterjorment**[191] li fil-familja qegħdin tnejn; huwa u ħuh il-konvenut biss. Iżid li kellhom tlett (3) zijiet Anthony sive Toni, Roża, u George li ħadd minnhom ma' kien miżżewweġ. Jgħid li familtu kellhom postijiet jinkrew, ħwienet tal-ħaxix, ħanut tal-ħwejjeġ, u ħwienet tax-xorb. Iżid li wara li miet missieru huwa u ħuh telgħu l-Ingilterra flimkien ma' ommhom, ġibdu xi flus minn bank, ingħata somma hu u l-kumplament żammhom ħuh li reġa' poġġiehom f'bank ieħor l-Ingilterra. Jgħid li ma jafx x'kien l-ammont u anqas jaf jekk mart ħuh—l-attriċi—ħaditx minnhom.

[191] Traskrizzjoni a fol. 1136 sa 1137.

Jgħid li ma jafx missieru x'kellu flus ġo Għawdex. Iżid li huwa u ħuh qatt ma qassmu l-wirt tal-ġenituri tagħhom iżda biegħu xi proprjetà.

Jgħid li għar-ristorant huwa u ħuh kellhom kont bankarju u kienu jmexxu flimkien. Iżid li eventwalment iddaħħal iben ħuh, Rodrick, f'dan il-kont. Jgħid li paga ma kellhomx imma kulħadd kien jieħu li kellu bżonn mill-kexxun tar-ristorant.

Jgħid li ħuh kien jiġbor il-pensjonijiet taz-zijiet kif ukoll il-kirjiet.

Jgħid li d-deheb ta' familtu kien miżmum minn ħuh.

Jikkonferma li z-zijiet tiegħu kellhom post fi Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex, liema post twaqqa' u minfloku telgħu appartamenti li bniehom ħuh il-konvenut. Iżid li huwa ħa appartament u ħanut mentri ħuh ħa appartament.

Jgħid li meta ħuh kien qed jagħmel negozju ta' bini huwa kien jgħaddilu xi flus biex jgħinu. Jgħid li huwa jippretendi li jingħata nofs dawn il-flus lura peress li s-somma intiera kienet ġejja mingħand ommu allura dejjem kellha tinqasam bejnu u bejn ħuh.

Jgħid li ħuh—il-konvenut—qatt ma tah flus sabiex iżommhomlu u huwa anqas qatt iddepożita flus f'xi kont bankarju li żamm għan-nom ta' ħuh.

Jgħid li ma jaf b'ebda investimenti.

**In kontroeżami,**[192] xehed li l-kumpanija *Cerna Company Limited* ma jafx biha. Iżid li hu dejjem iffirma li qallu ħuh. Jgħid li jaf li sar negozju bejn Anthony Saliba u *Neptune's*

[192] Traskrizzjoni a fol. 1137.

*Bar and Restaurant Company Limited*. Iżid li dakinhar inħareġ ċekk iżda la jaf min ħarġu, la x'ammont kien, la mil-liema kont bankarju sar, u anqas jekk issarrafx.

Jgħid li hu jħalli kollox f'idejn ħuh u li jkollu bżonn jieħdu mill-kexxun tar-ristorant.

Jgħid li l-kontijiet tar-ristorant dejjem ħa ħsiebhom ħuh u huwa ma kien jara xejn. Jgħid li r-rikavat tar-ristorant ma kienx jinqasam imma jibqa' fil-kexxun u kulħadd jieħu li jkollu bżonn. Jgħid li ma jafx xi qligħ kien hemm mir-ristorant.

Jgħid li l-kont bankarju fl-Ingilterra kien fuq isem missieru.

Jgħid li l-flus li żbanka ħuh mill-kont bankarju intestat lilu, lil ħuh, u lin-neputi Rodrick ma jafx x'għamel bihom ħuh kif ma jafx x'għamel bi flus minn kontijiet bankarji oħra.

**Patrick Grima**, Assistent Prinċipal fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, xehed[193] li Roża Schembri kienet tipperċepixxi pensjoni bejn l-1995 u l-2002—hija mietet fis-27 ta' Marzu, 2002—b'pagamenti li jsiru fil-ġimgħa. Iżid li dwar dħul qabel l-1995 id-dipartiment ma għandux dettalji għaliex dak iż-żmien ma kellhomx sistema kompjuterizzata.

Jippreżenta dokument li juri l-pensjoni flimkien ma' *bonuses* li pperċepit l-istess Roża Schembri tul iż-żmien indikat.[194]

**Jixhed ulterjorment**[195] li Anthony Schembri li miet fit-18 ta' Marzu, 2001 kien jirċievi pensjoni mill-1995 sal-2001. Iżid li

[193] Traskrizzjoni a fol. 1038.
[194] Rendikont a fol. 1039.
[195] Traskrizzjoni a fol. 1042.

jista' jagħti każ li kien jirċievi anke qabel l-1995 b'dan li d-dipartiment m'għandux tagħrif minn hemm lura.

Jippreżenta dokument li juri l-pensjoni li pperċepixxa Anthony Schembri.[196]

**Joseph Debrincat**, rappreżentant tal-bank *Bank of Valletta*, xehed[197] li f'isem FS, George, u Rodrick Schembri konġuntivament hemm kont bankarju bin-numru jispiċċa 729. Iżid li f'dan il-kont fis-16 ta' Settembru, 2005 ġew trasferiti erbgħa u għoxrin elf erba' mija u tmienja u disgħin lira maltija (Lm24,498). Jgħid li l-bank ma jingħatax raġuni għal tali trasferiment. Jgħid iżda li mid-deskrizzjoni taqra «*capital disposal*» jifhem li dan kien hemm kont mal-bank li nagħlaq bil-bilanċ tiegħu ġie depożitat fil-kont 729.

Jgħid li mbagħad fis-17 ta' Ottubru, 2005 min dan il-kont inġibdet is-somma ta' sitta u għoxrin elf ħames mitt lira maltija (Lm26,500) u dan minn ċertu «FS».

Jgħid li l-kont ingħalaq fit-23 ta' Ottubru, 2006 bi żbank ta' erbatax-il elf ħames mija u wieħed lira maltija (Lm14,501). Iżid li m'għandux tagħrif dwar min għamel dan l-iżbank.

Jgħid li s-soċjetà *Vilhena Malta Government Fund* hija sussidjarja tal-bank. Jixhed għalhekk li ottjena informazzjoni li f'Settembru, 2005 fil-kont 729 ġiet depożitata s-somma ta' sitt elef seba' mija u ħamsa u ħamsin lira maltija (Lm6,755) li kienet ir-*redemption payment* ta' investiment li oriġinarjament nxtara għal ħamest elef tmien mija u ħamsa u sebgħin lira maltija u erba' u ħamsin ċenteżmu (Lm5,875.54ċ) u li ġie magħluq.

[196] Rendikont a fol. 1043.
[197] Traskrizzjoni a fol. 1040 u 1041.

**L-Avukat Dr Simon Schembri**, in rappreżentanza *Crystal Finance Investments Limited*, xehed[198] li l-konvenut għamel diversi i tramite l-kumpanija rappreżentata minnu.

Jippreżenta dokumenti relattivi għall-istess li juru wkoll il-manjiera kif għaddew il-flus mingħand il-konvenut lejn il-kumpanija; jekk hux f'kontanti, ċekk, jew *bank transfer*.[199]

Iżid li l-ewwel investiment f'isem il-konvenut sar fil-5 ta' Lulju, 2012.

Jispjega li l-investimenti li pparteċipa fihom il-konvenut jaħdmu b'sistema ta' kupuni li malli jimmaturaw il-konvenut jista' jew jerġa jinvestihom jew jieħu pagament b'ċekk.

**In kontroeżami**,[200] jixhed li l-*account* kien *busy* fis-sens li l-konvenut kien jagħti struzzjonijiet varji kemm ta' re-investiment kif ukoll meta ddeċieda jiġbor pagamenti ta' kupuni li mmaturaw.

**L-Avukat Dr Joseph Grech**, in rappreżentanza tal-Awtorità Maltija għat-Turizmu, xehed[201] li preżenzjalment il-liċenzji ta' *Neptune's Bar and Restaurant*, Marsalforn, m'huma qegħdin fuq ebda waħda mill-partijiet kontendenti. Iżid li huma għandhom *records* li jmorru lura sal-2003 u minn dakinhar il-liċenzji qatt ma kienu fuq xi parti kontendenti. Jgħid li fil-fatt il-liċenzji kienu fuq George Schembri u baqgħu jsejħu lilu.

Jippreżenta kopja tad-dokumenti relattivi.[202]

---

[198] Traskrizzjoni a fol. 1516 sa 1521.
[199] Dokumenti a fol. 1529 sa 1601.
[200] Traskrizzjoni a fol. 1521 sa 1528.
[201] Traskrizzjoni a fol. 1602 sa 1605.
[202] Dokumenti a fol. 1606 sa 1624.

**Martin Bajada**, in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Artijiet, xehed[203] li bħala permessi dwar *encroachment* ta' art pubblika għall-użu mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant*, Marsalforn, l-ewwel li nħareġ kien permess tal-1969 għall-sitt (6) imwejjed. Jispjega li dak iż-żmien kienu jaħdmu bin-numru ta' mwejjed aktar milli żona. Jgħid li dan kien inħareg lil George Schembri.

Iżid li fl-1977 inħareġ permess ġdid ukoll fuq George Schembri b'wara dan inħarġu permessi fl-1985, 1986, 1996, u 2009 ilkoll fuq George Schmebri. Iżid li f'dan tal-aħħar inbiddlu l-konfini tal-*encroachment* b'dan li hawnhekk bdew jagħtu *area* mhux numru ta' mwejjed.

Jgħid li fuq il-konvenut ħareġ biss permess għal tinda u dan l-ewwel darba kien fl-2013.

Jesibixxi dokumentazzjoni relattiva.

**In kontroeżami**,[204] xehed li l-permessi dejjem inħarġu fuq isem personali ta' George Schembri għajr għal darba fejn inħargu fuq Joseph Schembri u darb'oħra fejn issemmiet kumpanija. Jgħid li dettalji tal-kumpanija m'għandux. Iżid li dawk dwar it-tinda nħarġu fuq FS.

Jgħid li kemm il-permessi ta' *encroachment* kif ukoll dawk ghat-tinda jingħataw minn sena għal sena u jistgħu jigu terminati meta l-Gvern irid.

**Eżaminat mill-perit tekniku Vincent Ciliberti**, xehed[205] li normalment jekk isiru applikazzjonijiet minn persuni differenti huwa jara jekk humiex b'xi mod konnessi bħal tramite kumpanija jew għax imexxu negozju flimkien. Iżid

[203] Traskrizzjoni a fol. 1625 sa 1628.
[204] Traskrizzjoni a fol. 1628 u 1629.
[205] Traskrizzjoni a fol. 1630 sa 1634.

li f'dan il-każ il-permessi nħarġu fuq persuna mhux kumpanija.

**In kontroeżami ulterjuri**, xehed[206] li tenut kont ta' meta twieled hu l-konvenut, is-sur George Schembri li semma qabel ma jiġix ħuh iżda jista' jkun xi antenat ieħor tiegħu.

Jaqbel li permess jibqa' jiġġedded sakemm jew jiġi rtirat mill-Gvern jew jiġi rinunzjat minn min qiegħed f'ismu. Iżid li l-permessi kollha, sew dawk li nħarġu fuq kwalunkwe George Schembri kif ukoll dawk li nħarġu fuq FS huma lkoll marbuta mar-ristorant *Neptune's*.

Jgħid li l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex saret it-tinda li għaliha huma ħarġu permess fuq il-konvenut iġib in-numru 02241/05.

Jgħid li preżenzjalment m'hemmx permess għat-tinda għax dan għalaq fl-2014. Iżid li tista' terġa' ssir applikazzjoni b'talba għat-tiġdid. Iżid li hija fid-diskrezzjoni tad-dipartiment jekk iġeddidx jew le.

**Din il-Qorti kif presjeduta rat ukoll** ir-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti u l-perit awditur Vincent Bonello kif preżentata nhar is-6 ta' Lulju, 2018.[207]

Il-ħatra tal-perit tekniku u dak awditur kienet sabiex l-istess:

i. Jagħtu valur lill-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwsiti eżistenti bejn il-partijiet kontendenti skont kif likwidata fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament

---

206 Traskrizjzoni a fol. 1634 sa 1651.

207 Relazzjoni a fol. 1678 sa 1734 b'dokumenti varji a fol. 1736 sa 1947 u dokumenti relattivi għall-proċeduri segwiti mill-perit tekniku u l-awditur a fol. 1948 sa 2015.

presjeduta mogħtija nhar it-13 ta' Lulju, 2012 u kkonfermata fl-appell nhar il-31 ta' Mejju, 2013, u;

ii. Jitħejja pjan ta' diviżjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti.

Fir-relazzjoni tagħhom, l-esperti maħtura mill-Qorti kif diversament presjeduta, wara li żammew sensiela ta' seduti u aċċessi, attendew għas-seduta miżmuma quddiem il-Qorti kif diversemant presjeduta nhar l-20 ta' Frar, 2015—fejn ġew mistiedna lkoll sabiex jagħmlu domandi lix-xhieda relattivi—u kkunsultaw l-atti proċesswali, ikkunkludew illi:

i. F'varji istituzzjonijiet finanzjarji u banek il-partijiet kontendenti kellhom depożitati/investiti bejniethom is-somma ta' **€1,168,082.36**;[208]

ii. Il-proprjetà immobbli tikkonsisti fis-segwenti u hija valutata kif ser jingħad:

   1. Nofs indiviz (½)—mill-fond numru 4—ġa 15—fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex—li eventwalment kien sar parti mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant*—stmat fil-valur ta' **€85,000**;

   2. Enfitewsi perpetwa tal-arja li fuqha nbnew tliet (3) appartamenti fi Triq Ġdida fi Triq il-Bajja tax-Xwejni fix-Xwejni, Għawdex. Hawnhekk il-valur ingħata għal żewġ appartamenti bl-arja tagħhom fis-somma kumplessiva ta' **€190,000**—€80,000 kull appartament u €30,000 għall-arja;

[208] Ref. paġna 45 tar-relazzjoni a fol. 1722 tal-proċess.

3. Qabar numru 767 fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija limiti tar-Rabat, Għawdex—stmat fil-valur ta' **€2,500**;

4. Nofs indiviż (½)—tal-garaxx b'żewġ (2) bibien immarkati 2 u 3 u formanti parti mill-blokka magħrufa bl-isem «Ta' Marcell Court» fi Triq Manwel Magro, Marsalforn—stmat fil-valur ta' **€45,000**;

5. Nofs indiviz (½)—ta' kamra bla numru fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex—li eventwalment kien sar parti mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant* – stmat fil-valur ta' **€65,000**;

6. Id-dar bil-garaxx, bla numru, bl-isem «Redentur», fi Triq Mattia Preti, ir-Rabat, Għawdex. Dan il-post beda bħala sit li l-konvenut ħa ma' għarusa li kellu qabel l-attriċi mingħand id-Dipartiment tad-Djar u li żviluppa f'dar qabel iżżewweg lill-attriċi. B'dan iżda li l-kuntratt relattiv li ġie esibit in atti juri li l-enfitewsi perpetwa bejn id-Dipartiment tad-Djar u l-konvenut ġiet iffirmata fl-14 ta' Novembru, 1984 u allura wara ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi li seħħ fit-3 ta' Ġunju, 1984. Oltre minn hekk iċ-ċens ġie mifdi fid-29 ta' Marzu, 1995. Id-dar ġiet għalhekk meqjusa parti mill-komunjoni tal-akkwisti bil-konvenut iżda, ġie meqjus bħala li għandu kreditu parafernali favur tiegħu kemm għal dak li jirrigwarda l-ħlas lura tas-self li kien ħa mingħand *Lohombus Corporation* kif ukoll dak li jirrigwarda l-bini u tagħmir tal-istess dar. Din id-dar ġiet stama fil-

valur ta' **€186,349.51** b'dan il-valur mogħti għas-sena 1983 u jinkludi fih l-ispejjeż biex ġiet mghammra l-istess dar kif ukoll il-ħlas lura tas-self meħud fir-rigward u x-xogħol manwali tal-konvenut sabiex inbniet id-dar;

7. Ottav indiviż (1/8)—mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant* fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex—stmat fil-valur ta' € **120,000**;

7(a) kwart indiviz (¼ )—mill-fondi bin-numri 9 u 10 fi Triq il-Lvant, Valletta, Malta—**il-perit tekniku hawnhekk indika li ma rnexxilux jottjeni l-informazzjoni neċessarja sabiex jivvaluta dawn l-ambjenti**;

8. Nofs indiviż (½)—tad-drittijiet ereditarji li kellhom Antonio u Rosa aħwa Schembri mis-suċċessjonijiet ta' Francesco Schembri, Grazia Schembri, George Spiteri u Loreta Spiteri–stmat fil-valur ta' **€180,000**;

9. Nofs indiviz (½ )—tad-dirett dominju u assoluta proprjetà u taċ-ċens annwu u temporanju tal-fondi numri 3 u 4, Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex—hawnhekk kien fadal x'jiġi stmat bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti biss l-arja ta' fuq it-tielet sular li nżammet in komun bejn l-aħwa FS—konvenut—u George Schembri. Din ġiet stmata fil-valur ta' **€60,000**;

10. Bini konsistenti f-appartamenti u ħwienet fi Triq Ulisse, Marsalfron, Għawdex li nbena

minflok il-fondi numri 9, 10, u 11—stmat fil-valur ta' **€180,000**;

11. Alterazzjonijiet strutturali estensivi fir-ristorant ta' Triq Marina, Marsalforn, Għawdex u r-rennovar tal-istess f'żewg okkazjonijiet—kollox stmat fil-valur ta' **€240,000**;

12. Bini ta' tliet (3) appartamenti fuq l-arja sovrastanti l-garaxx fi triq ġdida li tisporġi fi Triq ix-Xwejni, ix-Xwejni, Għawdex. Il-perit tekniku hawnhekk illikwida x-xogħol manwali tal-konvenut sabiex għamel dan il-bini u dan fil-valur ta' **€25,000**;

13. Bini konsistenti fi tliet (3) sulari u *semi-basement* fi Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex li sar minflok il-fondi numru 3 u 4. Hawnhekk ukoll, il-perit tekniku llikwida x-xogħol manwali tal-konvenut sabiex għamel dan il-bini u dan fil-valur ta' **€ 37,000**;

iii. Il-proprjetà mobbli tikkonsisti fis-segwenti u hija valutata kif ser jingħad:

1. Il-vettura tal-marka «Toyota» mudell «Corolla» bin-numru ta' reġistrazzjoni LCI-716 tas-sena 2004—stmata fil-valur ta' **€4,700**;

2. Il-vettura tal-marka «Isuzu» mudell «CFR» bin-numru ta' registrazzjoni JBB-563 tas-sena 1998—stmata fil-valur ta' **€2,700**;

3. Il-lanċa ta' 41" bl-isem «Peppina» u bin-numru ta' reġistrazzjoni MFA-0384—stmata fil-valur ta' **€160,000**;

4. Il-lanċa ta' 21½" bl-isem «Nettuno» u bin-numru ta' reġistrazzjoni MFA-0356—stmata fil-valur ta' **€42,000**;

5. Il-frejgatina ta' 16", bla isem, u mhux reġistrata—stmata fil-valur ta' **€1,630**;

6. Deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż kif depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti fil-21 ta' Diċembru, 2006 fl-atti tal-Ittra (Qorti tal-Familja) numru 86/2006PC. Il-perit tekniku hawnhekk indika li ma ngħatax l-opportunità jara dawn l-effetti u għalhekk ma setax jagħti valur għalihom;

7. L-avvjament tan-negozju *Neptune's Bar and Restraunt*—stmat fil-valur ta' €460,000.

Il-periti, apparti li ħallew xi oġġetti mhux stmati kif fuq indikat, inkludew fl-istima tagħhom il-vettura tal-marka «Renault» u mudell «Clio» bin-numru ta' reġistrazzjoni KBI-561 li l-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 kienet eskludiet mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-periti jagħmluha ċara li huma kkunsidraw il-komunjoni tal-akkwisti bħala terminata nhar it-2 ta' Marzu, 2010 ai termini tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat deċiżjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta dwar l-istess terminazzjoni.[209]

Wara dawn il-kusiderazzjonijiet tagħhom, il-perit tekniku Vincent Ciliberti għadda sabiex ħejja pjan ta' diviżjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.[210]

---

[209] Paġna 18 tar-relazzjoni a fol. 1695 tal-proċess.
[210] Ref. dikjarazzjoni fl-aħħar paragrafu tal-paġna 16 tar-relazzjoni —a fol. 1693 tal-proċess— u pjan ta' diviżjoni a fol. 1721 sa 1724. Pjan proprju a fol. 1779.

**B'risposta għad-domandi in eskussjoni magħmula lill-perit tekniku Vincent Bonello mill-konvenut**, il-perit tekniku jiddikjara li huwa qies is-sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-13 ta' Lulju, 2012 bħala dik finali fir-rigward tal-konsistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Jiddikjara wkoll li huwa għamel l-eżerċizzji indikati fl-istess sentenza sabiex wasal għaċ-ċifri li wasal għalihom.

Jiddikjara ulterjorment li irrispettivament minn fejn ġew il-flejjes li nstabu akkont tal-partijiet jew min minnhom, il-kontijiet ġew ilkoll indikati fis-sentenza msemmija kif konfermata fl-appell.

Dwar id-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti—it-2 ta' Marzu, 2010 skont is-sentenza tal-appell kif ukoll id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn tat struzzjonijiet lill-periti teknici—jgħid li huwa kkunsidra biss l-assi indikati fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012.

Mistoqsi dwar sehem li seta' kellu t-terz George Schembri, hu l-konvenut, jgħid li huwa ha biss in kunsiderazzjoni l-assi finanzjarji msemmija fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012.

**B'risposta għad-domandi in eskussjoni magħmula lill-perit tekniku Vincent Ciliberti mill-konvenut**, il-perit tekniku jiddikjara li fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu sabiex wasal għall-valuri li ta' lill-proprjetajiet varji huwa straħ fuq l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Qorti kif ukoll ix-xhieda miġjuba u l-informazzjoni miġbura. Dwar il-valur tal-avvjament tan-negozju jgħid li hawnhekk kin ukoll assisti mill-perit tekniku l-ieħor.

Jinsisti li huwa vvaluta biss il-proprjetà indikata fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 kif konfermata fl-appell.

Jgħid li l-valutazzjonijiet u l-pjan ta' diviżjoni jirriflettu wkoll l-krediti parafernali riservati favur il-konvenut fid-deċiżjoni tat-13 ta' Lulju, 2012.

Jiddikjara li kif imnissel fir-relazzjoni, il-valur ta' mija u sitta u tmenin elf tliet mija u disa' u erbgħin ewro (€186,349) attribwit lid-dar «Redentur», Triq Mattia Preti, ***jinkludi*** *spejjeż biex saru l-basic finishes tagħha, ilħlas tal-loan mal-Lohombus Corporation magħmul mill-konvenut, u x-xogħol manwali magħmul mill-konvenut sabiex inbena l-fond*. Iżid li ma jħossx li għandu jagħti valur tal-proprjetà llum.

Dwar l-arja tal-bejt fuq il-bini fi Pjazza San Ġorġ, jgħid li l-valur ta' sittin elf ewro (€60,000) huwa fl-ismijiet tal-persuni msemmija.

Jiddikjara li l-vettura *Renault* ġiet inkluża erronjament stante li din tidher ċar li tappartjeni lit-terz George Schembri.

Jiddikjara li l-valuri attribwiti liż-żewġ laneċ u l-frejgatina ġew kalkolati abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet tagħhom.

Jikkonkludi li ma jħossx li għandu jsir bdil fil-pjan ta' diviżjoni għajr għar-rimozzjoni tal-vettura *Renault* li ġiet erronjament valutata bħala proprjetà tal-konvenut.

**In eskussjoni ulterjuri**,[211] xehdu li huma esegwew dak li ġie mitlub minnhom ossia: il-likwidazzjoni tal-assi msemmija fid-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012. Bħala

[211] *Viva voce* quddiem l-assistentt ġudizzjarju l-Avv. Dr A. Mifsud Bonnici—traskrizzjoni a fol. 2108 sa 2116.

ishma f'kumpaniji jixhed il-perit tekniku Vincent Bonello u jispjega x'ikkalkula.

Il-perit tekniku Vicnent Bonello jixhed ukoll li huwa eżamina l-flejjes depożitati iżda ma kkonstatax kemm kien ikun hemm imgħax fuqhom kieku baqgħu f'posthom. Iżid li wieħed irid jara jekk il-flejjes għadhomx fil-fatt jeżistu. Jgħid li bħala stat ta' fatt jekk kien hemm *fixed deposit* fuqu kien hemm telf però huwa ma jistax jgħid kemm kien it-telf.

Dwar il-valur tal-avvjament tar-ristorant l-istess perit Bonello jgħid li dan wasslu għalih wara li kkunsidraw il-lokalità u l-pożizzjoni tar-ristorant kif ukoll in-numru ta' imwejjed meqjusa tmenin fil-mija (80%) mimlija. Iżid li hawn kien konservattiv ħafna.

Il-perit tekniku Vincent Ciliberti jixhed li l-valuri kollha mogħtija huma sat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

**Din il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni tal-epsert ġojjellier Mark Vassallo datata t-12 ta' Marzu, 2021**.[212] F'din ir-relazzjoni l-espert wara li aċċeda għad-deheb miżmum taħt l-awtorità tal-Qorti evalwa l-istess mingħajr iżda ma ħejja pjan ta' diviżjoni.

## Ċ. IKKUNSIDRAT:

B'din l-istanza, l-attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha l-konvenut, tillikwida l-istess billi tiddikjara l-konsistenza tal-assi tagħha u, konsegwentement, tgħaddi

[212] Relazzjoni a fol. 251 sa 278 u għal darb'oħra f'envelop kannella a fol. 310 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.

sabiex tordna d-diviżjoni tagħha billi tassenja nofs l-attiv u l-passiv riżultanti lilha.

Il-konvenut laqa' għal dan billi qajjem diversi eċċezzjonijiet preliminari dwar il-validità tar-rikors promotur—eċċezzjonijiet numri 1 sa 6. Oltre minn hekk, eċċepixxa li t-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi miċħuda stante li huwa qatt ma pperikola l-istess b'amministrazzjoni ħażina tagħha—eċċezzjoni numru 7—b'dan li oppona għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti—eċċezzjoni numru 8.

B'deċiżjoni parzjali mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-12 ta' April, 2007 ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet preliminari—eċċezzjonijiet numri 1 sa 6—tal-konvenut dwar il-validità tar-rikors promotur kif propost bil-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.[213]

B'deċiżjoni parzjali ulterjuri mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar is-16 ta' Settembru, 2009 ġiet milqugħa l-ewwel talba attriċi b'dan li l-Qorti ddikjarat terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti bit-terminazzjoni ssir effettiva meta l-istess deċiżjoni parzjali ssir *res judicata*. Il-Qorti ċaħdet għalhekk il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut b'dan li ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi.[214]

Minn din it-tieni deċiżjoni parzjali sar appell mil-konvenut li ġie deċiż kontra tiegħu nhar it-2 ta' Marzu, 2010 bid-

[213] Kopja tad-deċiżjoni parzjali tinsab a fol. 29 sa 32.
[214] Kopja tad-deċiżjoni parzjali tinsab a fol. 843 sa 857.

deċiżjoni parzjali dwar it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti b'hekk saret *res judicata* dakinhar stess.[215]

Wara dan, ingħataw diversi opportunitajiet lill-partijiet sabiex iressqu provi dwar il-konsistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bl-imġieba tal-konvenut dejjem kienet waħda ta' reżistenza kif jirriżulta ben tajjeb mill-assjem tal-atti iżda wkoll mis-sinteżi tax-xhieda tiegħu hawn aktar 'il fuq ripurtata u ċċitata wkoll estensivament fid-deċiżjonijiet parzjali surreferiti.

B'dan illi, b'deċiżjoni parzjali ulterjuri, ukoll mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, din id-darba nhar it-13 ta' Lulju, 2012 intlaqat it-tieni talba attriċi b'dan li ġiet stabbilita il-konsistenza tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti mid-data taż-żwieġ tagħhom sad-data tal-effettiva terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Din id-deċiżjoni nisslet ukoll sensiela ta' debiti parafernali li skontha kien għad kellhom jiġu likwidati inkluż permezz ta' periti nominandi.[216]

Minn din it-tielet deċiżjoni parzjali wkoll sar appell mill-konvenut li wkoll ġie miċħud b'dan li l-atti ġew rinvijati lura lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi l-unika talba attriċi rimanenti, ossia; it-tielet talba għad-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.[217]

Għal dan il-għan, ġew maħtura l-periti tekniċi Vincent Ciliberti u Vincent Bonello li ħejjew relazzjoni tagħhom ibbażata fuq il-konsistenza tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti kif elenkati fid-

---

[215] Kopja tad-deċiżjoni tal-appell a fol. 901 sa 913.
[216] Kopja tad-deċiżjoni parzjali tinsab a fol. 1194 sa 1223.
[217] Kopja tad-deċiżjoni tal-appell tinsab a fol. 1275 sa 1281.

deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012; issa kkonfermata wkoll fl-appell.

Sabiex jespliċitaw l-inkarigu tagħhom, l-istess periti tekniċi eżaminaw il-provi prodotti in atti, żammew aċċessi varji, ġabru provi ulterjuri u, tenut kont ukoll tal-kwistjonijiet kollha u d-diffikultajiet li rriskontraw—speċifikatament bl-imġiba tal-konvenut—waslu għar-relazzjoni tagħhom.[218]

Din il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tosservax l-imġiba konsistenti tal-konvenut, inkluż kif diġà ripurtat fis-sentenza parzjali tas-16 ta' Settembru, 2009, fejn il-konvenut deher kompletament indispost f'li jressaq informazzjoni mitluba minnu, kemm mill-esperti tekniċi iżda wkoll mill-Qorti. Tant li din il-Qorti kif diversament presjeduta waslet sabiex b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2014, iddikjarat il-provi tal-konvenut dwar allegati krediti parafernali magħluqa. Wara dan, il-konvenut xorta waħda ngħata l-opportunità jressaq dokumenti u dan permezz tal-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Frar, 2015 iżda anke hawnhekk naqas milli jagħmel dak propost minnu u awtorizzat mill-Qorti tant li fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2015 il-Qorti kif diversament presjeduta għal darb'oħra ddikjarat li ma kienx baqa' provi x'jitressqu b'dan li awtorizzat lill-periti tekniċi jgħaddu għar-relazzjoni tagħhom fil-parametri tad-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012 u filwaqt li jqisu bħala d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet viġenti bejn il-partijiet kontendenti dik tat-2 ta' Marzu, 2010.[219]

[218] Kopja tar-relazzjoni tinsab a fol. 1678 sa 1734 b'dokumenti varji a fol. 1736 sa 2015.
[219] Verbali relattivi u fol. numri tagħhom ilkoll enunzjati fil-parti preliminari ta' din id-deċiżjoni.

Minn hawnhekk 'il quddiem, l-attriċi rrimettiet ruħha għar-relazzjoni tal-periti tekniċi għajr għal talba tagħha[220] sabiex mal-valuri hemm indikati jiġu inklużi valuri addizzjonali relattivament għal:

i. deheb oltre dak depożitat il-Qorti fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 86/2006/PC—talba li ġiet indirizzata minn din il-Qorti bid-digriet tal-20 ta' Diċembru, 2019[221] fejn din il-Qorti rriteniet li għal finijiet ta' din l-istanza, id-deheb li effettivament jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti huwa dak depożitat taħt l-awtorità tagħha u xejn aktar;

ii. ishma fil-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*—talba li ġiet irtirata mill-istess attriċi f'żewġ rikorsi ulterjuri tagħha;[222]

iii. ħlas ta' mgħax fuq valuri żbankati mill-konvenut waqt li kienet tissussisti l-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn martu l-attriċi;

iv. ħlas mill-konvenut ta' nofs il-qligħ rikavat minn negozju tiegħu ta' sajd kif ukoll ta' ħsarat li seħħew fuq il-lanċa «Peppina» meta din tħalliet mitluqa f'*hard standing facility* f'Marsaskala, Malta.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut għamel diversi allegazzjonijiet dwar nuqqasijiet fir-relazzjoni tal-periti tekniċi b'dawn iżda ġew indirizzati mill-istess periti tekniċi fl-eskussjonijiet varji tagħhom filwaqt li talbiet ripetuti tal-konvenut li saħansitra wasslu għall-ħatra ta' periti perizjuri ma ġewx segwieti minnu bil-ħlas ta' depożitu akkont tad-drittijiet talvolta dovuti lill-istess periti perizjuri b'dan li l-

[220] Talba inkluża, *inter alia*, f'nota tal-attriċi a fol. 2135 sa 2142.
[221] Digriet a fol. 73 u 74 ta' proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[222] Rikors a fol. 197 u 198 u ieħor a fol. 200 u 201.

inkarigu tal-istess periti perizjuri ġie għalhekk itterminat b'digriet tal-14 ta' Ġunju, 2022.[223]

B'dan illi sabiex tasal għad-disponiment tat-tielet talba attriċi din il-Qorti għandha biss quddiemha r-relazzjoni tal-periti tekniċi Vincent Bonello u Vincent Ciliberti. Għandha wkoll relazzjoni ulterjuri mħejjija mill-espert ġojjellier Mark Vassallo.[224]

Sabiex tasal għall-ispliċitazzjoni ta' dak imħolli lilha, ossia d-deċiżjoni dwar it-tielet talba attriċi, din il-Qorti sejra tagħmel osservazzjonijiet tagħha billi tikkunsidra l-konsistenza tal-assi talvolta formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet qabel viġenti bejn il-partijiet kontendenti bl-istess enumerazzjoni stipulata fid-deċiżjoni tat-13 ta' Lulju, 2012. Dan stante li l-periti tekniċi għamlu l-istess ħaġa u għalhekk huwa konvenjenti li jsir hekk, anke fl-interess tal-kjarezza.

Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mogħtija nhar it-13 ta' Lulju, 2012 iddisponiet mit-tieni talba attriċi billi elenkat il-konsistenza tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti bħala:

**Immobbli:**

1. *L-immobbli huma dawk li ġew elenkati taħt l-intestatura (1)* ***Immobbli*** *bin-numri 1 sa 9; kif ukoll dawk elenkati taħt l-intestatura numru (2)* ***Bini li sar matul iż-żwieġ*** *bis-sub-artikoli (a) sa (d).*

Dawn jikkonsistu allura f'li jsegwi:

223 Digriet a fol. 363 u 364 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti,

224 Relazzjoni a fol. 251 sa 278 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti. L-istess relazzjoni hija disponibbli għal darb'oħra f'envelop kannella a fol. 310 tal-istess proċess.

*Proprjetajiet immobbli li fuqhom kien hemm qbil bejn il-partijiet:*

1. Nofs indiviż tal-fond numru 4—ġa numru 15—fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex li llum jifforma parti mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant*. Il-periti tekniċi stmaw dan is-sehem għal ħamsa u tmenin elf ewro (€85,000);

2. Enfitewsi perpetwa tal-arja li fuqha nbnew appartamenti fi Triq Ġdida fi Triq il-Bajja tax-Xwejni, ix-Xwejni, Għawdex. Il-periti tekniċi stmaw l-istess għal mija u disgħin elf ewro (€190,000);

3. Qabar numru 767 fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija, limiti tar-Rabat, Għawdex. Il-periti tekniċi stmawh għal elfejn ħames mitt ewro (€2,500);

4. Nofs indiviż ta' garaxx b'żewġ bibien immarkati 2 u 3 u formanti parti mill-binja magħrufa bl-isem «Ta' Marcell Court», fi Triq Manwel Magro, Marsalforn, Għawdex. Il-periti tekniċi stmaw dan is-sehem għal ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000);

5. Nofs indiviż ta' kamra bla numru fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex li llum tifforma parti mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant*. Il-periti tekniċi stmaw dan is-sehem għal ħamsa u sittin elf ewro (€65,000).

*Proprjetajiet immobbli li dwarhom ma' kienx [sic] hemm qbil bejn il-partijiet bil-Qorti kif diversament presjeduta iżda qisiet l-istess bħala parti mil-komunjoni tal-akkwisti wara li ghamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha kif konfermati ukoll fl-appell:*

6. Id-dar bil-garaxx, bla numru u bl-isem «Redentur», fi Triq Mattia Preti, ir-Rabat, Għawdex. Il-Qorti kif

diversament presjeduta hawnhekk tat struzzjonijiet sabiex jiġi likwidat kreditu li ċertament kellu favur tiegħu l-konvenut peress li din id-dar inbniet minnu u huwa ħa self mingħand *Lohombus Corporation* fir-rigward. Din l-osservazzjoni l-istess Qorti għamlitha kemm taħt l-intestatura (1) Immobbli, fil-paragrafu 6 kif ukoll fil-paragrafu numru 3 tal-parti dispożittiva tad-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012.

Min-naha tagħhom, il-periti tekniċi kkonstataw il-valur ta' din il-proprjetà bħala ta' mija u sitta u tmenin elf tlieta mija u disgħa u erbgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€186,349.51ċ), bil-valur mogħti għas-sena 1983 u fih ***jinkludi*** spejjeż sabiex ġiet kompluta d-dar, ħlasijiet fuq is-self meħud mill-*Lohombus Corporation* magħmula mill-konvenut, u x-xogħol manwali tal-konvenut. Dan l-istess reġa' kkonfermah il-perit tekniku Vincent Ciliberti in eskussjoni.

Id-diffikultà hawnhekk hi li filwaqt li l-valur mogħti mill-periti tekniċi ***jinkludi*** fih il-kreditu parafernali tal-konvenut; dan il-kreditu ma ġiex stabbilit.

Din il-Qorti hija tal-fehma li kellhom ikunu l-partijiet li jinsistu sabiex il-periti tekniċi jiddistingwu bejn il-valuri tal-ispejjeż inkorsi mill-konvenut, is-self imħallas minnu, u x-xogħol manwali tiegħu sabiex b'hekk jiġi aċċertat l-kreditu parafernali tiegħu. Dan ma sarx u dan anke b'riżultat tar-retticenza tal-konvenut f'li jressaq provi dwar allegati krediti parafernali tiegħu kif diġà ntqal.

Din il-Qorti sejra għalhekk tqis il-valur mogħti mill-periti tekniċi bħala l-valur reali tal-proprjetà fid-data

opportuna għall-eżiġenzi ta' din id-deċiżjoni mingħajr ma tnissel ebda valur dovut lill-konvenut bħala kreditu parafernali tiegħu stante li kien huwa li naqas mill-obbligu tiegħu li jressaq provi f'dan is-sens—nonostante d-diversi opportunitajiet mogħtija lilu mill-Qorti għal dan il-għan—jew jinsisti dwar distinzjoni fil-valuri mingħand il-periti tekniċi, kif fuq ingħad.

7. Taħt dan il-paragrafu, il-Qorti kif diversmanet presjeduta inkludiet żewġ (2) proprjetajiet distinti: sehem ta' ottav indiviz mir-ristorant *Neptune's Bar and Restaurant* fi Triq Marina, Marsalforn, Għawdex kif ukoll kwart indiviż mill-fondi numri 9 u 10 fi Triq il-Lvant, il-Belt Valletta, Malta. Fir-relazzjoni tagħhom il-periti tekniċi qasmu dawn il-proprjetajiet f'żewġ paragrafi; paragrafu numru 7 u pargarfu numru 7a.

Dwar is-sehem ta' ottav indiviż dan ġie stmat mill-periti tkenici fil-valur ta' mija u għoxrin elf ewro (€120,000).

Iż-żewġ proprjetajiet l-oħra ma ġewx valutati mill-periti tekniċi u dan stante li kif irrappurtaw fir-relazzjoni tagħhom ma ngħatawx aċċess għall-proprjetajiet in kwistjoni.

Fil-mori tal-kawża nbiegħ wieħed minn dawn iż-żewġ fondi—il-fond numru 10—u dan b'kuntratt ta' kompravendità tat-30 ta' Jannar, 2020 in atti Nutar Krystle Frendo Galea esibit mill-attriċi.[225] Fuq dan il-kuntratt dehru ż-żewġ partijiet kontendenti bil-fond ġie hemm indikat bħala numru «11» iżda b'atti sussegwenti ġie kjarament u paċifikament stabbilit

[225] Kuntratt ta' kompravendità a fol. 89 sa 93.

bejn il-partijiet li dan jirreferi għall-istess fond li fis-sentenza parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012 huwa indikat bin-numru 10.

Fuq dan il-kuntratt, il-fond numru 10 inbiegħ għall-prezz kumplessiv ta' erbgħin elf ewro (€40,000) bir-rikavat inqasam kif ftiehmu l-partijiet. Madanakollu, u sfortunatament, din il-Qorti m'għandhiex indikazzjoni tal-estent tal-fond numru 9, jew ta' dak numru 10 u dan, anqas fil-kuntratt ta' akkwist li bih l-istess proprjetà ġiet għand il-partijiet kontendenti.[226] B'dan li din il-Qorti ma tistax tippreżumi li l-fond rimanenti fl-assjem tal-assi tal-komunjoni huwa tal-istess valur ta' dak mibjugħ.

B'dan li għaldaqstant din il-proprjetà ser tibqa' eskluża mid-diviżjoni bejn il-partijiet u dwarha ser tittieħed deċiżjoni opportuna fil-parti dispożittiva ta' din id-deċiżjoni.

8. In-nofs indiviż tad-drittijiet ereditarji li kellhom Antonio u Rosa aħwa Schembri mis-suċċessjonijiet ta' Francesco Schembri, Grazia Schembri, George Spiteri, u Loreta Spiteri. Dan ġie stmat mill-periti tekniċi fil-valur ta' mija u tmenin elf ewro (€180,000).

9. In-nofs indiviż tad-dirett dominju u assoluta proprjetà, u taċ-ċens annwu u temporanju tal-fondi bin-numri 3 u 4 fi Pajzza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex.

Irriżulta li dan il-fond twaqqa' u floku nbniet binja ta' tliet (3) sulari u *semi-basement*. B'diviżjoni li saret bejn il-konvenut u ħuh George Schembri l-aħwa żammew

[226] Kuntratt ta' kompravendità tat-22 ta' Jannar, 1988 in atti Nutar Joseph Spiteri—kopja a fol. 998 sa 1002.

> in komun bejniethom il-kantina u l-arja tat-tielet sular, bl-ewwel sular ġie assenjat lil George Schembri u t-tielet sular ġie mibjugħ lil terzi. Aktar tard inbiegħet ukoll lil terzi l-kantina. B'dan li komuni bejn il-konvenut u ħuh George kien allura fadal biss l-arja tat-tielet sular. Din l-arja ġiet stmata mill-periti tekniċi fil-valur ta' sittin elf ewro (€60,000).
>
> In-subizzjoni, il-perit tekniku xehed li dan il-valur ta' sittin elf ewro (€60,000) huwa «*fl-ismijiet tal-persuni msemmija*». B'dan li din il-Qorti tifhem allura li dan il-valur qiegħed nofs bin-nofs bejn il-konvenut u ħuh George Schembri bil-komunjoni bejn il-konvenut u martu l-attriċi allura għandha biss nofs ossia tletin elf ewro (€30,000).

*Bini li sar matul iż-żwieġ:*

Din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma' dak imnissel minnha kif diversament presjeduta taħt l-intestatura numru (2) fid-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012 u sejra għalhekk tirreferi għall-istess intestatura tad-deċiżjoni parzjali preċedenti kif ukoll għal dak imnissal dwar l-istess bini fir-relazzjoni tal-periti tekniċi u tadotta l-valuri indikati mill-periti tekniċi kif imiss.

**Mobbli:**

Dwar il-mobbli, is-sentenza parzjali mogħtija preċedentement—fit-13 ta' Lulju, 2012—minn din il-Qorti kif diversament presjeduta rriteniet li:

> *2. Il-mobbli huma dawk li ġew elenkati taht l-intestatura (3)* ***Mobbli*** *bin-numri (i) sa (viii) bil-mod kif fuq stabbilit.*

Dawn jikkonsistu allura f'li jsegwi:

i. *Vetturi tal-art.* Il-Qorti kif diversament presjeduta hawnhekk identifikat bħala vetturi tal-art formanti parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti żewġ (2) vetturi, ossia: il-vettura tal-marka «Toyota» mudell «Corolla» bin-numru ta' reġistrazzjoni LCI-716 u dik tal-marka «Isuzu» mudell «CFR» bin-numru ta' reġistrazzjoni JBB-563.

Da parti tagħhom il-periti tekniċi fir-relazzjoni tagħhom inkludew il-vettura tal-marka «Renault» mudell «Clio» li fil-fatt fid-deċiżjoni parzjali surreferita ġiet eskluża mill-komunjoni bħala proprjetà ta' terz indipendenti mill-partijiet—George Schembri, ħu l-konvenut.

Dan ġie ċċarat fl-eskussjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti. B'dan li allura l-mobbli u valuri korrispettivi li għandhom jiġu kkunsidrati għan-neċessitajiet ta' din id-deċiżjoni huma dawk relattivi għaż-żewġ (2) vetturi «Toyota» mudell «Corolla» bin-numru ta' reġistrazzjoni LCI-716 u «Isuzu» mudell «CFR» bin-numru ta' reġistrazzjoni JBB-563 li ġew stmati mill-periti tekniċi fil-valur ta' erbat elef seba' mitt ewro (€4,700) u elfejn sebat mitt ewro (€2,700) rispettivament;

ii. *Opri tal-baħar*. L-opri tal-baħar formanti parti mill-assjem tal-komunjoni tal-akkwisti ġew identifikati bħala l-lanċa ta' 41″ bl-isem «Peppina», il-lanċa ta' 21 ½″ bl-isem «Nettuno», u l-frejgatina ta' 16″ mingħajr isem. Dawn ġew stmati mill-periti tekniċi fil-valur ta' mija u sittin elf ewro (€160,000), tnejn u erbgħin elf ewro (€42,000), u elf sitt mija u tletin ewro (€1,630);

iii. *Flus u investimenti.* Il-Qorti kif diversament presjeduta tat rendikont dettaljat tal-flus u investimenti li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti fid-deċiżjoni parzjali precedenti tat-13 ta' Lulju, 2012. Oltre l-fatt li l-istess deċiżjoni hija *res judicata,* din il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn għandu jkun hemm xi dipartiment minn dak hekk dikjarat fl-imsemmija deċiżjoni parzjali preċedenti. Dan nonostante l-varji allegazzjonijiet magħmula mill-konvenut dwar dawn il-flejjes u l-moviment tagħhom stante li l-istess konvenut naqas li b'xi mod jissustanzja l-istess, naqas milli jħallas għall-periti perizjuri li tant dam jitlob għall-ħatra tagħhom, u, malgrad li f'nota tiegħu tat-28 ta' Mejju, 2019 iddikjara li ser jagħmel nota dwar il-finanzi u li qiegħed jipprepara rapport *ex parte* fir-rigward;[227] din in-nota baqa' qatt ma għamilha.

B'dan li allura din il-Qorti tista' komodament tistrieħ fuq il-valutazzjoni tal-perit tekniku Vincent Bonello li wasal għall-valur globali ta' miljun mija u tmienja u sittin elf tnejn u tmenin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,168,082.36ċ) liema valur ma jinkludix fih l-ammont f'poloz ta' assigurazzjoni indikati f'paġna 20 u 21 tas-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 b l-ittri (u) sa (z).[228]

Jiġi osservat ukoll li f'dan il-valur hemm inkluż il-valur tal-ishma f'kumpaniji privati skont l-intestatura (v) a paġna 22 tad-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012 wara li l-perit tekniku ċċara li *Neptune's Catering Limited* u *Cerna Company Limited*

227 Vide nota tal-kovnenut a fol. 2259 u 2260.
228 Ref. paġna 45 tar-relazzjoni a fol. 1722 tal-proċess.

huma l-istess soċjetajiet b'*Cerna Company Limited* kienet bidlet isimha għal *Neptune's Company Limited;*[229]

iv. *Deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż*. Id-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li jifforma parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendneti ġie identifikat fid-deċiżjoni parzjali bħala dak li ġie depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti fil-21 ta' Diċembru, 2006 fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 86/2006/PC. Dan ġie kkonfermat minn din il-Qorti kif presjeduta fid-digriet tal-20 ta' Diċembru, 2019.[230] Dan id-deheb ġie valutat mill-espert ġojjellier Mark Vassallo fir-relazzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu, 2021.[231] Din il-Qorti ser tipprovdi kif imiss dwar dan id-deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż fil-parti dispożittiva ta' din id-deċiżjoni;

v. *Avvjament tan-negozju Neptune's Bar and Restaurant*. Dan ġie valutat mill-periti tekniċi fis-somma ta' erba' mija u sittin elf ewro (€460,000) li għalkemm saru diversi allegazzjonijiet kontra tagħha ma ġietx validament kontestata;

vi. *Krediti lejn l-komunjoni tal-akkwisti*. Din il-Qorti kif diversament presjeduta, fid-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012 iddikjarat bħala dovut lill-komunjoni tal-akkwisti kreditu ta' mitejn u elf ewro (€201,000) liema flejjes kienu nġabru minn kontijiet bankarji varji tul dawn il-proċeduri sabiex inxtrat proprjetà mill-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant*

[229] Ref. l-aħħar paragrafu a paġna 49 tar-relazzjoni—fol. 1726 tal-proċess—u t-tieni pargarfu f'paġna 50 tar-relazzjoni— a fol. 1727 tal-proċess.
[230] Digriet a fol. 73 u 74 ta' proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.
[231] Relazzjoni a fol. 251 sa 278 u għal darb'oħra f'envelop kannella a fol. 310 fi proċess ġdid mibdi quddiem din il-Qorti.

*Company Limited*. L-istess Qorti fid-deċiżjoni preċedenti msemmija ddikjarat li l-movimenti fil-kontijiet ser jittieħdu in kunsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Din il-Qorti tqis li ġaladraba l-kontijiet bankarji ġew ikkunsidrati fil-valuri li fihom nstabu meta xehdu rappreżentanti varji tal-banek u qabel l-allegazzjonijiet li nġibdu xi flejjes fil-mori ta' dawn il-proċeduri; mentri l-ishma fil-kumpaniji ġew ukoll ikkunisdrati mill-periti tekniċi filwaqt li hemm proċeduri għaddejjin f'kawża ta' stralċ tal-kumpanija *Neptune's Bar and Restaurant Company Limited;*[232] dan il-kreditu għandu jiġi kkunsidrat f'tali proceduri;

vii. *Litiġji*. Din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-deċizjoni parzjali preċedenti mogħtija nhar it-13 ta' Lulju, 2012 identifikat il-litiġji bin-numri 100/2006, 90/92, 95/92, u 165/2010 bħala parti mil-komunjoni tal-akkwisti.

Dwar il-krediti parafernali tal-konvenut, is-sentenza parzjali mogħtija preċedentement—fit-13 ta' Lulju, 2012—minn din il-Qorti kif diversament presjeduta rriteniet li:

*3. Illi peress li rriżulta wkoll li l-konvenut għandu xi krediti parafernali li jeħtieġ li jittieħdu in kunsiderazzjoni meta l-komunjoni tal-akkwisti tkun qed tiġi likwidata, l-istess krediti parafernali tal-konvenut huma dawk u fis-sehem hekk kif indikati fil-paragrafu (ix)(c) fis-sub-artikoli (i) sa (xi). Oltre dan il-konvenut għandu wkoll bħala kreditu parafernali l-ispejjeż li ħareġ għall-bini tad-dar*

[232] Proċeduri 2/2019/JVC.

*matrimonjali, għamara, u l-ħlas tas-elf mal-Lohombus Corporation li sar qabel iż-żwieġ.*

Dawn jikkonsistu allura f'li jsegwi:

i. Bejgħ tal-ħanut numru 4, Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' €9,317.49 u allura elf ħames mija u tnejn u ħamsin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€1,552.92);

ii. Bejgħ tas-sotterran tal-korp ta' bini numru 3, Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12ċ) u allura elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);

iii. Bejgħ tat-terran aċċessibbli mill-bieb numru 16, Carmel Street, ir-Rabat, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' erbat elef sitta usebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€4,076.40ċ) u allura sitt mija u disgħa u sebgħin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€679.45);

iv. Bejgħ tal-appartament numru 3 fil-binja numri 3-4, fi Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' disgħa u għoxrin elf tmien mija u ħmistax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€29,815.98ċ) u allura erbat elef disa' mija u disgħa u sittin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€4,969.33);

v. Bejgħ tal-fond numru 24, Triq Benghazi, Għajnsielem, Għawdex, l-fond numru 8, Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex, u biċċa art b'bini mġarraf

fuqha f'Għajnsielem, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 minn 5/16 ta' mija u sittax-il elf seba' mija u ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€116,701.61) allura sitt elef tmienja u sebgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€6,078.21ċ);

vi. Bejgħ ta' 2/3 indiviż mill-fond numru 85, Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' 5/16 ta' tlitt elef mitejn u wieħed u sittin ewro u tnax-il ċenteżmu (€3,261.12ċ) u allura mija u disgħa u sittin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€169.85);

vii. Bejgħ ta' fond aċċessibbli minn entrata komuni bin-numru 16, Carmel Street, ir-Rabat, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' sebat elef disa' mija u dsatax-il ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€7,919.87) u allura elf tlitt mija u dsatax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€1,319.98);

viii. Bejgħ ta' parti oħra mill-fond 16, Carmel Street, ir-Rabat, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69ċ) u allura mija u erbgħa u disgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€194.12ċ);

ix. Bejgħ ta' remissa bin-numru 14, Carmel Street, ir-Rabat, Għawdex li minnha l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37ċ) u allura tliet mija u tmienja u tmenin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€388.23ċ);

x. Bejgħ ta' *maisonette* bl-arja tagħha fi Triq il-Karmnu, ir-Rabat, Għawdex li minnu l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87ċ) u allura elf disa' mija u wieħed u erbgħin ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€1,941.15);

xi. Bejgħ ta' porzjon art imsejħa «Ta' Taħt is-Sur» fil-limiti tar-Rabat, Għawdex li minnha l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali 1/6 ta' erbat elef erba' mija u ħamsa u għoxrin ewro wieħed u tmenin ċenteżmu (€4,425.81ċ) u allura seba' mija u sebgħa u tletin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€737.64).

Tenut kont tal-fatt li malgrad id-diversi opportunitajiet mogħtija għal dan il-għan, il-konvenut konsistentement naqas milli jġib provi dwar krediti parafernali addizzjonali allegati minnu, l-uniċi krediti parafernali riżultanti huma dawk elenkati *supra* u dan fil-valur globali ta' dsatax-il elf mija u ħamsa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€19,195.57ċ).

Magħdud dan, din il-Qorti tosserva li l-pjan ta' divizjoni propost mill-periti tekniċi sar waqt li l-istess periti tekniċi kienu qegħdin iżommu aċċessi u anke dikussjonijiet b'tama li l-partijiet jaslu għall-ftehim bonarju. B'dan li allura din il-Qorti tħoss li m'għandhiex għalfejn tiddipartixxi minnu għajr għall-korrezzjoni neċessarja relattivament għal:

i. L-inklużjoni erronja tal-vettura tal-marka «Renault» u mudell «Clio» li trid tiġi rimossa, u;

ii. It-tnaqqis tal-valur mogħti mill-periti tekniċi lill-arja rimanenti fuq dak li kien nofs indiviż tal-proprjetà numri 3 u 4 fi Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex,

li kif spjegat *supra* għandu jtinaqqas minn sittin elf ewro (€60,000) għal tletin elf ewro (€30,000).

Fir-rigwrad tal-proprjetà numru 9 Triq il-Lvant, il-Belt Valletta, Malta; dina ma kienx ġie inkluż valur għaliha fl-istess pjan ta' diviżjoni u għalhekk il-Qorti ser tiddosponi minnha kif ser isegwi hawn aktar 'l isfel.

Wara r-rimossjoni tal-vettura tal-marka «Renault» u mudell «Clio» u t-tnaqqis fil-valur relattiv għall-arja rimanenti fuq dak li kien nofs indiviż tal-proprjetà numri 3 u 4 fi Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex minn sittin elef ewro (€60,000) għal tletin elf ewro (€30,000) fil-pjan ta' diviżjoni kif propost mill-periti teknici, it-totali jiġu ta' seba' mija u ħamsa u tmenin elf ħames mija u disgħa u erbgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€785,549.51ċ) favur l-attriċi u miljun mitejn u wieħed u sebgħin elf tliet mija u tletin ewro (€1,271,330.00) favur l-konvenut.

Hanwhekk trid allura titħallas is-somma ta' mitejn u tnejn u erbgħin elf tmien mija u disgħin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (**€242,890.25ċ)** mill-konvenut lill-attriċi sabiex id-diviżjoni proposta mill-periti tekniċi tkun ekwa.

Oltre dan, jibqa' mbagħad:

i. Kwart indiviż tal-fond numru 9, Triq il-Lvant il-Belt Valletta;

ii. €1,168,082.36 fi flus u investimenti;

iii. Id-deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż;

iv. Il-litiġji, u;

v. Il-kreditu parafernali tal-konvenut fil-valur ta' €19,195.57.

Din il-Qorti tosserva wkoll diversi talbiet addizzjonali mressqa mill-attriċi inkluż bir-rikors tagħha tas-7 ta' April, 2015,[233] u n-nota tagħha tal-20 ta' Marzu, 2019[234] b'dan li tali talbiet addizzjonali jeżorbitaw il-kompitu ta' din il-Qorti kif diġà kellha ċ-ċans tiddekreta din il-Qorti kif diversament presjeduta bid-digriet ta' nhar it-23 ta' April, 2015.[235] Semmai, l-attriċi kellha mezzi oħra legali u ġudizzjarji a dispożizzjoni tagħha inkluż sabiex possibbilment iżżid mat-talbiet oriġinali tagħha.

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tielet (3) talba attriċi u konsegwentement:

i. Tadotta d-diviżjoni proposta mill-periti tekniċi Vincent Ciliberti u Vincent Bonello; il-periti tekniċi maħtura f'dawn il-proċeduri, liema diviżjoni tinsab a fol. 1779 tal-proċess;

ii. Konsegwentement għal dak dikjarat fil-paragrafu numru (i), u tenut kont tal-osservazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni; tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u tnejn u erbgħin elf tmien mija u disgħin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (**€242,890.25ċ)** sabiex jiġi ekwiparat il-valur li ser imiss lil kull parti wara d-diviżjoni tal-assi mobbli u immobbli skont il-pjan ta' diviżjoni propost mill-periti tekniċi;

---

[233] Rikors a fol. 1530 sa 1531
[234] Nota a fol. 2135 sa 2142
[235] Digriet a fol. 1535.

iii. Tordna li l-flus u investimenti fil-valur ta' miljun mija u tmienja u sittin elf u tnejn u tmenin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,168,082.36ċ) jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet bl-aħjar mod possibbli tenut kont tan-natura u l-imgħax fuq l-istess;

iv. Tenut kont tal-fatt li l-valur indikat fil-paragrafu (iv) *supra* ma jinkludix fih l-ammont f'poloz ta' assigurazzjoni indikati f'paġna 20 u 21 tas-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 bl-ittri (u) sa (z);[236] dawn l-istess poloz għandhom fejn isejħu bħala benefiċċjarji lil kiunkwe' mill-ulied tal-partijiet kontendenti jiġu likwidati favur l-istess benefiċċjarji mentri fejn isejħu bħala benefiċċjarju lil ħaddieħor jiġu likwidati bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

v. Dwar id-deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż din il-Qorti m'hijiex ser tidħol f'eżerċizzju fejn ser tkun hija li taqsam dawn l-oġġetti li jista' jkollhom valur sentimentali jew personali. B'dan li tordna għalhekk li kwalunkwe oġġetti li fuqhom jidher isem ta' xi parti għandha tmur lill-istess parti. Ir-rimamnenti għandhom jinbiegħu bil-liċitazzjoni bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Għal dan l-għan din il-Qorti qiegħda minn issa tagħti aċċess konġunt fil-preżenza tal-legali tagħhom lill-partijiet f'din il-kawża għall-istess deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż.

vi. Il-litiġji għandhom jipprosegwu kif imiss bir-rikavat jew dejn riżultanti minn kull wieħed jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;

[236] Ref. paġna 45 tar-relazzjoni a fol. 1722 tal-proċess.

vii. Il-kreditu parafernali tal-konvenut kif likwidat fil-valur ta' dsatax-il elf mija u ħamsa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€19,195.57ċ) għandu jitħallas lilu billi jitnaqqas mill-valur minnu dovut lill-attriċi skont id-diviżjoni tal-assi immobbli u mobbli.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**